# EUROJUST

## Rapport Annwali 2013



© Eurojust, 2014

Din il-pubblikazzjoni tkopri l-perjodu 1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013

Numru tal-katalgu: QP-AA-14-001-MT-C
ISBN: 978-92-95084-57-5
ISSN: 1831-4279
DOI: 10.2812/5714

*Għal mistoqsijiet*:

Telefown: + 31 70 412 5000
E-mail: info@eurojust.europa.eu
Sit elettroniku: www.eurojust.europa.eu

# Rapport Annwali tal-Eurojust 2013

Ir-Rapport Annwali tal-Eurojust 2013 ġie tradott mill-verżjoni oriġinali bl-Ingliż għal miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.



Il-missjoni tal-Eurojust hija li tappoġġja u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja li taffettwa l-Unjoni Ewropea

# Werrej


Nota dwar id-Deċiżjoni tal-Eurojust ....... 5
Akronomi u abbrevjazzjonijiet ....... 5
Daħla ....... 7
Sommarju Eżekuttiv ....... 8

**2013 HARSA ĠENERALI ....... 10**

**1. DWAR IL-EUROJUST ....... 12**

1.1. Missjoni, viżjoni, prinċipji ta' gwida ....... 13

1.2. Desks Nazzjonali, il-Kulleġġ, Prosekuturi ta' Kollegament minn Pajjiżi terzi ....... 13
*1.2.1. Kompożizzjoni ....... 13*
*1.2.2. Kompetenzi, kompiti u setgħat ....... 13*
*1.2.3. Governanza u metodi ta' ħidma ....... 14*
*1.2.4. Taħriġ ....... 15*
*1.2.5. L-ENCS u l-fiches suédoises ....... 15*

1.3. Amministrazzjoni tal-Eurojust ....... 15

1.4. L-Eurojust u u n-netwerks tal-prattikanti ....... 17
*1.4.1. Netwerk Ġudizzjarju Ewropew ....... 17*
*1.4.2. Netwerk tal-SIK ....... 18*
*1.4.3. Netwerk tal-Ġenoċidji ....... 18*
*1.4.4. Forum Konsulattativ ....... 19*

**2. KIF JAĦDEM L-EUROJUST ....... 20**

2.1. Laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust ....... 21

2.2. Ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust ....... 23

2.3. Skambju ta' informazzjoni u s-CMS ....... 24
*2.3.1. L-iżvilupp tas-CMS ....... 24*
*2.3.2. Il-formola 'intelliġenti' tal-Artikolu 13 ....... 24*
*2.3.3. Konnessjonijiet bejn l-ENCS u s-CMS ....... 25*

2.4. L-Eurojust u l-SIK ....... 25
*2.4.1. Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet ....... 25*
*2.4.2. Laqgħa annwali tal-Esperti tal-SIK ....... 27*
*2.4.3. Finanzjament/assistenza finanzjarja għall-SIK ....... 27*

**3. ĦIDMA OPERATTIVA TAL-EUROJUST ....... 28**

3.1. Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet f'oqsma ta' kriminalità prijoritarji ....... 29
*3.1.1. It-traffikar ta' droga ....... 29*
*3.1.2. L-immigrazzjoni illegali ....... 30*

*3.1.3. It-traffikar tal-bnedmin* ... *31*
*3.1.4. Il-frodi* ... *32*
*3.1.5. Il-korruzzjoni* ... *33*
*3.1.6. Iċ-ċiberkriminalità* ... *33*
*3.1.7. Il-ħasil tal-flus* ... *35*
*3.1.8. It-terroriżmu* ... *36*
*3.1.9. Il-gruppi ta' kriminalità organizzata (mobbli)* ... *37*

3.2. L-assistenza tal-Eurojust f'oqsma oħra ta' attività kriminali ... 39
*3.2.1. Reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE (reati PIF)* ... *39*
*3.2.2. Reat ambjentali* ... *40*
*3.2.3. Piraterija marittima* ... *41*
*3.2.4. Punt ta' Kuntatt tal-Eurojust għall-Protezzjoni tat-Tfal* ... *41*

3.3. Relazzjonijiet tal-Eurojust ... 42
*3.3.1. Relazzjonijiet ma' Stati terzi u l-organizzazzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea* ... *42*
*3.3.2. L-aġenziji u l-korpi tal-UE* ... *43*

3.4. L-isfidi u l-aqwa prattika fix-xogħol fuq il-każijiet ... 44

**4. Il-fokus tas-sena tal-Eurojust: SIK ta' evalwazzjoni ... 46**

**Tema: Żviluppi leġiżlattivi ... 50**

**Anness 1 - Aċċess pubbliku għad-Dokumenti ... 54**

**Anness 2 - Segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill ... 55**

**Anness 3 - Statistika tal-każijiet tal-Eurojust ... 56**

*Figura 1 – Xogħol fuq il-każijiet mill-2009 sal-2013* ... *56*
*Figura 2 – Każijiet bilaterali u multilaterali mill-2009 sal-2013* ... *56*
*Figura 3 – Każijiet bilaterali u multilaterali miftuħa mill-Istat Membru* ... *57*
*Figura 4 – Stati Membri li għamlu talba/li saritilhom talba* ... *57*
*Figura 5 – Każijiet mill-Prosekuturi ta' Kollegament mill-2009 sal-2013* ... *58*
*Figura 6 – Tipi ta' reati ta' prijorità tal-Eurojust* ... *58*
*Figura 7 – Stati terzi fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet* ... *59*
*Figura 8 – Involviment ta' Stati mhux Membri, imsieħba tal-UE & organizzazzjonijiet internazzjonali fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet* ... *59*
*Figura 9 – Tipi ta' reati ewlenin li jinvolvu Stati terzi* ... *60*
*Figura 10 – Laqgħat ta' koordinazzjoni: Stati Membri* ... *60*
*Figura 11 – Laqgħat ta' koordinazzjoni: Stati mhux Membri, imsieħba tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali* ... *61*
*Figura 12 – Okkorrenza ta' tipi ta' reati f'laqgħat ta' koordinazzjoni* ... *61*
*Figura 13 – Laqgħat ta' koordinazzjoni:* ... *62*
*Figura 14 – L-Eurojust u l-SIK* ... *62*
*Figura 15 – Numru ta' każijiet tal-Artikolu 13* ... *63*
*Figura 16 – Eżekuzzjoni tal-EAWs: Stat Membru li jagħmel talba/mitluba* ... *63*

# Nota dwar id-Deċiżjoni tal-Eurojust

Id-Deċiżjoni tal-Eurojust – id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust – f'dan ir-rapport sejra tissejjaħ id-"Deċiżjoni tal-Eurojust". Verżjoni konsolidata tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, imħejjija mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għal skopijiet ta' informazzjoni biss, hija disponibbli mill-websajt tagħna fuq www.eurojust.europa.eu.

# Akronomi u abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| CMS | Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet |
| EAW | Mandat ta' Arrest Ewropew |
| EC3 | Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità |
| EMPACT | Pjattaforma Multidixxiplinarja Kontra t-Theddid mill-Kriminalità |
| ENCS | Sistema Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Eurojust |
| EPPO | Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew |
| JSB | Awtorità ta' Kontroll Komuni tal-Eurojust |
| MASP | Pjan Strateġiku Pluriennali |
| MLA | Assistenza legali reċiproka |
| MOCG | Grupp tal-Kriminalità Organizzata (Mobbli) |
| MPJM | Moniter Ġudizzjarju tal-Piraterija Marittima |
| MTIC | Frodi tal-Intra-Komunità dwar il-Kummerċjanti Neqsin |
| MtQ | Memorandum ta' Qbil |
| NĠE | Netwerk Ġudizzjarju Ewropew |
| OAP | Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali |
| OCC | Koordinazzjoni tal-Għassa |
| OCG | Grupp tal-Kriminalità Organizzata |
| OLAF | Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi |
| PIF | Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea |
| SIK | Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta |
| SOCTA | Valutazzjoni ta' Theddid Serju mill-Kriminalità Organizzata |
| TCM | Moniter tal-Kundanni Kontra t-Terroriżmu |
| TE-SAT | Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu |
| TFEU | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| THB | It-traffikar tal-bnedmin |




**Aħna nistinkaw biex ikollna l-aqwa riżultati operattivi billi nipprovdu servizzi ta' kwalità għolja li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati**

# Daħla

Bi pjaċir nippreżentaw it-tnax-il Rapport Annwali, li jagħti informazzjoni dwar kif tiffunzjona u taħdem l-Eurojust kif ukoll dwar ix-xogħol fuq każijiet u l-attivitajiet strateġiċi tagħha fl-2013. L-Eurojust saret attur ewlieni rikonoxxut fl-appoġġ tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda tagħhom kontra każ serju ta' kriminalità transkonfinali. L-esperjenza u l-kompetenza tagħna miksuba tul eżistenza ta' iktar minn 11-il sena huma ta' valur miżjud għall-prosekuturi nazzjonali u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi meta jindirizzaw talbiet ta' assistenza legali transnazzjonali reċiproka, l-applikazzjoni ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku u l-koordinazzjoni ta' każijiet kriminali. In-numru ta' każijiet li għalihom l-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust żdied bi 2.8 fil-mija, minn 1 533 każ fl-2012 għal 1 576 każ fl-2013.

Permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni u ċentri ta' koordinazzjoni, l-għodod uniċi tagħha, l-Eurojust tiġbor flimkien awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji minn Stati Membri u Stati terzi, tiffaċilita l-kooperazzjoni f'azzjonijiet strateġiċi u operattivi, u tirrisolvi diffikultajiet proċedurali u prattiċi li jirriżultaw mid-differenzi fit-30 sistema legali eżistenti fl-Unjoni Ewropea. It-tħassib primarju tal-Eurojust huwa li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-prattikanti, u ttejjeb b'mod kontinwu l-organizzazzjoni u l-appoġġ offruti matul sforzi kkoordinati bħal dawn.

L-Eurojust kompliet l-appoġġ komprensiv tagħha fit-twaqqif u t-tmexxija ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta (SIK) u saħħet ir-rwol tagħha bħala ċentru ta' kompetenza tal-UE fl-SIK. Is-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK fl-Eurojust evolva bħala ċentru ta' informazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-SIK billi jrawwem sinerġiji man-Netwerk tal-Esperti tal-SIK u d-Desks Nazzjonali tal-Eurojust. L-Eurojust kompliet turi l-impenn qawwi tagħha għall-finanzjament tal-SIK għall-benefiċċju dirett tal-prattikanti fl-Istati Membri billi tkopri spejjeż relatati bil-baġit tagħha stess wara li spiċċat il-possibbiltà li tirċievi għotjiet speċjali biex tagħmel dan.



Fl-2013, ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet wera żieda, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet li jinvolvu t-traffikar ta' droga, it-traffikar tal-bnedmin, il-frodi, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus,, reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, u gruppi ta' kriminalità organizzata (mobbli). Minbarra li tindirizza l-prijoritajiet kriminali tal-UE, l-Eurojust għandha l-għan li tirrispondi għal talbiet li ġejjin minn awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għal fenomeni ta' kriminalità ġodda, u biex tipprovdi iktar il-kontribuzzjonijiet tagħha fl-istituzzjonijiet Ewropej meta tirrevedi l-oqfsa legali u ta' politika xierqa.

Minbarra l- *Moniter tal-Kundanni Kontra t-Terroriżmu*, din is-sena nedejna l- *Moniter Ġudizzjarju tal-Piraterija Marittima*. Iż-żewġ pubblikazzjonijiet iservu bħala sorsi ta' informazzjoni għall-prattikanti. It-tliet ħarġiet ta' *Eurojust News* ippubblikati fuq il-websajt tal-Eurojust fl-2013 kienu ddedikati *għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew*, *l-Iskwadri ta' investigazzjoni konġunta*, u *Reat ambjentali*. Dawn il-bullettini jipprovdu informazzjoni dwar il-qafas legali, il-kuntest politiku, kontribuzzjonijiet ta' esperti u r-rwol tal-Eurojust f'oqsma tematiċi speċifiċi.

L-iżvilupp organizzattiv tal-Eurojust inbeda permezz taddħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u l-possibbiltajiet ġodda tiegħu għal, minn naħa waħda, tisħiħ tal-Eurojust, u, minnaħa l-oħra, it-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) *'mill-Eurojust'*. Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet reċiproċi kontinwi tal-implimentazzjoni tal-qafas legali attwali tal-Eurojust fl-Istati Membri sejrin ikunu ċertament spinta oħra importanti għall-iżvilupp tagħha, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-Eurojust, li għandha tiġi kkummissjonata s-sena d-dieħla. F'Lulju 2013, sar pass kruċjali meta l-Kummissjoni Ewropea nediet ir-riforma tal-Eurojust biex ittejjeb il-qafas legali tagħha u finalment issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha. Fl-istess ħin, inbdiet proposta għall-ħolqien tal-EPPO. Iż-żewġ inizjattivi għandhom jiġu żviluppati bħala 'pakkett' biex tiġi żgurata kumplimentarjetà u jiġu evitati lakuni ta' impunità.

Ilqajna l-ewwel Membru Nazzjonali tagħna għall-Kroazja, is-Sur Josip Čule, u bil-ħatra tas-Sur Francisco Jiménez-Villarejo u s-Sur Ladislav Hamran bħala Viċi-Presidenti ġodda, it-Tim ta' Presidenza, flimkien mal-persunal tal-Kulleġġ u tal-Eurojust, jistenna bil-ħerqa 2014 ta' suċċess u produttiv.

***Michèle CONINSX***
*Il-President tal-Eurojust*

# Sommarju Eżekuttiv

- In-numru ta' każijiet li l-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust għalihom fil-ġlieda kontra każ serju ta' kriminalità transkonfinali żdied bi 2.8 fil-mija, minn 1 533 każ fl-2012 għal 1 576 każ fl-2013.
- Il-prattikanti għaqqdu l-użu tal-għodod ta' koordinazzjoni - laqgħat ta' koordinazzjoni, ċentri ta' koordinazzjoni u skwadri ta' investigazzjoni konġunta.

  In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni, 206 b'kollox, żdied, in-numru taċ-ċentri ta' koordinazzjoni baqa' kostanti, b'sebgħa, u n-numru ta' SIK appoġġjati mill-Eurojust kien 102, 42 minnhom kienu SIK ġodda. Is-60 l-oħra kienu SIK minn snin preċedenti, żieda minn 62 SIK fl-2012.
- In-numru ta' każijiet reġistrati rigward l-eżekuzzjoni tal-Mandati ta' Arrest Ewropej kien 217.
- Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet żdied f'dawn l-oqsma ta' kriminalità li ġejjin fl-2013: it-traffikar ta' droga, it-traffikar tal-bnedmin, il-frodi, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, u gruppi ta' kriminalità organizzata (mobbli).
- L-Eurojust organizzat żewġ laqgħat strateġiċi fl-2013:
  - *Frodi fiskali transkonfinali: theddid emerġenti fl-Unjoni Ewropea*, fl-14 u l-15 ta' Novembru, ko-ospitati mal-Presidenza Litwana tal-UE; u
  - *Lejn koordinazzjoni mtejba tal-prosekuzzjonijiet ta' reat ambjentali madwar l-UE kollha: Ir-rwol tal-Eurojust*, fis-27 u t-28 ta' Novembru, ko-ospitati man-Netwerk Ewropew ta' Prosekuturi għall-Ambjent.
- L-Eurojust ospitat żewġ laqgħat tal-Forum Konsultattiv, f'April taħt il-Presidenza Irlandiża tal-UE u f'Diċembru taħt il-Presidenza Litwana tal-UE.
- Il-proġett għall-iżvilupp ta' *Moniter Ġudizzjarju tal-Piraterija Marittima*, li nbeda fl-2012, laħaq l-għan tiegħu fil-pubblikazzjoni tal-ewwel ħarġa f'Settembru 2013. Il-pubblikazzjoni sejra tiġi aġġornata kull 18-il xahar.
- L-Eurojust tappoġġja b'mod attiv kull proġett tal-Pjattaforma Multidixxiplinarja Kontra t-Theddid mill-Kriminalità (EMPACT) għall-iżvilupp tal-prijoritajiet tal-Kunsill. L-Eurojust kienet involuta wkoll fil-preparazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) għaċ-ċiklu l-ġdid tal-politika 2014-2017, u t-trasferiment fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali.
- L-EC3 tal-Europol sar operattiv f'Jannar 2013. L-Eurojust ħatret Membru Nazzjonali fil-Bord tal-Programm u assenjat membru tal-persunal temporanjament fl-EC3.
- L-Eurojust iffirmat ftehim ta' kooperazzjoni mal-Prinċipat tal-Liechtenstein fis- 7 ta' Ġunju 2013.
- L-Eurojust iffirmat Memorandum ta' Qbil mal-Interpol fil-15 ta' Lulju 2013 u mal- Frontex fit-18 ta' Diċembru 2013.
- L-Eurojust ipprovdiet appoġġ finanzjarju lil 34 SIK. Barra minn hekk, tnieda proġett dwar l-evalwazzjoni tal-SIK f'termini tar-riżultati miksuba. Il-ġbir tad-dejta ta' evalwazzjoni sejjer itejjeb it-tiftix għal soluzzjonijiet għal sfidi legali u prattiċi.
- Il-baġit tal-Eurojust għall-2013 kien EUR 32.2 miljun. L-implimentazzjoni tal-baġit kien rekord ta' 99.6 fil-mija.

Nirringrazzjaw lil **Carlos Zeyen**, eks Viċi-President u Membru Nazzjonali għal- *Lussemburgu*, **Lampros Patsavellas**, eks Membru Nazzjonali għal *l-Greċja*, u **Hans-Holger Herrnfeld**, eks Membru Nazzjonali għal *l-Ġermanja*, għall-ħidma u l-kontribut utli tagħhom fl-Eurojust



*C. Zeyen*, 1 ta' April 2007 – 1 ta' Ottubru 2013



*L. Patsavellas*, 1 ta' Ġunju 2005 – 31 ta' Mejju 2013



*H. Herrnfeld*, 1 ta' Settembru 2010 – 31 ta' Mejju 2013

Nirringrazzjaw lil **Raivo Sepp** għall-kontribut eċċellenti tiegħu bħala Viċi-President tal-Eurojust



Viċi-President, 13 ta' Settembru 2007 – 8 ta' Novembru 2013

# 2013
## ħarsa ġenerali



**7 ta' Ġunju Lussemburgu**
*Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Liechtenstein:*



**19 u l-20 ta' Ġunju**
*Laqgħa tattika u strateġika dwar it-terroriżmu: Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008: valur miżjud u impatt*



**is-27 u t-28 ta' Ġunju** *id-9 Laqgħa tal-Esperti tal-SIK*

| JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU | ĠUNJU |
|---|---|---|---|---|---|



**il-11 ta' Frar**
*Żjara lill-Kumitati LIBE u CRIM tal-Parlament Ewropew*



**is-17 u t-18 ta' April** *Laqgħa tan-netwerk tal-punti ta' kuntatt kontra l-ġenoċidju, ir-reati kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra*



**il-25 u s-26 ta' April** *Laqgħa tal- Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi*



**id-9 ta' Settembru**
*Disinn finali tal-post ġdid tal-Eurojust*



**id-29 ta' Settembru**
*Il-Jum Internazzjonali tal-Aja*



**is-27 u t-28 ta' Novembru**
*Laqgħa strateġika tal-Eurojust u l-ENPE: "Lejn koordinazzjoni mtejba tal-prosekuzzjonijiet kriminali ambjentali fl-UE: Ir-rwol tal-Eurojust"*



**l-14 u l-15 ta' Novembru**
*Seminar tal-Presidenza Litwana & u l-Eurojust: "Frodi transkonfinali tas-sisa: theddid emerġenti fl-Unjoni Ewropea"*

| LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|



**l-1 ta' Lulju**
*Il-Kroazja ssieħbet fl-Unjoni Ewropea*



**il-15 ta' Lulju L-Aja** *Żjara tas-Segretarju Ġenerali tal-Interpol u l-iffirmar tal-MtQ bejn l-Eurojust u l-Interpol*

**is-17 ta' Lulju**
*Pubblikazzjoni tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Eurojust*



**l-14 u l-15 ta' Ottubru**
*Seminar tal- Eurojust: "Titjib fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali?"*



**id-29 u t-30 ta' Ottubru**
*Laqgħa tan-netwerk tal-punti ta' kuntatt kontra l-ġenoċidju, ir-reati kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra*

**id-29 ta' Ottubru u l-10 ta' Diċembru**
*Viċi-Presidenti eletti*



**13 ta' Diċembru**
*Laqgħa tal-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi*



**it-18 ta' Diċembru Varsavja**
*MtQ bejn l-Eurojust u l-Frontex*



# Dwar il-Eurojust

1

# 1.1. Missjoni, viżjoni, prinċipji ta' gwida

*Il-missjoni tagħna*

Il-missjoni tal-Eurojust huwa li tappoġġja u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra każ serju ta' kriminalità transkonfinali li taffettwa lill-Unjoni Ewropea.

*Il-viżjoni tagħna*

Il-viżjoni tal-Eurojust huwa li tkun l-attur ewlieni u ċ-ċentru tal-kompetenza fil-livell ġudizzjarju għal azzjoni effettiva kontra l-kriminalità transkonfinali serja fl-Unjoni Ewropea.

*Prinċipji ta' gwida*

Il-prinċipji li ġejjin jiggwidaw lill-Eurojust fil-ħidma tagħha:

- Aħna nibbażaw il-futur tagħna fuq il-bini ta' fiduċja reċiproka mal-Istati Membri, il-korpi tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali u Stati terzi u fuq il-ħidma mal-oħrajn biex niżguraw għanijiet komuni.
- Aħna nistinkaw għal koordinazzjoni u kooperazzjoni mal-aġenziji u l-korpi l-oħrajn fl-Ispazju Ewropew ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.
- Aħna nistinkaw għall-aqwa riżultati operattivi billi nipprovdu servizzi ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati.
- Aħna niġbru l-aħjar prattika u naqsmu l-għarfien tagħna mal-awtoritajiet nazzjonali ġudizzjarji u msieħba oħrajn biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja.
- Aħna nippromwovu l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretta tal-istrumenti legali għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u nikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri tagħhom.
- Aħna napplikaw prinċipji ta' governanza soda, kost-effikaċja, effiċjenza, tmexxija u trasparenza, billi nibnu fuq il-professjonaliżmu u l-impenn tal-persunal tagħna u l-aħjar ġestjoni tar-riżorsi umani.

# 1.2. Desks Nazzjonali, il-Kulleġġ, Prosekuturi ta' Kollegament minn Pajjiżi terzi

## 1.2.1. Kompożizzjoni

L-Eurojust hija magħmula minn 28 Membri Nazzjonali, wieħed minn kull Stat Membru, issekondati skont is-sistemi legali tagħhom. Mandat ta' Membru Nazzjonali jdum mill-inqas erba' snin. Il-Membri Nazzjonali għandhom il-post tax-xogħol regolari tagħhom fis-sede tal-Eurojust fl-Aja.

Barra minn hekk, ħafna mill-Membri Nazzjonali huma megħjuna minn Deputat kif ukoll minn Assistent. Attwalment, il-Membri Nazzjonali, id-Deputati u l-Assistenti huma prosekuturi superjuri jew imħallfin.

Fl-aħħar tal-2013, id-Desks Nazzjonali kienu jikkonsistu minn 65 rappreżentant, 44 minnhom stazzjonati fl-Eurojust. Ħamsa u għoxrin mit-28 Membri Nazzjonali kienu stazzjonati fl-Aja, appoġġjati minn 19-il Deputat Membru Nazzjonali u 18-il Assistent, li minnhom 9 u 11, rispettivament, kienu stazzjonati fl-Eurojust. Ħdax-il Espert Nazzjonali kienu ssekondati mill-Istat Membru tagħhom fid-Desks Nazzjonali tagħhom. Id-Desks Nazzjonali rreġistraw total ta' 1 576 każ fl-2013.

Il-Membri Nazzjonali jiffurmaw il-Kulleġġ tal-Eurojust, li huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-operat tal-Eurojust. Il-President tal-Eurojust huwa Michèle Coninsx, Membru Nazzjonali għall-Belġju. Fl-2013, Francisco Jiménez-Villarejo, Membru Nazzjonali għal Spanja, u Ladislav Hamran, Membru Nazzjonali għar-Repubblika Slovakka, inħatru bħala Viċi-Presidenti.

L-Eurojust hija appoġġjata minn amministrazzjoni mmexxija minn Direttur Amministrattiv, u tospita s-Segretarjati tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, in-Netwerk tal-SIK u n-Netwerk tal-Ġenoċidji.

Barra minn hekk, Prosekutur ta' Kollegament min-Norveġja ġie stazzjonat mill-2005 fl-Eurojust. L-Istati Uniti stazzjonaw Prosekutur ta' Kollegament fl-Eurojust mill-2007; għad trid issir ħatra ġdida.

## 1.2.2. Kompetenzi, kompiti u setgħat

**Il-kompetenzi tal-Eurojust** ikopru l-istess tipi ta' kriminalità u reati li għandu kompetenza fuqhom l-Europol, bħat-terroriżmu, it-traffikar ta' droga, it-traffikar tal-bnedmin, il-falsifikazzjoni, il-ħasil tal-flus,

iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità kontra l-proprjetà jew il-beni pubbliċi inklużi l-frodi u l-korruzzjoni, ir-reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, ir-reat ambjentali u l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali. Barra minn hekk, fuq talba ta' awtorità nazzjonali kompetenti, l-Eurojust tista' tassisti f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet rigward kwalunkwe tip ta' reat ieħor. L-Eurojust ġeneralment tittratta talbiet li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iktar, iżda tista' tgħin ukoll f'każijiet li jikkonċernaw Stat Membru wieħed biss u Stat terz jew Stat Membru wieħed u l-Unjoni Ewropea.

**Il-kompiti ewlenin tal-Eurojust** huma li tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet fl-Istati Membri; li ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri; u li tappoġġja bi kwalunkwe mod possibbli lill-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjonijiet u l-prosekuz-zjonijiet tagħhom. L-Eurojust tista' taġixxi jew permezz ta' Membru Nazzjonali wieħed jew iktar minn wieħed jew bħala Kulleġġ. Meta twettaq il-kompiti tagħha, l-Eurojust tista' titlob lill-awtoritajiet nazzjonali kompe-tenti biex:

- iwettqu investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi;
- jaċċettaw li waħda minnhom hija f'pożizzjoni aħjar mill-oħra biex twettaq investigazzjoni jew prosekuzzjoni;
- jikkoordinaw ma' xulxin, pereżempju biex iwaqqfu SIK;
- jipprovdu lill-Eurojust kwalunkwe informazzjoni neċessarja biex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha; u/jew
- jieħdu miżuri investigattivi speċjali, jew jieħdu kwalunkwe miżura oħra ġustifikata għall-investi-gazzjoni jew il-prosekuzzjoni.

Barra minn hekk, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, l-Eurojust tista' tgħin issolvi kunflitti ta' ġurisdizzjoni f'każ partikolari u tegħleb rifjuti jew diffikultajiet rikorrenti li jinstabu fil-kooperazzjoni ġudizzjarja billi tagħti opinjonijiet mhux vinkolanti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

**Il-Membri Nazzjonali jeżerċitaw ukoll is-setgħat** li huma disponibbli lilhom fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaġixxu skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom. Ħafna Membri Nazzjonali għandhom is-setgħa li jirċievu, jittrażmettu, jiffaċilitaw, isegwu u jipprovdu informazzjoni supplimentari relatata mal-eżekuzzjoni ta' talbiet għal assistenza. Setgħat oħrajn li jistgħu jkunu eżerċitati bi qbil ma' awtorità nazzjonali jinkludu ħruġ u eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja, ordni ta' miżuri investigattivi fl-Istati Membri li huma kkunsidrati meħtieġa matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust, u l-awtorizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' kunsinni kkontrollati. F'każijiet urġenti, ħafna Membri Nazzjonali huma direttament intitolati li jawtorizzaw u jikkoordinaw kunsinni kkontrollati u li jwettqu talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja. Ħafna Membri Nazzjonali huma intitolati li jipparteċipaw fl-SIK.

**OCC** Id-Desks Nazzjonali tal-Eurojust huma disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. F'każ ta' talbiet urġenti u skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, l-OCC tista' tirċievi u tipproċessa talbiet għal assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali barra l-ħinijiet regolari tal-uffiċċju. Sa Ġunju 2011, l-Eurojust daħlet fis-seħħ sistema ta' ġestjoni ta' sejħiet li tibgħat is-sejħa lir-rappreżentant tal-OCC tad-Desk Nazzjonali kkonċernat; dan jippermetti lil min iċempel jitkellem bil-lingwa tiegħu stess. Tista' tittieħed azzjoni xierqa mir-rappreżentant tal-OCC, bħal li jikkuntattja r-rappreżentant tal-OCC ta' Desk Nazzjonali ieħor.

### 1.2.3. Governanza u metodi ta' ħidma

Is-sistema ta' governanza tal-Eurojust għandha natura ibrida. Il-Membri Nazzjonali, maħtura minn awtoritajiet nazzjonali bl-istatus tagħhom skont il-liġi nazzjonali, jgħaqqdu l-isforzi tagħhom mal-persunal tal-UE li jaħdem taħt l-awtorità ta' Direttur Amministrattiv. L-attivitajiet tal-Eurojust huma miġbura fi tliet kategoriji prinċipali, li huma marbutin u interkonnessi:

- **Ix-xogħol fuq il-każijiet** jirrigwarda l-attivitajiet imwettqa mid-Desks Nazzjonali u l-Kulleġġ meta jittrattaw il-kontenut tal-każijiet, li huwa l-għan ewlieni tal-Eurojust kif imsemmi fl-Artikolu 85(1) TFUE. It-terminu jirreferi għal każijiet relatati ma' investigazzjonijiet kriminali miġjuba lill-Eurojust permezz ta' talbiet mill-awtoritajiet nazzjonali, iżda wkoll għal xogħol fuq każijiet li joriġina mill-informazzjoni rċevuta, b'mod partikolari, mill-Istati Membri, l-Europol u l-OLAF.
- **Ix-xogħol tal-politika** jittratta attivitajiet li jeħtieġu approċċ istituzzjonali jew approċċ orjentat lejn proċess fl-organizzazzjoni kollha. Il-kategorija tax-xogħol tal-politika hija doppja: din tikkonsisti, minn naħa waħda, fil-produzzjoni ta' politiki u linji gwida maħsuba biex jirregolaw il-ħidma operattiva tal-Eurojust, u, min-naħa l-oħra, fl-iżvilupp ta' prodotti bħal rapporti strateġiċi, studji relatati ma' xogħol fuq każijiet, dokumenti ta' politika, opinjonijiet dwar abbozzi ta' strumenti leġiżlattivi, it-twettiq ta' proġetti strateġiċi li jiffokaw fuq oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bil-għan li x-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet jiġi analizzat, l-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib u l-promozzjoni tal-aħjar prattika fil-kooperazzjoni ġudizzjarja.

- **Ix-xogħol amministrattiv** jirreferi għal kompiti amministrattivi bħal ġestjoni finanzjarja, organizzaz-zjoni u ġestjoni ta' appoġġ amministrattiv u servizzi oħra li jipprovdu appoġġ indirett lil xogħol fuq il-każijiet.

**Il-funzjonijiet tal-Kulleġġ** Il-Kulleġġ implimenta passi prattiċi biex iżid l-ammont ta' ħin iddedikat mill-Kulleġġ għal xogħol operattiv filwaqt li jnaqqas il-ħin iddedikat għall-involviment tiegħu fi kwistjonijiet amministrattivi. Fl-2011, il-Kulleġġ saħħaħ ix-xogħol tiegħu fuq kwistjonijiet operattivi matul il-laqgħat plenarji tal-Kulleġġ. Fl-2012, il-Kulleġġ irregola l-metodi ta' ħidma u l-funzjonament tiegħu f'iktar dettall, li wassal fil-kapaċità tiegħu biex jaħdem b'mod iktar effettiv u effiċjenti fl-2013. Id-divrenzjar bejn il-laqgħat operazzjonali u tal-Bord ta' Tmexxija tal-Kulleġġ hija l-prattika attwali fl-Eurojust.

**Timijiet tal-Kulleġġ** Disa' timijiet tal-Kulleġġ jippreparaw u jassistu lill-Kulleġġ fix-xogħol u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. It-timijiet huma magħmula minn membri tal-Kulleġġ li jivvolontarjaw fuq il-bażi tal-kompetenza tagħhom f'oqsma differenti. Id-diviżjoni fit-timijiet tal-Kulleġġ tirrifletti l-oqsma ewlenin tal-ħidma tal-Kulleġġ.

**It-Tim ta' Presidenza** It-Tim ta' Presidenza jappoġġja lill-President fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu/tagħha u jikkonsisti f'żewġ Viċi-Presidenti bid-Direttur Amministrattiv f'kapaċità ta' appoġġ. Il-President jissorvelja l-ġestjoni ta' kuljum żgurata mid-Direttur Amministrattiv u jidderieġi l-ħidma tal-Kulleġġ. Skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust, il-President isejjaħ u jippresiedi l-laqgħat tal-Kulleġġ, jirrappreżenta lill-Eurojust, u jiffirma l-komunikazzjoni uffiċjali kollha f'isem il-Kulleġġ. It-Tim ta' Presidenza jikkoordina u jiżgura approċċ koerenti għall-ħidma tal-Kulleġġ minn perspettivi operattivi, ta' politika u ta' ġestjoni.

### 1.2.4. Taħriġ

**Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju** Skont il-MtQ 2008 bejn l-Eurojust u l-EJTN, il-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-EJTN fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju kompliet. Tmien prosekuturi/imħallfin mill-Awstrija, il-Bulgarija, l-Italja, Spanja u l-Polonja pparteċipaw fi skemi ta' taħriġ fl-Eurojust u kienu involuti fil-ħidma ta' kuljum tad-Desks Nazzjonali tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom. Barra minn hekk, il-membri tad-Desks Nazzjonali pparteċipaw b'mod attiv f'żewġ seminars tal-EJTN, *Il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali fil-prattika*. Dawn is-seminars iffukaw fuq l-MLA u l-eżekuzzjoni ta' EAWs li jinvolvu Franza, ir-Rumanija u l-Italja (Marzu, Pariġi) u l-Finlandja, l-Isvezja u l-Portugall (April, Lisbona). L-Eurojust appoġġjat ukoll it-taħriġ tas-CEPOL/EJTN tal-SIK f'Settembru.

**CEPOL** Skont il-MtQ tal-2009 bejn l-Eurojust u s-CEPOL, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ issaħħet. L-Eurojust kompliet il-parteċipazzjoni tagħha f'korsijiet u webinars tas-CEPOL. Barra minn hekk, il-Kurrikulu Komuni dwar l-Eurojust ġie ffinalizzat u sottomess lill-Bord ta' Tmexxija tas-CEPOL.

### 1.2.5. L-ENCS u l- *fiches suédoises*

**ENCS** L-objettiv fit-twaqqif ta' ENCS f'kull Stat Membru huwa li tiġi kkoordinata l-ħidma mwettqa mill-atturi nazzjonali ewlenin responsabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, eż. il-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust u għall-NĠE, u rappreżentanti ta' netwerks rilevanti oħrajn, bħall-SIK u n-Netwerks tal-Ġenoċidji. Fost il-kompiti ewlenin tagħha, l-ENCS tappoġġja l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Eurojust u l-Istati Membri billi tiżgura li s-CMS tal-Eurojust tirċievi informazzjoni b'mod effiċjenti u affidabbli; tiffaċilita l-allokazzjoni tal-każijiet bejn l-Eurojust u l-NĠE; u żżomm relazzjoni mill-qrib mal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol. Il-livell ta' implimentazzjoni tal-ENCS ivarja fost l-Istati Membri iżda fl-2013 kompla miexi 'l quddiem.

***Fiches suédoises*** L-Eurojust tappoġġja l-implimentaz-zjoni tat-28 ENCSs billi toffri dik li tissejjaħ *fiches suédoises*, għodda ta' informazzjoni speċifika dwar l-ENCS. Il- *fiches suédoises* jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-ENCS għal kull Stat Membru u jinżammu aġġornati mill-Eurojust.

## 1.3. Amministrazzjoni tal-Eurojust

Din is-sezzjoni tenfasizza l-iżviluppi amministrattivi fl-2013. Ix-xogħol tal-Kulleġġ huwa appoġġjat mill-amministrazzjoni, immexxi mid-Direttur Amministrattiv.

Fl-aħħar tal-2013, l-amministrazzjoni kienet tikkonsisti minn forza tax-xogħol ta' 230 membru tal-persunal, 203 minnhom kienu aġenti temporanji u 27 minnhom kienu aġenti kuntrattwali.

Barra minn hekk, tliet esperti nazzjonali huma ssekondati biex jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-Eurojust. Iktar informazzjoni dwar il-ġestjoni amministrattiva u l-iżviluppi tista' tinstab fir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2013 tad-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust.

**Rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit** L-eżekuzzjoni tal-baġit fl-2013 telgħet għal 99.6 fil-mija (jiġifieri EUR 32.2 miljun

minn EUR 32.4 miljun), l-ogħla rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit tal-Eurojust; il-medja matul l-aħħar erba' snin kienet 97.8 fil-mija. Ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-ħlas, 86.8 fil-mija, kienet ukoll ogħla fl-2013 milli fl-aħħar medja ta' erba' snin ta' 82.8 fil-mija.

**Appoġġ finanzjarju għal SIK** Fl-2013, it-tieni proġett ta' finanzjament tal-SIK - ibbażat fuq għotja mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-Programm ta' Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Kriminalità (ISEC) - intemm. Dan il-proġett ippermetta lill-Eurojust tappoġġja, bejn Ottubru 2010 u Settembru 2013, 95 SIK differenti stabbiliti bejn 22 Stat Membru. F'Settembru 2013, l-Eurojust impenjat ruħha li tiżgura l-kontinwità ta' appoġġ finanzjarju lill-SIK billi tipprovdi finanzjament mill-baġit regolari tagħha. Biex tissaħħaħ il-konsistenza bejn id-diversi proġetti mmexxija mill-organizzazzjoni fir-rigward tal-SIK, il-ġestjoni tal-għotjiet tal-SIK ġiet assenjata lis-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK.

**Riżorsi Umani** It-Tabella tal-Persunal għall-2013 ġiet implimentata b'rata ta' 95.3 fil-mija. Il-bqija huwa skedat li jiġi ffinalizzat fl-ewwel trimestru tal-2014. Madankollu, minħabba l-ħtieġa li jitnaqqsu l-postijiet fl-2014, u li tiġi salvagwardjata l-implimentazzjoni ta' tnaqqis baġitarju fl-aħħar tal-2014, ma jistgħux jimtlew il-pożizzjonijiet miftuħin kollha. Tnieda proġett biex jiżgura li t-tnaqqis meħtieġ tal-postijiet (li huma r-riżultat ta' deċiżjoni baġitarja tal-istituzzjonijiet tal-UE) jista' jkun implimentat mingħajr it-terminazzjoni tal-kuntratti li għandu l-persunal tal-Eurojust.

**Struttura tal-amministrazzjoni** Fl-2013, tlesta r-ristrutturar tal-amministrazzjoni, li inkluda l-utilizzazzjoni ta' proċeduri ta' riklassifikazzjoni u reklutaġġ kompetittivi, li jikkontribwixxu għar-rata ta' implimentazzjoni kważi kompluta tat-Tabella tal-Persunal.

**Il-bini permanenti tal-Eurojust** Il-bini l-ġdid tal-Eurojust sejjer ikun sitwat fiż-'żona internazzjonali' tal-Aja, f'Jan Willem Frisolaan, fi ftit distanza bil-mixi mill-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħrajn u l-Europol. Id-disinn finali għall-bini l-ġdid ġie approvat fl-2013 u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ngħataw f'Diċembru 2013 għal evalwazzjoni mill-Istat Ospitanti u l-Eurojust. Il-Muniċipalità tal-Aja approvat il-permess tal-bini. Il-kostruzzjoni hija ppjanata li tibda fis-sajf tal-2014, bit-tlestija mistennija sa Diċembru 2016, u tkun lesta biex tiġi okkupata mill-Eurojust fil-bidu tal-2017.

**Aġenziji ta' kooperazzjoni tal-ĠAI** L-Eurojust ipparteċipat fl-attivitajiet tal-aġenziji tal-ĠAI, li ffukaw fl-2013 fuq ir-relazzjonijiet esterni, ir-riżorsi umani u l-mobbiltà, u l-koordinazzjoni tat-taħriġ. B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, f'Novembru ġie organizzat Avveniment ta' Viżibbiltà fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Iskema Ewropea tal-Infurzar tal-Liġi, li l-għan tagħha huwa li żżid il-kapaċità tal-UE biex tiġġieled il-kriminalità. L-Eurojust kompliet il-prattika tagħha ta' skambju tal-programm tax-xogħol tagħhamal-aġenziji l-oħrajn tal-ĠAI.


Amministrazzjoni tal-Eurojust © *Eurojust*




*Mix-xellug għal-lemin*: Jacques Vos, Servizzi Korporattivi; Mike Moulder, Baġit, Finanzi u Akkwist; Vincent Jamin, Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK; Alinde Verhaag, Analiżi tal-Każijiet; Klaus Rackwitz, Direttur Amministrattiv; Jon Broughton, Ġestjoni tal-Informazzjoni; Alfredo García Miravete, Appoġġ Operazzjonali; Diana Alonso Blas, Protezzjoni tad-Dejta; Matevž Pezdirc, Segretarjat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji; Carla Garcia Bello, Segretarja Legali tal-Kulleġġ; Claudia Trif, Riżorsi Umani; Catherine Deboyser, Servizz Legali.

# 1.4. L-Eurojust u n-netwerks tal-prattikanti

L-Eurojust tospita s-Segretarjati tal-NĠE, l-SIK u n-Netwerks tal-Ġenoċidji u tiffaċilita l-interazzjoni bejn id-Desks Nazzjonali u n-netwerks fin-negozju ċentrali komuni tagħhom. Is-segretarjati jużaw ir-riżorsi amministrattivi tal-Eurojust biex joffru servizzi għan-netwerks. L-Eurojust tappoġġja wkoll l-attivitajiet tal-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (il-Forum Konsultattiv), filwaqt li ssaħħaħ id-dimensjoni ġudizzjarja tal-istrateġija tal-UE dwar is-sigurtà interna.

## 1.4.1. Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

L-NĠE nħoloq permezz tal-Azzjoni Konġunta 98/428 ĠAI tad-29 ta' Ġunju 1998, sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008, bħala netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Is-Segretarjat tal-NĠE huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-NĠE.

**It-Task Force Konġunt bejn l-NĠE-l-Eurojust** Ix-xogħol fuq id-dokument konġunt baqa' għaddej, billi ġew deskritti s-servizzi pprovduti mill-NĠE u l-Eurojust, biex jgħinu lill-prattikanti jiddeċiedu liema każijiet għandhom jiġu indirizzati mill- NĠE jew l-Eurojust.

**Il-Presidenza tal-NĠE fi tliet partijiet** Fit-23 ta' Ottubru, il-Presidenza tal-Eurojust, id-Direttur Amministrattiv u l-Presidenza tal-NĠE fi tliet partijiet iltaqgħu u ddiskutew it-tisħiħ tal-kooperazzjoni, il-Baġit tal-NĠE 2014-2015 u s-sitt sessjoni ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar l-implimentazzjoni prattika u l-operazzjoni tad-Deċiżjoni riveduta tal-Eurojust. Fil-qafas tas-sitt sessjoni preżenti ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati wkoll lejn is-Segretarjat tal-NĠE. L-Eurojust ħeġġet lill-NĠE biex jirrifletti fuq l-ENCS bħala filtru għall-kooperazzjoni ġudizzjarja.

**Portal tal-Ġustizzja Elettronika** Il-websajt tal-NĠE sejra tiġi integrata fil-Portal tal-Ġustizzja Elettronika, li hija meqjusa bħala punt uniku ta' kontroll elettroniku futur fil-qasam tal-ġustizzja u għodda utli għall-prattikanti.

**Il-laqgħat plenarji u reġjonali tal-NĠE** Saru żewġ laqgħat plenarji, li pprovdew pjattaforma għall-punti ta' kuntatt

tal-NĠE biex jaqsmu l-esperjenzi u jiddiskutu problemi prattiċi u legali li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali. L-Eurojust kienet rappreżentata f'dawn il-laqgħat. L-40 laqgħa plenarja tal-NĠE taħt il-Presidenza Irlandiża tal-UE ffukat fuq il-għlieda kontra l-frodi u l-applikazzjonijiet prattiċi tal-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Il-41 laqgħa plenarja tal-NĠE taħt il-Presidenza Litwana tal-UE ffukat fuq il-kooperazzjoni tal-NĠE ma' Stati terzi, inkluż pajjiżi tas-sħubija tal-Lvant tal-UE. L-NĠE jippromwovi wkoll laqgħat reġjonali biex jgħinu jiffokaw fuq il-problemi ta' karattru reġjonali partikolari. Ir-rappreżentanti mid-Desks Nazzjonali rilevanti tal-Eurojust huma spiss mistiedna biex jattendu għal dawn il-laqgħat reġjonali.

### 1.4.2. Netwerk tal-SIK

In-Netwerk ta' Esperti Nazzjonali dwar l-SIK ġie stabbilit fl-2005 biex irawwem l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri dwar l-SIK. Is-Segretarjat tan-Netwerk ġie ospitat mill-Eurojust mill-2011, u b'hekk jirrikonoxxi l-ħtieġa għal interazzjoni u l-kumplimentarjetà bejn in-Netwerk u l-Eurojust.

**Żona ristretta** Iż-żona ristretta tan-Netwerk tal-JITs tnediet uffiċjalment fil-marġini tad-9 laqgħa annwali (is-27 u t-28 ta' Ġunju). Din l-għodda – li hija aċċessibbli għall-Esperti Nazzjonali maħtura bħala parti mill-websajt tal-Eurojust – hija maħsuba biex isservi bħala pjattaforma għall-komunikazzjoni bejn l-esperti u biex tappoġġja l-iskambju ta' għarfien, l-aħjar prattika u l-lezzjonijiet li jittieħdu. Ladarba tkun kompletament operattiva, din l-għodda għandha tiffaċilita l-aċċess minn prattikanti għal informazzjoni legali prattika rilevanti, bil-ħsieb li tiffaċilita l-istabbiliment u t-tmexxija effiċjenti tal-SIK.

**Formola ta' evalwazzjoni** Abbażi ta' proposta mis-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK, l-esperti approvaw il-format u l-kontenut ta' mudell ta' evalwazzjoni tal-SIK. Il-formola hija maħsuba biex tgħin il-ħidma tal-prattikanti involuti fl-evalwazzjoni tal-għodda tal-SIK biex jevalwaw il-prestazzjoni tal-SIK u r-riżultati miksuba (*ara* Kapitolu 4, 'Fokus tas-sena: Evalwazzjoni tal-SIK').

**Finanzjament tal-SIK** Mill-1 ta' Settembru 2013, l-Eurojust impenjat ruħha li tkompli tiffinanzja l-attivitajiet tal-SIK mill-baġit regolari tagħha. Is-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK kien responsabbli għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-finanzjament tal-SIK (*ara* Is-Sezzjoni 2.4, 'L-Eurojust u l-SIK').

**Laqgħa annwali** Il-laqgħa annwali, li tlaqqa' flimkien Esperti Nazzjonali u Membri Nazzjonali tal-Eurojust, Deputati u Assistenti, ipprovdiet opportunità biex jiġu diskussi suġġetti ta' interess komuni relatati mal-SIK. Din is-sena, id-diskussjonijiet fis-sessjonijiet ta' ħidma dwar kwistjonijiet marbutin mal-iżvelar ta' informazzjoni operattiva u l-ammissibbiltà tal-provi kienu bbażati fuq każ reali appoġġjat mill-Eurojust.

### 1.4.3. Netwerk tal-Ġenoċidji

In-Netwerk tal-punti ta' kuntatt għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidji, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (in-Netwerk tal-Ġenoċidji) ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI u affermat mill-ġdid bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI. Is-Segretarjat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji ġie stabbilit f'Lulju 2011 biex jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati. Billi tospita l-laqgħat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji u s-Segretarjat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji, l-Eurojust tipprovdi forum uniku għall-prattikanti biex jiltaqgħu, jiddiskutu, jiskambjaw informazzjoni, l-aħjar prattika u esperjenza, u jikkooperaw u jgħinu lil xulxin fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

**Żviluppi strateġiċi** L-attivitajiet fl-Unjoni Ewropea inkludew diskussjonijiet fil-Kunsill biex iżidu l-effiċjenza fil-għlieda kontra l-impunità u biex isaħħu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità internazzjonali serja permezz ta' strateġija komprensiva u pjan ta' azzjoni għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

**Żona ristretta** Is-Segretarjat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji nieda ż-żona ristretta tal-websajt, li tippermetti lill-membri jkollhom aċċess għal informazzjoni u jikkomunikaw f'ambjent kunfidenzjali.

**Laqgħat annwali** L-Eurojust ospitat l-14 u l-15-il laqgħa tan-Netwerk tal-Ġenoċidji fil-bini tagħha. Iż-żewġ laqgħat ġabu flimkien prattikanti minn kważi kull Stat Membru u l-kontropartijiet tagħhom mill-Kanada, in-Norveġja, l-Isvizzera, l-Istati Uniti, il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) u *tribunali* kriminali internazzjonali ad hoc, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, l-Interpol u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Fiż-żewġ laqgħat, il-membri tan-Netwerk tal-Ġenoċidji ddiskutew l-importanza tal-Kummissjonijiet ta' Inkjesta tal-NU u l-kontribut tagħhom fil-għlieda kontra l-impunità għal dawk li jwettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet riveduti ta' immunità funzjonali, immunità personali u l-immunità ta' missjonijiet speċjali, li potenzjalment jmorru kontra r-responsabbiltà kriminali individwali. Barra minn hekk, in-Netwerk tal-Ġenoċidji osserva l-esperjenza estensiva Kroata fil-prosekuzzjoni tar-reati tal-gwerra u l-kooperazzjoni tagħha ma' Stati terzi. Suġġett importanti tal-analiżi tan-Netwerk tal-Ġenoċidji kien jikkonċerna garanzija tar-responsabbiltà għall-atturi korporattivi li jwettqu, jappoġġjaw, jgħinu jew jagħmlu profitt minn reati internazzjonali serji.

**Seminar topiku** Seminar tal- L-Eurojust ospitat seminar bit-titolu *Nikkollegaw il-Vittmi u Xhieda ta' Reati*

*Internazzjonali ma' Awtoritajiet Nazzjonali tal-Ġustizzja Kriminali*, organizzat mis-soċjetà ċivili u s-Segretarjat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji.

### 1.4.4. Forum Konsulattativ

Il-Forum Konsultattiv ġie stabbilit fl-2010 biex isaħħaħ id-dimensjoni ġudizzjarja tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE, biex jaqsam l-esperjenzi u l-aħjar prattika fil-kriminalità serja u organizzata, inkluż l-użu ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, u biex jikkontribwixxi għal inizjattivi leġiżlattivi meħuda fil-livell tal-UE. L-Eurojust tipprovdi appoġġ amministrattiv u finanzjarju, kif ukoll kontribut sostanzjali, għall-preparazzjoni ta' laqgħat tal-Forum Konsultattiv.

**Laqgħat tal-Forum Konsultattiv** Fl-2013, l-Eurojust ospitat żewġ laqgħat tal-Forum Konsultattiv, f'April taħt il-Presidenza Irlandiża tal-UE u f'Diċembru taħt il-Presidenza Litwana tal-UE.

Matul il-laqgħa ta' April, il-Forum Konsultattiv iddelibera fuq il-konklużjonijiet ta' sessjoni ta' ħidma intitolata *L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew propost: Kif sejjer jaħdem fil-prattika?* Is-sessjoni ta' ħidma kienet maqsuma f'erba' gruppi ta' ħidma, kull wieħed minnhom jiffoka fuq xi fażi speċifika jew aspett rilevanti mill-ħidma tal-EPPO. Il-Forum Konsultattiv iddiskuta u qasam ukoll l-esperjenzi dwar ir-rwol tal-vittmi fi proċeduri kriminali bil-għan li jimplimenta d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità.

Matul il-laqgħa ta' Diċembru, il-Forum Konsultattiv iddiskuta l-abbozz tar-Regolament il-ġdid dwar l-Eurojust u skambja ideat dwar kif ix-xogħol tal-Eurojust għandu jkompli jittejjeb. Il-Forum Konsultattiv kompla wkoll id-diskussjoni tiegħu dwar il-funzjonament u l-istabbiliment ta' EPPO, inkluża r-relazzjoni speċjali tal-Eurojust mal-EPPO fi kwistjonijiet operattivi. Finalment, il-parteċipanti ddiskutew l-iżvilupp futur taż-żona tal-ĠAI u ġew infurmati dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE u ċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE 2014-2017, inklużi l-attivitajiet tal-Eurojust f'dan il-qasam.

Il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Forum Konsultattiv tal-14 ta' Diċembru 2012, sommarju tar-risposti għall-istħarriġ rigward reati PIF (8151/13), il-konklużjonijiet tal-laqgħa tas-26 ta' April 2013, u sommarju tar-risposti għall-kwestjonarju dwar l-EPPO (11628/13), ġew trażmessi lill-istituzzjonijiet tal-UE u ppubblikati bħala dokumenti tal-Kunsill.

Il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Forum Konsultattiv tat-13 ta' Diċembru 2013 sejrin jiġu sottomessi lill-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill fil-bidu tal-2014.



# Kif jaħdem l-Eurojust

2

# 2.1. Laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust

Fl-2013, l-Eurojust organizzat 206 laqgħa ta' koordinazzjoni. Franza (45), l-Italja (23), ir-Renju Unit (15) u l-Ġermanja (14) kienu l-organizzaturi ewlenin, filwaqt li l-Pajjiżi l-Baxxi (56), il-Ġermanja (51), Spanja (45), il-Belġju (43), u r-Renju Unit (33) kienu l-iktar pajjiżi mitluba biex jipparteċipaw. L-Europol ipparteċipa f'75 laqgħa bħal dawn. Mill-64 laqgħa ta' koordinazzjoni li jinvolvu Stati terzi, ħafna mil-laqgħat kienu jikkonċernaw lill-Isvizzera (15) u lin-Norveġja (12), segwiti mill-Istati Uniti (9). Saru ħames laqgħat ta' koordinazzjoni fl-Istati terzi (l-Isvizzera (2), il-Bosnja-Herzegovina (1), dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (1), u t-Turkija (1)).

(Il-gruppi) ta' kriminalità organizzata mobbli kienu t-tip ewlieni ta' kriminalità indirizzat waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni (66), segwit minn imbrolju u frodi (60), traffikar ta' droga (56), ħasil tal-flus (49) u t-THB (24).

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust jgħaqqdu flimkien lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-awtoritajiet ġudizzjarji minn Stati Membri u Stati terzi, filwaqt li jippermettu operazzjonijiet strateġiċi, infurmati u mmirati f'każijiet kriminali transkonfinali u r-riżoluzzjoni ta' diffikultajiet legali u prattiċi li jirriżultaw mid-differenzi fit-30 sistema legali eżistenti fl-Unjoni Ewropea. L-Eurojust hija koordinatur proattiva u toffri l-faċilitajiet tagħha, kif ukoll akkomodazzjoni u rimborż għall-ivvjaġġar, għal massimu ta' żewġ parteċipanti għal kull Stat, servizzi ta' traduzzjoni, u kompetenza fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali lil awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw każijiet serji ta' kriminalità transkonfinali. L-Eurojust tipprovdi wkoll l-opzjonijiet ta' vidjokonferenzi u li jsiru laqgħat ta' koordinazzjoni barra mill-Eurojust biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-prattikanti.

Billi jiffaċilitaw l-iskambju effettiv u l-iskambju bikri ta' informazzjoni permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust, l-Istati Membri jkunu jistgħu jibdew investigazzjonijiet, jidentifikaw proċedimenti paralleli possibbli jew jiskopru kollegamenti ma' każijiet fi Stati Membri oħrajn. Kwistjonijiet *ne bis in idem* komuni jistgħu jiġu evitati, jiġu evitati kunflitti ta' ġurisdizzjoni u jsir qbil dwar trasferimenti ta' proċeduri. Attivitajiet investigattivi jistgħu jiġu ppjanati bħat-twaqqif ta' SIK jew ċentru ta' koordinazzjoni jew tiġi segwita l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal MLA. Matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiżi kkonċernati jistgħu jiddiskutu direttament rekwiżiti legali u kwistjonijiet proċedurali relatati, eż., ma' miżuri investigattivi u koerċittivi, l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn reati u obbligi ta' żvelar.

## Laqgħat ta' koordinazzjoni operattiva - eżempju



### *Eżempju ta' każ ta' frodi tal-VAT*

Sussidjarja Franċiża ta' kumpanija internazzjonali, irreġistrata fil-Gżejjer Verġni Brittaniċi u li tinsab fid-Dubai (parti mill-Emirati Għarab Magħquda - UAE), ipparteċipat fin-negozju ta' drittijiet ta' emissjonijiet tal-karbonju. Din il-kumpanija xtrat kwoti tal-karbonju minn tliet fornituri Franċiżi. F'dak li jirrigwarda tnejn mill-fornituri, il-fatturi – inkluża l-VAT – tħallsu minn kontijiet f'Hong Kong. Ħadd mill-fornituri ma informa lill-awtoritajiet fiskali Franċiżi dwar il-VAT miġbura fuq il-bejgħ mill-ġdid ta' dawk il-kwoti, u għalhekk kisru l-obbligi legali u fiskali tagħhom. Il-kumpanija sussidjarja Franċiża bbenefikat minn kreditu tat-taxxa kontra l-ammont ta' VAT li għandu jitħallas lura lill-awtoritajiet fiskali – fuq il-bażi ta' fatturi dubjużi – u għalhekk għamlet profitt b'mod frodulenti minn tnaqqis tat-taxxa għad-detriment tat-Teżor Franċiż. Minħabba l-provi miġbura matul l-investigazzjoni ta' din il-kumpanija u r-rappreżentanti tagħha, il-mudell estensiv ta' frodi tal-VAT kien iktar probabbli li jiġi stabbilit minn u għall-benefiċċju tal-kumpanija sussidjarja Franċiża jew il-kumpanija internazzjonali msemmija hawn fuq li kienet tirrappreżenta l-interessi tagħha fi Franza. Investigazzjonijiet simili fil-Pajjiżi l-Baxxi dwar negozjant Olandiż fid-drittijiet ta' emissjonijiet tal-karbonju wrew li din il-kumpanija kienet parti minn karusell tal-VAT u li xi wħud mill-persuni suspettati pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali involuta fi frodi tal-VAT f'diversi Stati Membri. Irriżulta li ż-żewġ investigazzjonijiet kienu interkonnessi.

**Koordinazzjoni tal-Eurojust** Intalab l-appoġġ tal-Eurojust u ġiet stabbilita SIK bejn Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi fl-2011. F'Ottubru 2013, il-każ kien fi stadju avvanzat ħafna u saret laqgħa ta' koordinazzjoni biex jintlaħaq ftehim dwar kif wieħed għandu jipproċedi bil-prosekuzzjonijiet fiż-żewġ Stati Membri. Il-provi miksuba wrew li l-persuni suspettati ewlenin kienu qegħdin jaġixxu mid-Dubai u li l-fluss tal-flus spiċċa f'Dubai wara li ngħadda permezz ta' kontijiet intermedjarji f'Hong Kong. Fil-ħin tal-laqgħa, kważi t-talbiet kollha għal MLA kienu saru fi Spanja, il-Ġermanja, il-Portugall u Hong Kong. L-awtoritajiet Franċiżi kkunsidraw li joħorġu MLAs lejn l-UAE biex jintervistaw persuni suspettati u jaħtfu l-assi li kienu maħsuba li jinsabu hemmhekk. Kemm Franza kif ukoll il-Pajjiżi l-Baxxi kellhom biżżejjed provi għall-prosekuzzjoni tal-persuna suspettata prinċipali.

**Prosekuzzjonijiet paralleli** Il-qofol tal-kwistjoni kienet jekk il-persuna suspettata prinċipali, ladarba arrestata, tibqax fil-kustodja. Fi Franza, kien hemm possibbiltà qawwija li l-persuna suspettata ewlenija tkun rilaxxata sakemm isir il-proċess. L-awtoritajiet Olandiżi kienu kunfidenti li l-ammont ta' provi miġbura u d-dannu ekonomiku kkawżat mir-reat ikun jikkonvinci lill-qorti li jżomm lill-persuna suspettata fil-kustodja, li jippermetti lill-prosekuturi fiż-żewġ pajjiżi jagħmlu intervisti u jkomplu l-proċeduri tagħhom.

**Ċediment temporanju/intervista tal-persuna suspettata f'kustodja fl-Istat Membru l-ieħor** L-awtoritajiet parteċipanti ddiskutew jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri involuti tippermettix il-konsenja tal-persuna suspettata ewlenija lill-parti l-oħra għal intervisti u proċess jew jekk din tistax tinżamm f'kustodja sakemm isir il-proċess. Il-partijiet qablu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas EAW għamlet din l-opzjoni possibbli. L-awtoritajiet li jipparteċipaw qajmu wkoll id-domanda dwar jekk l-imħallef Franċiż li jinvestiga jistax jintervista lill-persuna suspettata f'każ li din tinżamm f'kustodja fil-Pajjiżi l-Baxxi u jwettaq l-akkuża formali f'dak il-post.

***Ne bis in idem*** Peress li Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi kellhom l-għan li jipprosegwixxu lill-persuna suspettata ewlenija għal reat relatat mal-frodi tal-VAT, l-awtoritajiet parteċipanti ddiskutew jekk huma setgħux jakkużawh għall-istess reat, u kkonkludew li kienu saru żewġ reati differenti ta' frodi kontra żewġ vittmi differenti f'ġurisdizzjonijiet differenti (l-amministrazzjonijiet fiskali Franċiżi u Olandiżi); konsegwentement, ma kien hemm ebda riskju ta' tgerfix doppju.

**Trasferiment tal-proċeduri** Il-partijiet qiesu li Franza tista' tittrasferixxi formalment il-każ tagħha lill-Pajjiżi l-Baxxi għall-prosekuzzjoni. Fil-prinċipju, il-Pajjiżi l-Baxxi ma jkollhomx ġurisdizzjoni fuq ir-reat fi Franza, peress li r-reat kien jaffettwa vittma Franċiża u sar minn ċittadin mhux Olandiż. Madankollu, il-każ Olandiż seta' inkluda prosekuzzjoni għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali. Din il-possibbiltà kienet teħtieġ iktar studju miż-żewġ naħat u l-approvazzjoni tal-Prosekutur Ġenerali Franċiż.

**Qsim tal-assi** Sal-2013, l-investigazzjoni rriżultat fl-iffriżar ta' madwar USD 7 miljuni. Huwa antiċipat qbid ta' iktar assi. Iż-żewġ Stati Membri qablu li l-assi eventwalment ikkonfiskati sejrin jinqasmu indaqs bejniethom.

**Kondiviżjoni tal-informazzjoni pprovduta minn parti terza** Il-membri tal-SIK ikkunsidraw jekk l-informazzjoni pprovduta minn pajjiż li mhux qiegħed jipparteċipa fl-SIK tistax tkun legalment skambjata bħala provi validi peress li l-iskambju seħħ bejn il-membri tal-SIK. Il-fatt li l-informazzjoni ngħatat lill-parti waħda biss tal-SIK u mhux lill-membri kollha tal-SIK jista' joħloq problema. Il-membri tal-SIK qablu li min jirċievi għandu jitlob permess mill-fornitur biex jaqsam l-informazzjoni formalment mal-parti l-oħra fl-SIK.

**Arrest** Suġġett għal konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, il-partijiet qablu li Franza sejra tarresta lill-persuna suspettata ewlenija, peress li din kienet twettaq żjarat regolari. Il-pleġġ kien għoli ħafna. Sussegwentement, il-Pajjiżi l-Baxxi ppjanaw li joħorġu EAW, jieħdu l-persuna suspettata lejn il-Pajjiżi l-Baxxi u jitolbu li din tibqa' fil-kustodja. Iż-żewġ pajjiżi kellhom iwettqu prosekuzzjonijiet simultanji. L-awtoritajiet Franċiżi kellhom jiksbu permess biex jintervistaw lill-persuna suspettata fil-Pajjiżi l-Baxxi. It-trasferiment tal-proċeduri għall-Pajjiżi l-Baxxi jiġi kkunsidrat biss fi stadju iktar tard. Il-partijiet qablu wkoll dwar l-iskambju ta' fajls tal-każijiet u ta' provi bbażati fuq il-ftehim tal-SIK.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni f'dan il-każ, tliet persuni suspettati ġew arrestati fi Franza. L-MLAs li nħarġu għall-Hong Kong, l-Isvizzera, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, id-Danimarka, Spanja u l-Istati Uniti ġew eżegwiti. Tmien persuni ġew interrogati fi Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi, inħareġ EAW kontra persuna suspettata prinċipali li l-lokalità tagħha ma kinitx magħrufa u kienet ippjanata laqgħa ta' koordinazzjoni biex issegwi l-investigazzjoni.

# 2.2. Ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust

Fl-2013, twaqqfu seba' ċentri ta' koordinazzjoni fl-Eurojust, organizzati mill-pajjiżi li ġejjin: Franza (4), l-Italja (2) u l-Pajjiżi l-Baxxi (1). It-tipi ta' reati investigati kienu l-immigrazzjoni illegali (2), it-traffikar ta' droga u t-THB (1), ir-reati tal-vetturi bil-mutur (1), l-oġġetti ffalsifikati (1), il-ħasil tal-flus (1), u l-frodi (1).

Id-disponibbiltà 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa tal-Eurojust u t-twaqqif ta' ċentri ta' koordinazzjoni jiżguraw trażmissjoni fil-ħin reali ta' informazzjoni u koordinazzjoni tal-miżuri bejn l-awtoritajiet nazzjonali matul jum ta' azzjoni komuni.

Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust irawmu l-appoġġ, il-koordinazzjoni u s-segwitu immedjat ta' qbid, arresti, tiftix fid-djar/kumpaniji, mandati ta' ffriżar u intervisti tax-xhieda. L-ammissibbiltà tal-provi miġbura hija fattur importanti fis-suċċess tal-proċedimenti sussegwenti tal-qorti. Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust jiffaċilitaw il-kisba ta' riżultati sostenibbli fil-każijiet kriminali transkonfinali.

### *Eżempju ta' każ ta' frodi*

Investigazzjoni kumplessa ta' frodi transnazzjonali fi skema allegata 'Ponzi' bdiet fi Franza fi Frar 2012. Il-persuni suspettati u l-kumpaniji involuti kienu bbażati fi tmien Stati Membri kif ukoll fl-Isvizzera u s-Seychelles. Madwar 400 vittma ġew identifikati fl-Ewropa. Id-danni kienu stmati li jitilgħu bħala minimu għal EUR 23 miljun. Il-qligħ tpoġġa' f'kontijiet bankarji fis-Seychelles, Malta u Ċipru, u investit f'proprjetà immobbli, dgħajjes u jottijiet.

L-Eurojust intalbet tiffaċilita t-twettiq tat-talbiet għal MLA biex jiġu lokalizzati

l-persuni suspettati u rikavat tal-kriminal kif ukoll titlob smigħ, tfittxijiet fid-djar, qbid u ffriżar ta' assi. Twaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni fl-Eurojust sabiex jappoġġja azzjonijiet simultanji fil-livell ġudizzjarju fl-10 pajjiżi involuti kollha, l-ewwel darba li tant pajjiżi ħadu sehem f'ċentru ta' koordinazzjoni u l-ewwel darba li l-operazzjonijiet iffukaw fuq l-iffriżar ta' assi simultanjament f'sitt ġurisdizzjonijiet differenti, inklużi s-Seychelles. Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni, li kellu linji tat-telefon apposta, indirizzi tal-e-mail u faċilitajiet ta' vidjokonferenza, ippermetta lill-imħallef ta' investigazzjoni Franċiż biex jissorvelja l-istat tal-ħidma tad-Desks Nazzjonali tal-Eurojust u biex jindirizza kwistjonijiet ġudizzjarji speċifiċi mqajma matul il-jum ta' azzjoni fil-ħin reali. Iktar minn 200 uffiċjal tal-infurzar tal-liġi kienu skjerati għal din l-operazzjoni, li rriżultat fl-arrest ta' 16-il persuna, l-intervistar ta' sitt persuni suspettati, l-iffriżar ta' madwar EUR 700 000 f'kontijiet tal-bank, u qbid sinifikanti ta' bastimenti, vilel, karozzi lussużi, arti u ġojjellerija.

Fil-kliem ta' rappreżentant ta' wieħed mill-Istati Membri parteċipanti, *'(...) l-Eurojust ipprovdiet forum għall-prosekuturi u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex jaħdmu fi sforz konġunt u miftiehem b'għan komuni – l-iżgurar li Ewropa mingħajr fruntieri ma tfissirx żona fejn tista' sseħħ attività kriminali mingħajr kontroll. Fil-ġlieda kontra l-kriminalità m'hemmx arma li hija iktar effettiva mir-rieda determinata tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja sservi dan l-iskop preċiż u din l-operazzjoni tixhed dan.'*

## 2.3. Skambju ta' informazzjoni u s-CMS

Id-Deċiżjoni tal-Eurojust introduċiet l-obbligu għall-Istati Membri biex jittrażmettu ċerta informazzjoni lill-Eurojust rilevanti għat-twettiq tal-missjoni tagħha, biex b'hekk l-Eurojust tkun tista' toffri appoġġ iktar proattiv biex tindirizza każijiet u fenomeni kriminali. L-Eurojust aġġustat is-CMS tagħha biex tiffaċilita l-ipproċessar ta' tipi addizzjonali ta' dejta u żviluppat l-għodod tekniċi biex tappoġġja t-trażmissjoni strutturata u sigura tad-dejta lill-Eurojust.

### 2.3.1. L-iżvilupp tas-CMS

Id-disinn u l-iżvilupp tas-CMS huma bbażati fuq id-Deċiżjoni tal-Eurojust u r-regoli tal-protezzjoni tad-dejta tal-Eurojust. Is-CMS hija l-għodda tas-softwer tal-Eurojust li tiffaċilita ħażna sigura u l-ipproċessar ta' dejta relatata mal-każijiet. Bħala database magħmula apposta, din tiffaċilita x-xogħol tal-Eurojust fl-appoġġ tal-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet permezz ta' kontroreferenza tal-informazzjoni u tippermetti aċċess għal informazzjoni dwar investigazzjonijiet kontinwi u prosekuzzjonijiet għall-partijiet ikkonċernati. Il-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta personali f'konformità mal-linji gwida għall-protezzjoni tad-dejta huwa garantit mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Eurojust u l-JSB.

Fl-2013, sar titjib konsiderevoli fis-CMS. It-titjib tas-sistemi ġie implimentat f'firxa wiesgħa ta' oqsma funzjonali tas-CMS u oriġina minn bidliet meħtieġa mid-Deċiżjoni riveduta tal-Eurojust, kif ukoll minn talbiet għal bidla mill-utenti. Sar titjib f'oqsma ewlenin bħall-funzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-każijiet, l-importazzjoni u l-analiżi ta' dejta personali, l-identifikazzjoni ta' rabta, it-tiftix u r-rapportar. Il-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta tal-Eurojust ġiet ottimizzata permezz ta' titjib tal-mekkaniżmi ta' lloggjar, notifika u qsim u permezz tal-introduzzjoni ta' mudell ta' sigurtà ġdid li jippermetti implimentazzjoni futura ta' approċċ iktar flessibbli għall-aċċess tas-CMS kemm għall-utenti interni kif ukoll għal dawk esterni (jiġifieri membri tal-ENCS u/jew Prosekuturi ta' Kollegament). Kienu meħtieġa tibdiliet oħra minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja, li pprovdew aċċess għall-Membru Nazzjonali Kroat u membri oħrajn tad-Desk Nazzjonali.

### 2.3.2. Il-formola 'intelliġenti' tal-Artikolu 13

**Għodda** Il-formola 'intelliġenti' tal-Artikolu 13 hija mudell elettroniku standardizzat żviluppat mill-Eurojost biex jippermetti t-trażmissjoni strutturata ta' informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali lill-Eurojust skont l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. Il-formola hija disponibbli bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Il-formola tippermetti l-importazzjoni tad-dejta sottomessa lis-CMS. L-informazzjoni rċevuta skont l-Artikolu 13 jew hija meqjusa ġdida jew tirreferi għal każ operazzjonali

kontinwu li nbeda fl-Eurojust mid-Desk Nazzjonali li jirċeviha. Wara r-reġistrazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti konnessjonijiet potenzjali għal każijiet oħrajn permezz tal-funzjoni awtomatika ta' detezzjoni fis-CMS. Jekk tiġi skoperta konnessjoni ġdida, id-Desk Nazzjonali sejjer jiġi notifikat. Id-Desk Nazzjonali infurmat imbagħad jikkomunika r-riżultati lill-awtorità ta' sottomissjoni fl-Istat Membru.

**Valutazzjoni** L-iżvilupp tal-għodda elettronika għall-proċess ta' trażmissjoni kif ukoll il-konfigurazzjoni fis-CMS ġew implimentati u rfinati mill-Eurojust. Minn Lulju 2011 (id-data tal-iskadenza tat-traspożizzjoni) sa Ġunju 2013, l-Eurojust irċeviet 218-il notifika tal-Artikolu 13, 89 minnhom relatati ma' każ reġistrat tal-Eurojust. S'issa, in-notifiki tal-Artikolu 13 jirrappreżentaw frazzjoni żgħira tal-informazzjoni rrapportata lill-Eurojust permezz ta' awtoritajiet nazzjonali matul ix-xogħol fuq il-każijiet (tul l-istess perjodu ta' żmien, total ta' 2 970 każ ġew reġistrati fl-Eurojust). L-iktar bażi legali komuni biex informazzjoni tal-Artikolu 13 tiġi riferuta lill-Eurojust hija l-paragrafu 6 ('każijiet ta' gravità partikolari'), it-tieni waħda hija l-paragrafu 5 ('JITs'). Meta l-Artikolu 13 jiġi implimentat bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha, l-Eurojust tkun tista', pereżempju, tagħti ħarsa ġenerali tal-SIK kollha fl-Unjoni Ewropea.

### 2.3.3. Konnessjonijiet bejn l-ENCS u s-CMS

**Riċerka** L-implimentazzjoni tal-konnessjoni teknika bejn il-membri tal-ENCS fl-Istati Membri u s-CMS tal-Eurojust imxiet 'il quddiem fl-2013. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati tal-Proġett ta' Konnettività tan-Netwerk EJ27, li eżamina l-infrastruttura tan-netwerk meħtieġa, il-Proġett ta' Riċerka tal-ENCS ipproduċa katalgu ta' Għodod Potenzjali tal-ENCS (jiġifieri soluzzjonijiet tekniċi possibbli għall-konnessjonijiet tal-ENCS mas-CMS) u indikazzjonijiet mill-Istati Membri tal-għażliet ippreferuti tagħhom. Il-Proġett ta' Riċerka tal-ENCS kkunsidra wkoll l-impatt tekniku tal-konnessjoni futura tal-utenti esterni għas-CMS, u tat-titjib tas-CMS meħtieġa minn din il-konnessjoni, fuq is-CMS u infrastruttura oħra tal-Eurojust.

**Modalitajiet ta' aċċess** F'Lulju 2013, il-Kulleġġ qabel fuq approċċ komuni dwar il-modalitajiet ta' aċċess tas-CMS għall-membri tal-ENCS. Il-Kulleġġ ddefinixxa livelli differenti ta' viżibbiltà tad-dejta u ta' drittijiet ta' ġestjoni rigward id-dejta li tinsab f'Fajls ta' Ħidma ta' Indiċi u Temporanji għal kategoriji differenti ta' utenti esterni tas-CMS, u t-twettiq tar-rwol ta' kontrollur tad-dejta tal-Membru Nazzjonali kkonċernat, skont ir-rekwiżiti legali u r-regoli tal-protezzjoni tad-dejta tal-Eurojust.

**Implimentazzjoni** L-implimentazzjoni teknika tal-konnessjonijiet ma' kull Stat Membru u s-CMS kompliet. Il-konnessjonijiet mar-Repubblika Ċeka u l-Latvja saru operattivi. S'issa, ġew stabbiliti konnessjonijiet ma' ħames Stati Membri (il-konnessjonijiet mal-Bulgarija u r-Rumanija kienu fis-seħħ mill-2012). Ġew stabbiliti konnessjonijiet pilota mal-Finlandja, l-Ungerija u l-Polonja u kull Stat Membru ffirma MtQ li jirregola l-użu tal-konnessjoni. Dawn il-konnessjonijiet huma mistennija li jsiru operattivi fil-bidu tal-2014. Ir-Rapport tal-Eurojust lill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-istatus ta' implimentazzjoni ġie ppubblikat bħala Dokument tal-Kunsill 12582/13 tad-19 ta' Lulju 2013.

## 2.4. L-Eurojust u l-SIK

Bħala strument speċifiku għal għajnuna legali transkonfinali li jippermetti skambju dirett ta' informazzjoni u provi f'tim mingħajr il-ħtieġa għal kanali tradizzjonali għal talbiet għal MLA, il-SIK ikomplu jirrappreżentaw waħda mill-iktar għodod operattivi importanti li l-infurzar tal-liġi u l-prattikanti ġudizzjarji għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

Ir-rwol speċifiku tal-Eurojust fit-twaqqif u l-funzjonament tal-SIK matul l-2013 huwa relatat l-iktar ma': (i) identifikazzjoni ta' każijiet xierqa għall-SIK; (ii) offerta ta' pariri u informazzjoni dwar sistemi proċedurali differenti; (iii) abbozzar ta' ftehim tal-SIK jew estensjonijiet ta' dak il-ftehim u pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali; (iv) għoti ta' koordinazzjoni fil-jiem ta' azzjoni; u (v) appoġġ lill-SIK permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni.

### 2.4.1. Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni organizzati fil-bini tal-Eurojust jew fl-Istati Membri kienu strument utli fid-determinazzjoni u l-monitoraġġ tal-miri operattivi tal-SIK, l-evalwazzjoni tal-attivitajiet investigattivi konġunti, u d-deċiżjoni dwar il-passi li jmiss li għandhom jittieħdu. Dawn il-passi kienu jinkludu: l-ippjanar ta' arresti simultanji, il-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' EAWs jew talbiet għal MLA lil Stati terzi, ftehim dwar miżuri relatati mal-konfiska, u azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-membri ssekondati tal-SIK. L-Eurojust iffaċilitat wkoll ftehimiet dwar strateġiji ta' prosekuzzjoni bejn l-imsieħba tal-SIK, li jeħtieġ li jiġu previsti kmieni kemm jista' jkun, peress li sikwit ikollhom impatt fuq l-iżvilupp tal-investigazzjonijiet infushom.

Fl-aħħar snin, l-Eurojust appoġġjat SIK stabbiliti taħt l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-MLA 2000 jew taħt id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-SIK. Madankollu, minħabba n-natura tal-investigazzjonijiet jew il-ħtieġa li jiġu involuti Stati terzi fl-azzjonijiet investigattivi, l-Eurojust fl-2013 ipprovdiet ukoll kompetenza rigward SIK stabbiliti skont strumenti legali oħrajn, eż. il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata, il-Konvenzjoni dwar l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana (Napli II), u skont trattati bilaterali.

**Fatti u ċifri** L-għoti ta' appoġġ għat-twaqqif u t-tmexxija tal-SIK kompla jkun wieħed mill-kompiti prijoritarji tal-Eurojust fl-2013. Fil-perjodu ta' rapportar, 102 SIK ġew appoġġjati mill-Membri Nazzjonali, li 42 minnhom kien għadhom kif jinħolqu fl-2013. Il-Membri Nazzjonali pparteċipaw jew fil-kapaċitajiet tagħhom bħala awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew f'isem l-Eurojust skont l-Artikolu 9f tad-Deċiżjoni tal-Eurojust.

Bħal fi snin preċedenti, l-SIK indirizzaw l-iktar tipi serji ta' kriminalità, bħat-traffikar ta' droga, it-THB, il-frodi u l-ħasil tal-flus. L-SIK intużaw ukoll f'numru dejjem jikber ta' każijiet ta' ċiberkriminalità. Barra minn hekk, l-Eurojust irċeviet 35 notifika mill-Istati Membri skont l-Artikolu 13(5) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, li sebgħa minnhom irriżultaw fl-istabbiliment ta' SIK bl-għajnuna tal-Eurojust. L-Eurojust appoġġjat ukoll it-twaqqif ta' tliet SIK li jinvolvu Stati terzi.

**Ostakli rikorrenti** Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet matul l-2013 jindika ċerti kwistjonijiet legali u prattiċi li jxekklu l-funzjonament effikaċi ta' SIK. Ġew identifikati l-ostakli li ġejjin: rekwiżiti formali differenti għall-iffirmar ta' ftehim SIK, differenzi fis-sistemi legali, speċjalment rigward regoli dwar il-ġbir ta' provi (inkluż materjal interċettat), regoli dwar l-ammissibbiltà tal-provi, żvelar tal-informazzjoni u limiti ta' żmien għaż-żamma tad-dejta, kunflitti ta' ġurisdizzjoni, u t-trasferiment tal-proċeduri kriminali. L-Eurojust tkompli tindirizza dawn l-ostakli rikorrenti u tgħin lill-prattikanti jegħlbuhom.

Il-kwistjonijiet li jiltaqgħu magħhom jirrelataw, pereżempju, mad-differenzi fir-rekwiżiti għas-smigħ ta' xhieda, u jistgħu joħolqu problemi rigward l-ammissibbiltà tal-provi. Kwistjoni komuni oħra tikkonċerna l-iżvelar ta' informazzjoni relatata mal-każ. Peress li l-qsim fil-pront ta' informazzjoni huwa vantaġġ ewlieni ta' SIK, il-membri tagħha għandhom ikunu konxji mill-bidu tal-firxa u ż-żmien tal-iżvelar ta' materjal sensittiv lill-avukat tad-difiża u l-qrati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri involuti

**Id-drittijiet tal-avukat tad-difiża** F'każ speċifiku ta' THB, il-leġiżlazzjoni ta' wieħed mill-Istati Membri involuti kienet teħtieġ li l-avukati tad-difiża tal-persuni suspettati jiġu notifikati u tingħatalhom il-possibbiltà li jkunu preżenti matul is-smigħ tax-xhieda sabiex tali provi jkunu ammissibbli fil-qorti. Ebda rekwiżit bħal dan ma kien preżenti fil-ġurisdizzjoni l-oħra involuta. Il-ftehim SIK iffirmat bl-appoġġ tal-Eurojust iċċara r-rekwiżiti u ppermetta li x-xhieda tax-xhud tittieħed b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-partijiet tal-SIK.

### *It-traffikar tal-bnedmin eżempju ta' każ*

F'SIK dwar THB u l-konfiska ta' proprjetà maqbuda, l-għajnuna tal-Eurojust iffokat fuq l-iżvilupp ġudizzjarju tal-każ. Il-vittmi tat-THB li jinsabu fi Stat Membru A ġew intervistati bl-għajnuna ta' uffiċjali tal-pulizija u prosekuturi minn Stat Membru B skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet tal-MLA tal-1959 u l-2000, sabiex il-provi tax-xhieda tagħhom ikunu jistgħu jintużaw fl-investigazzjonijiet taż-żewġ Stati Membri. B'dan il-mod, il-vittmi jkunu jistgħu jiġu intervistati minn kompatrijotti kollegi tagħhom, li kienu tħarrġu apposta biex jittrattaw vittmi vulnerabbli u xhieda. It-testimonjanzi miksuba fil-qafas tal-SIK imbagħad jistgħu jintużaw miż-żewġ Stati Membri fl-investigazzjonijiet tagħhom.

Fi ħdan il-qafas ta' din l-SIK, ittieħdet deċiżjoni li l-proċeduri sejrin jiġu trasferiti lill-Istat Membru B u li l-EAWs għandhom jinħarġu minn Stat Membru B, li mbagħad jitwettqu fl-Istat Membru A. L- awturi fl-Istat Membru A ġew ċeduti lill-Istat Membru B u tressqu għall-proċess, flimkien mal-kompliċi tagħhom diġà arrestati fl-Istat Membru B. Bl-appoġġ tal-Eurojust, li rranġat żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni flimkien ma' żewġ laqgħat tal-Livell II, il-valutazzjoni tal-provi, it-trasferiment tal-proċeduri kriminali u l-eżekuzzjoni tal-EAWs saru fil-qafas tal-SIK. L-attivitajiet tal-SIK waslu għal kundanna finali fl-Istat Membru B. Xi miżuri addizzjonali relatati mal-konfiska ta' proprjetà fl-Istat Membru A ġew diskussi bejn l-imsieħba tal-SIK fl-Eurojust u, bħala riżultat, il-proprjetà ġiet ikkonfiskata b'suċċess fl-Istat Membru A.

**Kunfidenzjalità/żvelar** Xi Stati Membri jużaw l-annessi għall-ftehimiet tal-SIK biex jiċċaraw kundizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni u regoli ta' kunfidenzjalità (żvelar). Din il-prattika tippermetti lill-Istati Membri biex isibu kompatibbiltajiet fir-rekwiżiti legali tagħhom li nkella jkunu differenti. F'SIK rigward każ ta' qtil, intlaħaq ftehim li, fil-prinċipju, aċċess mingħajr limiti u l-użu u l-qsim tal-informazzjoni għandu jseħħ sakemm wieħed mill-partijiet ma jkunx impona restrizzjoni fuq l-użu tiegħu (pereżempju, bħala provi fil-qorti).

## 2.4.2. Laqgħa annwali tal-Esperti tal-SIK

Bħala parti minn programm kontinwu għall-promozzjoni tal-użu tal-għodda tal-SIK, l-Eurojust ospitat u organizzat, f'kooperazzjoni mal-Europol, id-9 Laqgħa Annwali tal-Esperti Nazzjonali dwar l-SIK.

L-esperti qablu dwar it-tħejjija ta' lista ta' kontroll ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi qabel ma tiġi stabbilita l-SIK, u l-inklużjoni tar-regoli applikabbli dwar l-iżvelar tal-Istati Membri parteċipanti bħala anness għall-ftehim tal-SIK bħala kwistjoni ta' prattika tajba. Il-parteċipanti nnotaw ukoll li l-valutazzjonijiet tar-riskju dwar il-fattibbiltà u l-effikaċja tal-istabbili-ment tal-SIK, li jikkunsidraw b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-iżvelar u l-kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità , għandhom jitwettqu regolarment. Il-konklużjonijiet tal-laqgħa sejrin jiġu ppubblikati bħala dokument tal-Kunsill u sejrin isiru disponibbli fuq il-websajt tal-Eurojust.

Il-prattikanti jikkunsidraw l-evalwazzjoni tal-SIK bħala ta' importanza kbira fil-ħidma tagħhom, peress li tali evalwazzjoni tippermettilhom jiddeterminaw il-benefiċċji jew in-nuqqasijiet tal-SIK. L-Eurojust tirrikonoxxi u tappoġġja b'mod attiv il-valur miżjud tal-evalwazzjoni tal-SIK. Iktar informazzjoni dwar is-suġġett tista' tinstab fil-Kapitolu 4, 'Fokus tas-sena: evalwazzjoni tal-SIK'.

## 2.4.3. Finanzjament/assistenza finanzjarja għall-SIK

Bejn l-2010 u l-2013, l-Eurojust appoġġjat 95 SIK differenti stabbiliti fost 22 Stat Membru, u kkontrib-wixxiet b'mod sinifikanti għall-iżvilupp globali tal SIK fl-Unjoni Ewropea.

Tnedew żewġ sejħiet għall-proposti addizzjonali fil-kuntest tat-tieni proġett ta' finanzjament tal-SIK, f'Lulju u Settembru, li jkopru l-ħtiġijiet operattivi sa tmiem l-2013; waslu 36 applikazzjoni ġdida, li kkonfermaw tendenzi li diġà kienu osservati u s-suċċess tal-proġett. Informazzjoni rilevanti hija disponibbli fuq il-websajt tal-Eurojust jew permezz tal-link li ġejja: *http://www.eurojust.europa.eu/Practitioners/Eurojust-Support-JITs/JITS-Funding/Pages/jits-funding-project.aspx*.

Fl-2013, 34 SIK irċevew appoġġ finanzjarju mill-Eurojust, li 18 minnhom kienu ġew stabbiliti matul is-sena  Is-sena d-dieħla l-Eurojust sejra tkompli tappoġġja finanzjarjament l-attivitajiet tal-SIK. Mill-2014, l-Istati terzi li huma partijiet minn jew parteċipanti f'SIK li tinvolvi Stat Membru wieħed jew iktar minn wieħed huma eliġibbli għall-finanzjament. Proċedura ssimplifikata li tqis l-esperjenza preċedenti u r-rispons minn prattikanti sejra tiġi żviluppata u implimentata fl-2014.



# Ħidma operattiva tal-Eurojust

3

# 3.1. Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet f'oqsma ta' kriminalità prijoritarji

L-Eurojust tallinja l-oqsma ta' kriminalità ta' prijorità mal-prijoritajiet kriminali stabbiliti mill-Kunsill fiċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE 2014-2017 fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Iċ-ċiklu tal-politika inizjali u mnaqqas kien implimentat bejn l-2011 u l-2013, u l-Eurojust adattat il-prijoritajiet tagħha stess għal dan il-perjodu fl-2012 kif ġej: it-traffikar ta' droga, l-immigrazzjoni illegali u t-THB, il-frodi, il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità - inklużi immaġini ta' abbuż sesswali fuq minuri, ħasil tal-flus, reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, it-terroriżmu u l-MOCGs. Is-subsezzjonijiet li ġejjin jirrapportaw dwar l-involviment tal-Eurojust f'dawn l-oqsma ta' kriminalità.

Fl-2013, l-Eurojust appoġġjat b'mod attiv il-proġetti kollha tal-EMPACT li jiżviluppaw il-prijoritajiet tal-Kunsill.

Fir-rigward taċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE 2014-2017, fl-2013 l-Eurojust ipparteċipat b'mod attiv fil-preparazzjoni ta' MASPs għal kull waħda mid-disa' prijoritajiet adottati mill-Kunsill għal dan il-perjodu u, fil-proċess, it-traduzzjoni tal-MASPs f'OAPs fil-qafas tal-proġetti tal-EMPACT. Biex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-appoġġ ta' dawn il-proġetti, f'Settembru 2013 l-Eurojust adottat pożizzjoni komuni fuq il-livell ta' involviment u t-tip ta' appoġġ li tista' toffri għall-azzjonijiet speċifiċi fl-OAPs. Barra minn hekk, abbażi tal-ħidma preparatorja mwettqa fl-2013 f'dan ir-rigward, l-Eurojust sejra tadotta prijoritajiet ġodda għall-perjodu bejn l-2014 u l-2017 f'konformità ma' dawk tal-Kunsill.

## 3.1.1. It-traffikar ta' droga

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 263 | 239 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 59 | 56 |
| Numru ta' SIK | 13 | 26 |

*Il-maġġoranza tal-każijiet tat-traffikar ta' droga (184) jittrattaw dan ir-reat biss, għalkemm it-traffikar ta' droga huwa marbut mal-kriminalità organizzata f'47 każ u mal-attivitajiet ta' ħasil ta' flus f'17-il każ. L-Isvezja, Franza u l-Italja kienu dawk l-iktar li għamlu talbiet, filwaqt li Spanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja kienu l-iktar Stati Membri li saritilhom talba għal kooperazzjoni fil-każijiet ta' traffikar ta' droga. Il-kokaina hija bil-wisq l-iktar sustanza illegali frekwenti suġġetta għal investigazzjoni (113), segwita mill-kannabis (62). Għalkemm ix-xogħol fuq il-każijiet f'dan il-qasam naqas b'mod kwantitattiv, minn perspettiva kwalitattiva l-involviment tal-Eurojust kien akbar peress li n-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni baqa' stabbli u n-numru ta' SIK irdoppja.*

It-traffikar ta' droga huwa indirizzat fil-prijoritajiet tal-Kunsill għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bejn l-2011 u l-2013 b'modi differenti. Filwaqt li l-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi sintetiċi tidher bħala prijorità *per se,* drogi oħrajn huma inklużi f'għanijiet iktar ġenerali, bħal OCGs ibbażati fl-Afrika tal-Punent u l-Balkani tal-Punent, jew l-użu ta' konteninturi għat-traffikar ta' prodotti illegali. L-Eurojust ikkontribwixxiet attivament għall-proġetti kollha tal-EMPACT li jikkonċernaw it-traffikar ta' droga. B'mod partikolari, fir-rigward tal-proġett tal-EMPACT dwar drogi sintetiċi, l-Eurojust ipparteċipat f'laqgħat tal-EMPACT fi Frar u Ġunju, li waħda mill-kwistjonijiet l-iktar diskussi fihom kienet APAAN, prekursur

***Eżempju ta' każ ta' traffikar ta' droga***

Operazzjoni tal-pulizija u ġudizzjara Belġjana u Spanjola, appoġġjata mill-Eurojust u l-Europol, kellha fil-mira netwerk ta' traffikar ta' droga li kien attiv fil-Belġju, Spanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Marokk mill-2007. L-operazzjoni, li twettqet bejn l-2012 u l-2013, irriżultat fin-newtralizzazzjoni tal-grupp fl-2013.

Il-membri tal-OCG, prinċipalment ta' oriġini Marokkina, irriċiklaw madwar EUR 50 miljun mit-traffikar tal-kannabis. L-OCG kellu kuntatti fl-Afrika li kkultivaw u pproċessaw id-drogi, li mbagħad ittrasferixxew mill-Marrokk lejn Spanja bil-baħar. Ladarba d-drogi waslu fi Spanja, il-membri tal-OCG ittrasferixxew id-drogi lejn il-vetturi għall-ħżin jew biex jiġu ttrasferiti ulterjorment madwar l-Ewropa kollha. Ħanut tal-ġilda f'Málaga ntuża bħala post għall-ħasil tal-flus, u ntużaw kurriera biex jittrasportaw il-flus kontanti mill-Belġju u Franza.

Id-Desk Belġjan u Spanjol f'Eurojust ħadmu mill-qrib flimkien u ffaċilitaw

l-MLAs li ntbagħtu kemm mill-awtorità Spanjola kif ukoll dik Belġjana. Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni tal-pulizija bejn il-Pulizija Federali Belġjana, il-Guardia *Civil Spanjola* u l-Europol, ġiet stabbilita SIK permezz tal-Eurojust.

Fi Spanja, infetħu diversi każijiet indipendenti li kienu relatati ma' qbid ta' droga u flus. Matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni organizzati ġewwa l-Eurojost, il-partijiet qablu li jżommu dawn il-każijiet separati mill-każ ewlieni biex b'hekk ma jippreġudikawx l-investigazzjoni ewlenija u biex jinkorporaw biss il-każijiet ta' droga iżgħar mal-investigazzjoni ewlenija jekk ir-riżultat tal-investigazzjoni ewlenija kien pożittiv. Fejn ikun meħtieġ, l-awtoritajiet Spanjoli qablu li jipprovdu informazzjoni lilll-awtoritajiet Belġjani mingħajr ma jorbtu tali talba mal-investigazzjoni ewlenija. Biex jiffukaw aħjar l-investigazzjoni, il-partijiet qablu wkoll li jimmiraw biss is-suspettati ewlenin fi Spanja u l-Belġju. Bl-assistenza tal-Eurojust, il-partijiet setgħu jegħlbu ostakolu relatat mal-interċettazzjoni elettronika li kkawżat id-differenzi fil-Kodiċijiet tal-Proċeduri Kriminali fiż-żewġ Stati Membri. Il-proċeduri fir-rigward tas-suspettat ewlieni kienu eventwalment ittrasferiti mill-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Pubblika fi Brussell lill-imħallef inkwirenti f'Torrevieja, Spanja, grazzi għal ftehim milħuq fil-qafas tal-SIK.

L-Europol appoġġja l-operazzjoni billi pprovda rapporti forensiċi, ta' tqabbil u rapporti analitiċi oħra. Jum ta' azzjoni kkoordinata rriżulta fl-arrest ta' 46 membru suspettat tal-OCG. Barra minn hekk, inqabdu 5 301 kg ta' kannabis, 2 dgħajjes tas-sajd, 77 vettura, 20 binja, 5 kumpaniji u EUR 225 230 fi flus kontanti. L-assi kienu vvalutati f'EUR 13 750 000.

użat biex jiġu prodotti d-drogi sintetiċi li s'issa ma ġewx irregolati fl-Istati Membri kollha.

Fir-rigward taċ-Ċiklu Politiku tal-UE 2014-2017, il-prijoritajiet tal-Kunsill jinkludu objettivi speċifiċi għat-traffikar tad-drogi sintetiċi u t-traffikar tal-kokaina u l-eroina. F'Ġunju, l-Eurojust ħadet sehem fil-laqgħa tal-MASP fuq drogi sintetiċi u l-laqgħa tal-MASP fuq il-kokaina u l-eroina. Il-parteċipazzjoni tal-Eurojust żgurat li l-aspett tal-kooperazzjoni ġudizzjarja kien inkluż fl-għanijiet strateġiċi għall-erba' snin li ġejjin. L-Eurojust ħadet sehem ukoll fil-laqgħa għall-abbozzar tal-OAP.

In-negozjati għal MtQ bejn l-Eurojust u l-EMCDDA komplew u l-abbozz tat-test ġie approvat mill-Kulleġġ u l-Bord Amministrattiv tal-EMCDDA. L-Eurojust ikkontribwixxiet għar-rapport tas-swieq tad-drogi tal-UE, *Każijiet ta' traffikar ta' droga f'livell għoli mill-perspettiva tax-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet*, ippubblikat mill-EMCDDA f'Jannar. L-Eurojust u l-EMCDDA iltaqgħu darbtejn fl-2013 biex jagħmlu skambju ta' ideat u jiddiskutu proġetti konġunti.

Fuq talba tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC), l-Eurojust appoġġjat ir-reviżjoni ta' livell għoli tal-implimentazzjoni tad- *Dikjarazzjoni Politika u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali lejn Strateġija integrata biex Tiġġieled il-Problema Dinjija tad-Droga* billi pprovdiet materjal fuq proġett strateġiku u seminar tal-Eurojust dwar it-traffikar tad-droga u dwar l-SIK, kif ukoll dejta statistika fuq ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet.

### 3.1.2. L-immigrazzjoni illegali

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 29 | 25 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 18 | 5 |
| Numru ta' SIK | 4 | 7 |

*L-involviment tal-Eurojust fil-każijiet ta' immigirazzjoni illegali jippreżenta stampa mgħawġa tas-sitwazzjoni reali. Minn naħa waħda, il-każijiet irreġistrati naqqsu meta mqabbel mal-2012, l-istess bħal-laqgħat ta' koordinazzjoni; min-naħa l-oħra, in-numru ta' SIK kważi rdoppja. L-Awstrija, ir-Renju Unit u l-Italja kienu l-Istati Membri l-iktar attivi fil-ftuħ ta' każijiet; il-Belġju, il-Greċja u r-Renju Unit kienu l-iktar Stati Membri li sarulhom talbiet.*

Dan it-tip ta' reat kien wieħed mill-prijoritajiet tal-Kunsill fir-rigward tal-perjodu 2011-2013. L-Eurojust kienet irrappreżentata fil-laqgħat tal-EMPACT dwar l-immigrazzjoni illegali, iżda ma kien meħtieġ ebda involviment partikolari peress li dan il-proġett mar għal approċċ amministrattiv iktar milli fokus fuq l-investigazzjonijiet kriminali. L-immigrazzjoni illegali reġgħet ġiet ikkunsidrata bħala waħda mill-prijoritajiet tal-Kunsill għall-2014-2017. L-Eurojust ħadet sehem b'mod attiv fis-sessjoni ta' ħidma tal-MASP dwar l-immigrazzjoni illegali, fir-rigward tal-perjodu 2014-2017, li ġiet organizzata f'Ġunju. F'Ottubru, l-Eurojust ħadet sehem ukoll fil-laqgħa għall-abbozzar tal-OAP għall-2014.

*Eżempju ta' każ ta' immigrazzjoni illegali*

Franza fetħet każ f'Lulju 2012 dwar OCG involut f'kuntrabandu illegali. L-OCG kien jinsab fi Franza, il-Belġju u r-Renju Unit u kellu rabtiet mal-Greċja u t-Turkija kif ukoll mal-Pajjiżi l-Baxxi. Kellu organizzazzjoni loġistika sofistikata u kumplessa ħafna, bis-sede tal-bażi tal-operazzjonijiet tinbidel minn Franza għall-Belġju.

L-OCG ġiegħel lill-immigranti Kurdi jħallsu madwar EUR 2 000 għal kull persuna fi flus kontanti jew bi trasferiment bankarju lejn ir-Renju Unit. Sussegwentement, l-immigranti illegali nġabru minn żoni ta' parkeġġ fil-Belġju u Franza u mqiegħda fi trakkijiet li ttrasportawhom lejn il-laneċ li jbaħħru minn Calais lejn ir-Renju Unit. Din l-operazzjoni ġiet ripetuta kull lejl. L-OCG huwa maħsub li huwa responsabbli għat-tentattiv li jikkuntrabanda bejn 20 u 30 immigrant illegali lejn ir-Renju Unit kuljum, bi stima ta' 10 persuni kkuntrabandati b'suċċess kuljum, li jammontaw għal madwar 4 000 immigrant illegali fis-sena.

L-Eurojust appoġġjat l-ġestjoni b'suċċess tal-każ billi organizzat żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni. Dawn il-laqgħat kienu segwiti mill-iffirmar tal-ftehim tal-SIK bejn Franza u l-Belġju f'Ottubru 2012. Ir-Renju Unit issieħeb din l-SIK fi Frar 2013. L-SIK kienet kofinanzjata mill-Eurojust permezz tal-Proġett ta' Finanzjament tal-SIK. F'Awwissu 2013, kien stabbilit ċentru ta' koordinazzjoni ġewwa l-Eurojust u mmexxi mid-Desks ta' Franza, il-Belġju u r-Renju Unit. L-Europol appoġġja l-każ billi skjera uffiċċju mobbli fi Franza għal analiżi tal-intelligence fuq il-post.

Twettqu azzjonijiet b'suċċess milll-awtoritajiet tal-pulizija fi Franza, il-Belġju u r-Renju Unit li wasslu għall-arrest ta' 36 persuna, il-ħruġ ta' żewġ EAWs, u t-tfittxija ta' 45 post. L-OCG tkisser permezz ta' dawn l-azzjonijiet konġunti.

### 3.1.3. It-traffikar tal-bnedmin

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 60 | 84 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 20 | 24 |
| Numru ta' SIK | 6 | 15 |

*Dan it-tip ta' reat huwa indirizzat l-iktar fl-Eurojust bħala reat awtonomu, għalkemm huwa marbut f'numru ta' każijiet (21) ma' OCGs. L-isfruttament sesswali hija l-kategorija ewlenija ta' THB fil-każijiet tal-Eurojust (56). B'mod simili għat-traffikar ta' droga u l-immigrazzjoni illegali, l-appoġġ tal-Eurojust għall-SIK żdied b'mod sinifikanti, l-istess bħan-numru ta' każijiet. Ir-Rumanija u r-Renju Unit fetħu l-akbar ammont ta' każijiet (32), u l-Bulgarija, il-Ġermanja, ir-Rumanija, l-Italja u Spanja kienu l-iktar Stati Membri li sarulhom talbiet.*

It-THB kien prijorità tal-Kunsill fil-perjodu 2011-2013. L-Eurojust kienet involuta f'numru ta' attivitajiet li jikkonċernaw it-THB. F'April, l-Eurojust ospitat żjara mis-Sa Myria Vassiliadou, il-Koordinatur ta' Kontra t-Traffikar fl-UE, bħala segwitu għall-proġett strateġiku, *l-azzjoni tal-Eurojust kontra t-traffikar tal-bnedmin* u l-adozzjoni *tal-Pjan ta' Azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin 2012-2016.* Il-fini taż-żjara kien li jiġu diskussi l-possibbiltajiet li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Koordinatur ta' Kontra t-Traffikar tal-UE fil-glieda kontra t-THB.

In-numru ta' każijiet tat-THB fl-Eurojust baqa' stabbli fl-aħħar ftit snin, iżda fl-2013 żdied b'40 fil-mija meta mqabbel mal-2012.

L-Eurojust kienet irrappreżentata fil-laqgħat tal-EMPACT dwar it-THB. L-importanza tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni kienet riflessa b'mod ċar fil-miri strateġiċi taċ-ċiklu ta' politika għall-2011-2013.

Bħala żvilupp operattiv pożittiv, infetaħ każ mill-Pajjiżi l-Baxxi fil-proġett tal-EMPACT. Ġew organizzati żewġ laqgħat operattivi fl-Europol u sussegwentement l-Eurojust organizzat tliet laqgħat ta' koordinazzjoni u stabbilixxiet SIK. L-Eurojust saret ukoll imsieħeb assoċjat f'żewġ sottoproġetti tal-EMPACT - *ETUTU* (l-identifikazzjoni tal-vittmi ta' THB Niġerjan u l-ksib ta' intelligence

### *Eżempju ta' każ ta' THB*

L-Uffiċċju ta' Prosekuzzjoni Kontra l-Mafja f'Firenze talab l-assistenza tal-Eurojust f'każ li jirrigwarda t-traffikar internazzjonali ta' droga u t-THB għall-prostituzzjoni. Il-biċċa l-kbira tas-suspettati tal-OCG kienu ta' nazzjonalità Albaniża. Kienu sitwati fl-Italja, il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, l-Isvizzera u l-Albanija.

L-Eurojust ospitat żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni, fejn ħadu sehem delegazzjonijiet mill-Italja, il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, l-Isvizzera, l-Albanija u l-Europol. Matul l-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni f'Marzu 2012, il-parteċipanti ddiskutew l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA mibgħuta mill-Italja u stabbilixxew lista ta' punti ta' kuntatt fid-diversi pajjiżi biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni. Il-laqgħa identifikat diversi investigazzjonijiet paralleli li kienu għaddejjin jew ippjanati fil-pajjiżi parteċipanti. Fit-tieni laqgħa ta' koordinazzjoni sena wara, kien ippjanat jum ta' azzjoni komuni u ttieħdet deċiżjoni li jitwaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni fl-Eurojust. L-Europol ippreżenta r-rapport ta' tqabbil li kien ħejja f'dan il-każ u spjega t-tip ta' appoġġ li jista' jipprovdi liċ-ċentri ta' koordinazzjoni fl-Eurojust. Biex jiffaċilitaw l-azzjoni komuni tagħhom, il-parteċipanti qablu li jidentifikaw fejn huma sitwati s-suspettati qabel il-jum ta' azzjoni u fuq it-tfittxijiet u l-qbid simultanju. Dawn il-laqgħat wasslu għall-istabbiliment ta' ċentru ta' koordinazzjoni fl-Eurojust f'April 2013. Il-pajjiżi involuti kienu l-Italja, l-Albanija, il-Belġju, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi.

L-Eurojust iffaċilitat il-koordinazzjoni u t-trażmissjoni effikaċi ta' diversi talbiet għal MLA permezz tad-Desks Nazzjonali fl-Eurojust. L-Europol uża l-uffiċċju mobbli tiegħu għal appoġġ operattiv f'ħin reali.

Qabel iċ-ċentru ta' koordinazzjoni, saru żewġ arresti fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-Belġju. Bħala riżultat tal-azzjonijiet konġunti meħuda matul iċ-ċentru ta' koordinazzjoni, ġew arrestati 19-il persuna oħra madwar l-Albanija, Franza u l-Italja, u b'hekk tkisser l-OCG.

mingħandhom) u *THB Ċiniż* (l-immirar ta' kriminalità Ċiniża marbuta mat-THB).
Għal darb'oħra t-THB ġie kkunsidrat bħala wieħed mill-prijoritajiet tal-Kunsill għall-2014-2017. L-Eurojust ħadet sehem b'mod attiv fil-laqgħa tal-MASP dwar it-THB u fil-laqgħa ta' Novembru biex tiġi żvliluppata l-OAP għall-2014.

## 3.1.4. Il-frodi

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 382 | 449 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 33 | 60 |
| Numru ta' SIK | 11 | 21 |

*Ix-xogħol fuq il-każijiet ta' frodi ra żieda sinifikanti (17.5 % fil-mija) meta mqabbel mal-2012; l-istess japplika minn perspettiva kwalitattiva li tikkunsidra l-laqgħat ta' koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-SIK. Il-frodi jidher li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa infrazzjoni waħda (314 każ) u kategorija mhux speċifikata ('tipi oħra ta' frodi' - 173 każ); huwa kategorizzat bħala imbrolji f'124 każ u bħala frodi tal-VAT f'89; hija rrapportata assoċjazzjoni mal-ħasil tal-flus f'59 każ u involviment ta' organizzazzjoni kriminali f'45. Ir-Repubblika Ċeka, il-Portugall u l-Ungerija kienu l-Istati Membri ewlenin li għamlu talba, filwaqt li r-Renju Unit, il-Ġermanja u Spanja kienu l-iktar Stati Membri li sarulhom talbiet.*

Il-frodi ma kienx iddefinit bħala prijorità għall-Kunsill għall-perjodu 2011-2013, iżda jidher bħala wieħed mit-theddid mill-kriminalità inkluż fl-SOCTA.

Fir-rigward tal-perjodu 2014-2017, il-frodi tas-sisa u l-frodi tal-MTIC ġew inklużi fil-prijoritajiet tal-kriminalità tal-Kunsill. Jidhru fl-istess prijorità iżda huma fil-fatt żviluppati bħala sottoprijoritajiet indipendenti, bil-gruppi speċifiċi tagħhom ta' esperti u laqgħat differenzjati. L-Eurojust attendiet kemm għal-laqgħat tal-MASP f'Lulju u l-laqgħat ta' abbozzar tal-OAP f'Ottubru għas-sottoprijoritajiet rispettivi tagħhom.

L-Eurojust kienet involuta b'mod attiv fl-ewwel Forum dwar il-Kriminalità u s-Sigurtà Finanzjarja tat-Timijiet tas-Sigurtà tal-ATM organizzat fl-Aja fit-13 u l-14 ta' Ġunju, matul liema ġew diskussi varjetà ta' suġġetti relatati ma' card skimming u frodi. L-Eurojust tat preżentazzjoni li tiffoka fuq kwistjonijiet ta' rkupru tal-assi fil-ħidma tagħha fil-konferenza tal-Europol dwar *l-Indirizzar ta' Reati tat-Taxxa Serji u Organizzati: l-Abbuż Kriminali ta' Vetturi Offshore*, fis-27 u t-28 ta' Novembru.

***Eżempju ta' każ ta' frodi***

L-awtoritajiet Ungeriżi skoprew OCG li kien qiegħed iwettaq kummerċ illegali ta' mediċini foloz u d-distribuzzjoni illegali ta' mediċini farmaċewtiċi mhux irreġistrati. Il-farmaċewtiċi kienu importati mill-Indja u ċ-Ċina u mqassma mill-OCG lil 76 pajjiż permezz tal-Internet, inkluż l-Istati Membri kollha, in-Norveġja u l-Isvizzera. Il-prodotti ffalsifikati kellhom valur totali ta' 3.7 miljun EUR.

L-OCG offra l-farmaċewtiċi lill-konsumturi fuq websajts speċjali ddisinjati biex jidhru bħala spiżeriji ġenwini fejn dawn il-prodotti jiġu offruti bħala mediċini leġittimi. Il-farmaċewtiċi kienu f'domanda kbira peress li l-konsumar ma kellux bżonn jgħaddi minn eżaminazzjoni medika qabel jużahom. Il-prodotti ntbagħtu lix-xerrej online bil-posta.

Minbarra l-assistenza offruta mill-Europol, bl-organizzazzjoni ta' laqgħa operattiva f'Marzu 2013, l-awtoritajiet Ungeriżi talbu l-assistenza tal-Eurojust fit-tixrid tal-informazzjoni dwar il-każ lill-Istati Membri u fir-riċeviment ta' informazzjoni li tirrigwarda l-investigazzjonijiet paralleli mwettqa fl-Istati Membri tagħhom. Bħala riżultat, il-każ kien marbut mal-investigazzjonijiet kontinwi fl-Estonja permezz ta' wieħed mis-suspettati. Saru kollegamenti ulterjuri ma' proċeduri fir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Polonja u l-Kroazja. L-awtoritajiet Estonjani fittxew sit identifikat f'fajl ta' opinjoni tal-esperti tal-pulizija Ungeriża, sabu u qabdu eluf ta' pilloli foloz u arrestaw ir-ridistributur. L-iffriżar tal-kontijiet tal-bank f'Ċipru kien possibbli wkoll b'riżultat tal-assistenza tal-Eurojust fil-każ.

Wara l-akkuża ta' wieħed mis-suspettati, il-proċedura kriminali fl-Ungerija daħlet fil-fażi tal-proċess u l-każ tal-Eurojust ingħalaq.

## 3.1.5. Il-korruzzjoni

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 30 | 52 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 7 | 16 |
| Numru ta' SIK | 3 | 3 |

*Fl-2013, in-numru ta' każijiet kiber (b'73 fil-mija), l-istess bħal-laqgħat ta' koordinazzjoni (iktar mid-doppju). Mit-total, 23 każ jindirizzaw biss dan ir-reat, filwaqt li 22 każ jinvestigaw ukoll il-ħasil tal-flus. L-Istati Membri ewlenin li għamlu talba kienu r-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit u l-Latvja; il-Ġermanja, l-Awstrija, Spanja u r-Renju Unit kienu l-Istati Membri l-iktar mitluba.*

Il-korruzzjoni ma kinitx prijorità għall-Kunsill għall-perjodu 2011-2013 jew għall-perjodu 2014-2017, iżda tibqa' waħda mit-theddid kriminali inkluż fl-SOCTA. Il-każijiet ta' korruzzjoni kienu sensittivi u, għal din ir-raġuni, ma ngħatax eżempju tal-każ.

L-Eurojust ikkontribwixxiet fi Frar għall-ewwel Rapport Kontra l-Korruzzjoni fl-UE tal-Kummissjoni Ewropea. Il-kontribuzzjoni tal-Eurojust kopriet informazzjoni dwar l-isforzi tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-xogħol tagħha fuq il-każijiet ta' korruzzjoni, inkluż l-ispeċifikazzjonijiet tal-każ u l-involviment ta' Stati terzi, kif ukoll attivitajiet kriminali assoċjati mal-korruzzjoni u l-każijiet ta' korruzzjoni rreġistrati għall-fini tal-ħolqien ta' SIK. Il-Kummissjoni ppubblikat ir-Rapport Kontra l-Korruzzjoni tal-UE fit-3 ta' Frar 2014.

## 3.1.6. Iċ-ċiberkriminalità

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 42 | 29 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 5 | 10 |
| Numru ta' SIK | 2 | 9 |

*In-numru ta' każijiet ta' ċiberkriminalità naqsu meta mqabbel mal-2012; madankollu, kemm il-laqgħat ta' koordinazzjoni kif ukoll l-involviment fl-SIK żdiedu. Nofs il-każijiet jindirizzaw iċ-ċiberkriminalità bħala reat uniku u 11-il każ huma marbuta ma' frodi. Jidhru erba' każijiet ta' 'immaġini ta' abbuż fuq tfal' u tmien każijiet ta' 'phishing'. Il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit kienu l-Istati Membri ewlenin li għamlu talba; ir-Renju Unit, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi kienu l-iktar mitluba.*

Fiċ-ċiklu tal-politika tal-2011-2013, iċ-ċiberkriminalità tidher bħala prijorità tal-Kunsill b'fokus fuq l-użu għal skopijiet kriminali tal-Internet. L-Eurojust ħadet sehem b'mod attiv fil-proġett tal-EMPACT relatat, billi attendiet għal-laqgħat kollha.

Il-prijoritajiet tal-Kunsill għall-2014-2017 jindirizzaw iċ-ċiberkriminalità permezz ta' tliet oqsma ta' sottoprijorità (l-isfruttament sesswali tat-tfal, l-attakki ċibernetiċi, u l-frodi tal-kards) kull waħda bil-grupp ta' espert tagħha stess u laqgħat differenti.

L-Eurojust sejra tkun tista' tikkategorizza l-każijiet tagħha taħt tipi speċifiċi ta' reati li jaqgħu taħt il-kategorija ġenerali ta' ċiberkriminalità. L-Eurojust ħadet sehem fil-laqgħat MASP kollha f'Ġunju u anki fl-abbozzar tal-OAPs għall-2014.

Iċ-ċiberkriminalità huwa qasam ta' kriminalità li qiegħed jevolvi malajr, u dan jagħmel approċċ integrat fost il-pajjiżi kollha involuti fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità essenzjali. L-Eurojust tipprovdi pjattaforma għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ġudizzjara bejn l-investigaturi u l-prosekuturi fil-każijiet ta' ċiberkriminalità. L-involviment tal-awtoritajiet ġuridiċi differenti fi stadju bikri mill-investigazzjonijiet taċ-ċiberkriminalità huwa kruċjali biex jiġu evitati ostakoli legali li jseħħu minħabba oqsfa legali differenti. Il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-ġbir tal-provi (b'mod elettroniku) f'tali każijiet huwa essenzjali għal prosekuzzjonijiet b'suċċess.

Għal informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Eurojust fl-EC3, *ara* ara s-sottosezzjoni 3.3.2, 'Aġenziji u korpi tal-UE', hawn taħt.

***Eżempju ta' każ ta' ċiberkriminalità***

OCG ittrasferixxa b'mod illegali jew ipprova jittrasferixxi flus mill-kontijiet tal-konsumaturi tal-banek Ewropej ewlenin billi jisfrutta kompjuters kontaminati. L-OCG affettwa konsumaturi f'sitt pajjiżi: L-Awstrija, il-Finlandja, ir-Renju Unit, il-Belġju, in-Norveġja u l-Pajjiżi l-Baxxi. Fuq talba mill-awtoritajiet Awstrijaċi, l-Eurojust assistiet fil-koordinazzjoni tal-investigazzjoni fil-pajjiżi involuti.

L-OCG wettaq attakki ta' phishing kontra diversi banek nazzjonali billi ferrex malware fuq l-Internet u b'hekk attakka l-klijenti tal-banek. Meta d-detenturi tal-kontijiet tal-bank illoggjaw fil-kontijiet tal-bank tagħhom, il-malware kien wettaq tranżazzjonijiet. Permezz tal-konnessjoni attiva tal-Internet tal-vittma, il-malware aċċessa l-kont, għamel trasferiment fl-isfond u ġġenera tieqa pop-up li talbet biex jiddaħħal numru ta' awtentikazzjoni tat-tranżazzjoni (kodiċi-TAN). Billi daħlet il-kodiċi-TAN, il-vittma awtorizzat it-trasferiment u l-flus ġew ittrasferiti għand il-kurriera tal-flus madwar l-Ewropa kollha, li immedjatament ġibdu l-flus u bagħtuhom lil Stati terzi.

Wara laqgħa operattiva fl-Europol f'Settembru 2012, l-Eurojust organizzat l-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni f'Diċembru 2012. F'din il-laqgħa, il-pajjiżi involuti skambjaw l-aħħar riżultati investigattivi, u ddiskutew il-kooperazzjoni futura u l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal MLA eżistenti. Il-parteċipanti ddeċidew li jwaqqfu SIK bejn il-pajjiżi involuti, l-Eurojust u l-Europol biex ifixklu l-OCG. L-objettiv tal-SIK kien li tiġbor provi, tikkondividi informazzjoni rilevanti, tidentifika dawk responsabbli u tuża l-provi miġbura għall-fini ta' prosekuzzjoni u t-trażżin u l-konfiska tar-rikavat tal-kriminalità.

Ġiet organizzata laqgħa ta' koordinazzjoni oħra f'Marzu biex jiġi diskuss l-abbozz ta' ftehim tal-SIK. Fl-aħħar nett, f'Awwissu, ġiet organizzata t-tielet laqgħa ta' koordinazzjoni li damet għaddejja jumejn. Matul din il-laqgħa, il-pajjiżi involuti skambjaw l-informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjonijiet u ddiskutew il-kooperazzjoni ulterjuri u d-dettalji tal-ftehim tal-SIK, li l-Pajjiżi l-Baxxi qablu wkoll li jissieħbu miegħu.

L-Eurojust iffaċilitat l-abbozzar tal-ftehim tal-SIK bejn sitt pajjiżi. L-SIK kienet iffinanzjata bl-assistenza tal-Eurojust. L-Eurojust offriet ukoll l-għarfien espert tagħha fl-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA u l-koordinazzjoni tal-investigazzjoni permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni. Permezz tal-koordinazzjoni tal-investigazzjoni, id-diversi attakki ta' phishing kienu marbuta ma' xulxin, xi kurriera tal-flus kienu intraċċati, u ġew identifikati għadd ta' suspettati.

*Eżempju ta' każ ta' ċiberkriminalità*

L-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet Spanjoli fir-rigward ta' inċidenti ta' frodi u falsifikazzjoni b'mezzi ta' ħlas mhux fi flus kontanti, b'mod partikolari permezz tal-ikklonar ta' karti tal-kreditu billi jitqiegħed apparat ta' qari elettroniku fuq l-ATMs tal-banek, żvelaw netwerk kriminali Bulgaru speċjalizzat f'dan it-tip ta' frodi, li jopera minn Spanja u l-Bulgarija. Il- *Il-modus operandi* tal-grupp kriminali u l-affiljati tiegħu kien li jiġbor id-dejta finanzjarja mill-ATMs fi Spanja u Stati Membri oħra biex jinħolqu karti tal-kreditu jew debitu foloz. Dawn il-karti mbagħad intużaw biex jinġibdu ammonti kbar ta' flus kontanti mill-ATMs kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha.

Wara talba għal assistenza mill-awtoritajiet Spanjoli, l-Eurojust organizzat laqgħa ta' koordinazzjoni f'April 2013, li għaliha kienu mistiedna l-awtoritajiet Spanjoli u Bulgari u l-Europol. Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' provi bejn il-partijiet involuti, id-delegazzjonijiet iddeċidew li jistabbilixxu SIK bejn il-Bulgarija, Spanja, l-Eurojust u l-Europol. L-Eurojust ipprovdiet parir legali kif ukoll finanzjament u tagħmir loġistiku essenzjali permezz tal-Proġett ta' Finanzjament tagħha tal-SIK. L-Europol appoġġja l-investigazzjoni b'analiżi operat-tiva mill-istadju bikri.

Jum ta' azzjoni komuni f'Ottubru 2013 fil-Lvant ta' Spanja wassal għall-arrest ta' sitt individwi u tliet fittxijiet fi djar. L-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi ssekwestraw 15-il apparat użat għall-ikkupjar tal-PINs, iktar minn 10 apparati għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni fuq l-istrippi manjetiċi tal-karta tal-kreditu/debitu, diversi laptops, u dokumenti li jpinġu l-postijiet tal-ATM. L-SIK kienet għadha attiva fi tmiem l-2013 u huma mistennija iktar riżultati ta' kooperazzjoni bejn il-membri tal-SIK fl-2014.

## 3.1.7. Il-ħasil tal-flus

*L-istatistika tal-każ turi żieda fdan il-qasam ta' kriminalità. Il-ħasil tal-flus jidher bħala reat trasversali marbut mal-biċċa l-kbira tal-prijoritajiet ta' kriminalità tal-Eurojust, b'mod partikolari l-frodi, l-involviment tal-OCGs, il-korruzzjoni u t-traffikar ta' droga; jidher ukoll bħala reat awtonomu f'numru ta' każijiet (68). L-Istati Membri ewlenin li għamlu talba huma l-Isvezja, l-Italja u l-Polonja, filwaqt l-Istati Membri ewlenin mitluba kienu Spanja, l-Italja u l-Ġermanja.*

Għalkemm il-ħasil tal-flus mhuwiex ikkunsidrat prijorità ta' kriminalità *per se* fil-prijoritajiet tal-Kunsill għall-perjodu 2011-2013 jew fiċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE 2014-2017, huwa msemmi b'mod espliċitu bħala kwistjoni trasversali li trid tiġi kkunsidrata meta jiġu indirizzati l-prijoritajiet ta' kriminalità kollha. In-numru ta' każijiet fl-Eurojust baqa' wieħed għoli, bħal fis-snin ta' qabel.

Bħala parti mill-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-ħasil tal-flus, l-Eurojust attendiet ukoll għal-laqgħa *tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Flussi Finanzjarji tal-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija 'l barra mill-Kosta tas-Somalja*, matul liema ġew diskussi l-iskambju ta' flus u r-rwol tal-Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja f'każijiet ta' piraterija marittima.

Dan il-grupp ġie stabbilit fl-2009 skont riżoluzzjoni tan-NU biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet bejn l-Istati u l-organizzazzjonijiet biex titrażżan il-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja.

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 144 | 193 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 34 | 49 |
| Numru ta' SIK | 8 | 13 |

*Eżempju ta' każ ta' ħasil tal-flus*

F'Marzu 2013, id-Desk Olandiż talab l-assistenza tal-Eurojust f'każ li jirrigwarda investigazzjoni fit-tul rigward il-ħasil tal-flus mir-rikavat tal-kriminalità, inkluż it-traffikar ta' droga. F'nofs id-disgħinijiet, l-awtoritajiet Olandiżi bagħtu talba għal MLA lill-awtoritajiet tal-Andorra li tikkonċerna l-attivitajiet illegali ta' għadd ta' suspettati Olandiżi. Minn dik it-talba, l-investigazzjonijiet fuq dawn it-tliet persuni twettqu fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-Andorra. Fl-2013, ntbagħtu talbiet għal MLAlill-awtoritajiet

Spanjoli f'Alicante u Málaga, fejn intalbet informazzjoni dwar is-sidien ta' ċerti proprjetajiet fi Spanja u l-postijiet ta' residenza ta' diversi suspettati.

L-attivitajiet tas-suspettati ewlenin kienu marbuta ma' suspettati u kumpaniji oħra permezz ta' tranżazzjonijiet monetarji differenti. Huwa maħsub li diversi suspettati investew fil-proġetti ta' żvilupp ta' proprjetà immobbli fl-Andorra.

Iċ-ċentru tal-operazzjoni tal-ħasil tal-flus kienet kumpanija tal-bini f'Andorra li investiet fi proġetti ta' kostruzzjoni fuq skala kbira u ddepożitat EUR 16-il miljun f'kontijiet tal-bank fl-Andorra.

Ġiet organizzata laqgħa ta' koordinazzjoni f'Settembru 2013 biex tiġi skambjata l-informazzjoni dwar l-azzjoni li kienet meħtieġa b'mod urġenti għall-eżekuzzjoni tat-talbiet eżistenti għal MLA. Il-prosekuzzjoni riedet tinbeda malajr, peress li r-reati kienu soġġetti għal preskrizzjoni (preskritti) mill-1 ta' Jannar 2014.

Matul il-laqgħa ta' koordinazzjoni, intlaħaq ftehim dwar jum ta' azzjoni komuni, appoġġjat minn ċentru ta' koordinazzjoni fl-Eurojust. Il-jum ta' azzjoni komuni sar f'Novembru 2013.

Miċ-ċentru ta' koordinazzjoni, id-Desks Spanjoli u Olandiżi assistew l-azzjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ta' nfurzar tal-liġi li twettqu fl-Andorra, Spanja u l-Pajjiżi l-Baxxi. Matul il-laqgħa ta' koordinazzjoni ġiet stabbilita bażi eċċellenti għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet fl-Andorra, jiġifieri Stat terz. Fil-jum ta' azzjoni komuni stess, il-kooperazzjoni pożittiva bejn l-Andorra u l-Eurojust baqgħet għaddejja.

Matul il-jum ta' azzjoni, ġew arrestati tliet suspettati u twettqu diversi tfittxijiet. EUR 60 000 fi flus kontanti u numru ta' vetturi u djar lussużi - inkluż villa vvalutata iktar minn EUR 6 miljuni - kienu maqbuda u l-kontijiet tal-bank iffriżati. Is-suspettati kellhom jiġu pproċessati fil-Pajjiżi l-Baxxi.

### 3.1.8. It-terroriżmu

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 32 | 17 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 3 | 3 |
| Numru ta' SIK | 0 | 1 |

*Il-każijiet ta' terroriżmu naqsu iżda n-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni baqa' stabbli. L-Eurojust appoġġjat SIK waħda li nbdiet fl-2013. Dawn il-każijiet għandhom tendenza li jiġu rreġistrati fl-Eurojust bħala reat indipendenti (14 minn 17-il każ). Spanja u Franza fetħu tliet każijiet kull wieħed. Franza b'ħames każijiet u l-Ġermanja, Spanja, il-Polonja u r-Renju Unit, kull wieħed minnhom b'erba' każijiet, kienu l-Istati Membri l-iktar mitluba.*

Fil-livell tal-Kunsill, it-terroriżmu huwa kkunsidrat b'mod separat minn kwistjonijiet ta' reati organizzati u għalhekk ma jaqax taħt il-kompetenza taċ-ċiklu tal-politika. Dan jibqa' prijorità tal-Eurojust, abbażi tal-impatt tas-soċjetà tal-każijiet ta' terroriżmu iktar milli l-kwantità tal-każijiet irreġistrati.

Laqgħa tattika dwar it-terroriżmu tal-Partit tal-Ħaddiema Kurdu (PKK), bl-isem *Niġġieldu t-terroriżmu tal-PKK*, ġiet organizzata fl-Eurojust fil-31 ta' Jannar. Suġġett simili kien ġie diskuss preċedentement matul laqgħa tattika fl-Eurojust fid-29 ta' Marzu 2007. Peress li fl-2013 kienu għaddejjin diversi investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet relatati mal-PKK, il-laqgħa ddiskutiet kif it-terroriżmu tal-PKK għandu jiġi miġġieled b'mod iktar effikaċi u tat l-opportunità lill-parteċipanti biex jikkondividu l-esperjenzi tagħhom ma' prattikanti oħra.

Fid-19 u l-20 ta' Ġunju ġew organizzati laqgħat strateġiċi u tattiċi dwar it-terroriżmu ġewwa l-Eurojust. Il-laqgħa strateġika kellha l-isem *Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008: valur miżjud u impatt*, u ffokat fuq il-preżentazzjoni tar-rapport għall-2013 tat-TE-SAT, is-16-il ħarġa tat-TCM u l- *Manwal CBRNE tal-Eurojust aġġornat.* L-Eurojust appoġġjat l-istudju ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-qafas legali applikabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-Istati Membri, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/919/ĠAI. F'dan il-kuntest, l-Eurojust abbozzat rapport li jiffoka fuq il-proċeduri tal-qorti fil-perjodu 2010-2012 u r-reati msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas: provokazzjoni pubblika, reklutaġġ, taħriġ, serq aggravat, estorsjoni u l-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi.

Il-laqgħa tattika fl-20 ta' Ġunju, bl-isem *Ġellieda Barranin (Aspiranti) fis-Sirja*, indirizzat it-tema tal-ġellieda li jivvjaġġaw lejn is-Sirja li jġibu magħhom l-esperjenza li jiksbu fil-glied lura lejn l-Ewropa, kif ukoll l-esperjenzi tal-awtoritajiet ġudizzjarji u l-prosekuzzjoni fl-Istati Membri. Ġie

abbozzat rapport abbażi ta' kwestjonarju u r-riżultati tal-laqgħa tattika, li jindirizza l-adegwatezza tal-qafas legali fl-Istati Membri, ir-rispons għall-politika kriminali għal dan il-fenomenu, l-użu tas-sanzjonijiet amministrattivi, u t-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. Dan ir-rapport intbagħat ukoll lill-Koordinatur għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu tal-UE f'Novembru 2013.

Barra minn hekk, l-Eurojust kienet mistiedna għal-laqgħa tal-Kunsill tal-ĠAI fil-5 ta' Diċembru 2013 fejn ġiet diskussa t-tema: *Il-ġlieda kontra t-terroriżmu: Il-pompiera u r-ripatrijati minn perspettiva kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari fir-rigward tas-Sirja*.

L-Eurojust wettqet studji tal-fattibbiltà fid-dawl tal-assoċjazzjoni potenzjali tal-Eurojust ma' żewġ Punti Fokali fi ħdan il-Fajl tal-Ħidma ta' Analiżi tal-Europol (AWF) fuq il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu. Dawn l-istudji kienu sottomessi lill-Europol fi Frar 2013. L-Europol qiegħed jiġbor ir-risposti mill-Istati Membri; xi wħud għadhom neqsin fi tmiem is-sena. L-Eurojust reġgħet ipproduċiet tliet ħarġiet tat-TCM u kkontribwixxiet għall-volum editjat tas-serje ta' dokumenti ta' ħidma taċ-Ċentru għal-Liġi tar-Relazzjonijiet Esterni. Minn Lulju 2009, l-Eurojust saret Osservatur fl-FATF; l-Eurojust attendiet il-laqgħat plenarji tal-FATF f'Ġunju u Ottubru.

Il- **Manwal CBRNE tal-Eurojust aġġornat** Il-Manwal CBRNE tal-Eurojust jipprovdi lill-prattikanti tal-UE b'appoġġ legali multisettorjali speċjalizzat għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet relatati ma' reati transnazzjonali 'kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u ta' splussivi' (CBRNE). Jagħti ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni amministrattiva u kriminali Ewropea u internazzjonali bażika applikabbli għas-sustanzi CBRE, inkluż l-iskart. Il-Manwal CBRNE tal-Eurojust jiġi aġġornat kull sena u kondiviż mal-atturi esterni rilevanti.

Il- **Moniter tal-Kundanni tat-Terroriżmu (TCM)** huwa rapport internazzjonali bbażat fuq informazzjoni ta' sors miftuħ u fih dejta pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI. Jagħti ħarsa ġenerali lejn kundanni u liberazzjonijiet relatati mat-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea kollha kif ukoll informazzjoni analitika u statistika. L-ewwel edizzjoni ta' dan id-dokument pubbliku ta' kull trimestru kienet ippubblikata fl-2008.

It- **Task Force dwar Azzjoni Finanzjarja (FATF)** hija korp inter-governattiv li jfassal il-politika stabbilit fl-1989. L-objettivi tagħha huma li tistabbilixxi standards u tippromwovi l-implimentazzjoni effikaċi ta' miżuri legali, regolatorji u operattivi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-FATF żviluppa *l-40+9 Rakkomandazzjoni* li huma rikonoxxuti bħala l-istandard internazzjonali u tippromwovi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom fuq livell globali.

### 3.1.9. Il-gruppi ta' kriminalità organizzata (mobbli)

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 231 | 257 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 43 | 66 |
| Numru ta' SIK | 5 | 8 |

*Bħal fil-każ tal-ħasil tal-flus, l-involviment tal-MOCGs hija kategorija trasversali u jidher li huwa marbut mill-viċin ma' prijoritajiet ta' kriminalità tal-Eurojust oħra, b'mod partikolari t-traffikar ta' droga, il-ħasil tal-flus u l-frodi. In-numru ta' każijiet żdied u n-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni kważi rdoppja. L-Istati Membri ewlenin li għamlu talba kienu Franza, ir-Rumanija u l-Italja; l-Italja, Spanja u l-Pajjiżi l-Baxxi kienu l-Istati Membri l-iktar mitluba.*

L-MOCGs kienu prijorità tal-Kunsill għall-2011-2013 u għalhekk l-Eurojust ikkontribwixxiet b'mod attiv għal proġett relatat tal-EMPACT. B'mod partikolari, il-miri strateġiċi għall-perjodu 2011-2013 irriflettew l-importanza li jiġu promossi l-prosekuzzjonijiet kontra l-MOCGs, kif ukoll l-investigazzjonijiet finanzjarji biex jinqabad u jiġi kkonfiskat ir-rikavat tal-kriminalità tagħhom. L-Eurojust ħadet sehem f'laqgħa tal-EMPACT dwar l-MOCGs li kienet organizzata f'Ġunju, fejn rappreżentant tal-Eurojust ta preżentazzjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-MOCGs. F'din il-preżentazzjoni, kienu indirizzat sfidi komuni relatati mal-MOCGs u ngħataw eżempji ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet li jikkonċernaw l-MOCGs. Il-preżentazzjoni inkludiet ukoll ħarsa ġenerali tax-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet fir-rigward tal-MOCGs u l-użu tal-SIK.

***Eżempju ta' każ ta' OCG***

Waħda mill-akbar investigazzjonijiet konġunti li ilhom għaddejja fir-reġjun Baltiku (April 2009 sa April 2012) inġiebet fi tmiemha bit-tkissir ta' OCG li jispeċjalizza fis-serq ta' karozzi lussużi. L-OCG li joriġina u jopera mil-Litwanja, seraq 99 karozza lussuża, 56 fl-Estonja u 43 fil-Latvja. L-Eurojust u l-Europol aġixxew bħala faċilitaturi matul l-investigazzjoni.

Tnediet SIK fl-Eurojust taħt il-Proġett ta' Finanzjament tal-SIK mal-awtoritajiet Estonjani, Latvjani u Litwani. Minbarra

l-finanzjament, l-Eurojust ipprovdiet appoġġ ta' koordinazzjoni ġudizzjarja lill-SIK.

F'Ottubru 2013, il-prestazzjoni tal-SIK, ir-riżultati tal-proċess ġudizzarju u l-esperjenza miksuba kienu evalwati mit-tliet awtoritajiet nazzjonali matul laqgħa ta' koordinazzjoni organizzata fl-Eurojust. Il-mexxej tal-SIK Estonjana ddeskriva l-operazzjoni bħala suċċess kbir fejn inkisbet esperjenza siewja u ntlaħqu soluzzjonijiet f'termini ta' kooperazzjoni internazzjonali. L-eżitu ġudizzjarju tal-prosekuzzjoni wassal għal 11-il deċiżjoni tal-qorti u 25 kundanna. Minbarra dan, ingħata kumpens għall-vittmi ta' madwar EUR 550 000. Fl-aħħar nett, l-azzjoni tal-pulizija fixklet l-operazzjonijiet kriminali ta' erba' OCGs relatati magħmula minn ħalliela Litwani li joperaw fl-Estonja u l-Latvja.

### *Eżempju ta' każ ta' OCG*

F'April, il-Litwanja fetħet każ li jimmira OCG involut f'serq internazzjonali ta' vetturi. L-OCG opera mil-Litwanja u kien suspettat b'serq ta' karozzi lussużi u trakkijiet fl-Isvezja, il-Ġermanja, il-Belġju u Franza u li jwassalhom il-Litwanja. L-Eurojust appoġġjat il-każ billi organizzat kemm laqgħa tal-Livell II kif ukoll laqgħa ta' koordinazzjoni. L-Europol ippreżenta dejta analitika, li ntużat matul il-laqgħa ta' koordinazzjoni għall-ippjanar ta' iktar azzjonijiet. Id-dejta analitika kienet tinkludi, *fost l-oħrajn*, analiżi dwar kif inbeda l-każ, l-istruttura tan-netwerk kriminali u l-mod li bih kienu organizzati s-serqiet. Il-laqgħa ta' koordinazzjoni wasslet għal ftehim bejn il-pajjiżi parteċipanti li Franza tieħu f'idejha l-proċeduri ġudizzjarji malli jinħareġ EAW. Il-Litwanja ntrabtet li teżegwixxi t-talbiet għal MLA ta' Franza u l-Isvezja u impenjat ruħha li tiġbor kemm jista' jkun provi.

L-Eurojust ikkontribwixxiet għal inizjattivi oħra fi ħdan il-qafas ta' dan il-proġett tal-EMPACT. Attendiet konferenza dwar is-serq tal-metall f'April li kienet organizzata fi ħdan il-qafas tal-proġett tal-EMPACT. L-Eurojust ikkontribwixxiet ukoll għal seminar dwar l-investigazzjonijiet finanzjarji dwar l-MOCGs li ġie organizzat f'Ottubru 2013.

L-MOCGs kienu identifikati bħala prijorità għall-perjodu 2014-2017, iżda din id-darba b'fokus iktar speċifiku fuq kriminalità organizzata ta' proprjetà. Fil-laqgħa tal-MASP f'Ġunju, intlaħaq ftehim dwar miri strateġiċi ġodda għall-2014-2017, li jirriflettu l-ħtieġa għall-involviment tal-Eurojust biex tappoġġja l-avvanzi mill-attivitajiet ta' intelligence tal-pulizija għal prosekuzzjoni formali.

### Seminar dwar il-Frodi Transkonfinali tas-Sisa: it-theddidiet emerġenti fl-Unjoni Ewropea theddid emerġenti fl-Unjoni Ewropea

Fl-14 u l-15 ta' Novembru, l-Eurojust u l-Presidenza Litwana tal-UE koospitaw seminar strateġiku bl-isem il-Frodi transkonfinali tas-sisa: it-theddid emerġenti fl-Unjoni Ewropea. *Frodi transkonfinali tas-sisa: theddid emerġenti fl-Unjoni Ewropea*. L-uffiċjali mid-dipartimenti tal-politika u l-operazzjonijiet tad-dwana u t-taxxa tal-Istati Membri għaqqdu l-prosekuturi, l-imħallfin u r-rappreżentanti ta' istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE biex jiskambjaw fehmiet dwar l-iskala tal-problema kif ukoll soluzzjonijiet potenzjali u l-aħjar prattika. Il-parteċipanti tas-seminar iddiskutew każijiet kumplessi li jinvolvu l-frodi tas-sisa relatata mas-sigaretti, l-alkoħol u l-karburanti u wrew li din it-tip ta' kriminalità toħloq telf ta' dħul mit-taxxa ta' miljuni ta' euro għal kull Stat Membru fuq it-tabakk, l-alkoħol u l-prodotti tal-enerġija.

Il-parteċipanti ddiskutew in-natura kumplessa u li dejjem tevolvi tal-iskemi ta' frodi fuq is-sisa, permezz ta' liema l-OCGs jisfruttaw id-differenzi u d-dgħjufijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar it-taxxa, id-dwana u l-irkupru tal-assi. Fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni leġiżlattiva ulterjuri, il-parteċipanti identifikaw numru ta' prattiki tajba li jistgħu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri, inkluż l-użu ta' Punti Fokali ddedikati fl-Europol biex jiġbru u janalizzaw l-intelligence, l-assistenza tal-OLAF fit-twaqqif ta' operazzjonijiet doganali konġunti u l-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni u SIK stabbiliti bl-appoġġ tal-Eurojust.

Huwa meħtieġ approċċ multidixxiplinarju, li jinvolvi koope-razzjoni reali bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE kif ukoll l-awtoritajiet tat-taxxa, id-dwana, il-pulizija u dawk ġudizzjarji fl-Istati Membri, biex jiġi indirizzat il-frodi transkonfinali tas-sisa b'mod effikaċi. Peress li l-frodi tas-sisa ġie identifikat bħala wieħed mill-prijoritajiet tal-UE għall-glieda kontra kriminalità serja u organizzata fiċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE għall-2014-2017, wieħed jittama li dan is-seminar iservi bħala l-bażi għal azzjoni ulterjuri f'dan il-qasam.
Il-konklużjonijiet tas-seminar strateġiku sejrin jiġu sottomessi lill-Partijiet ta' Ħidma tal-Kunsill u l-ħruġ ta' *Eurojust News* dwar il-Frodi tal-MTIC sejrin jiġu ppubblikati fil-bidu tal-2014.

# 3.2. L-assistenza tal-Eurojust f'oqsma oħra ta' attività kriminali

## 3.2.1. Reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE (reati PIF)

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 27 | 31 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 5 | 8 |
| Numru ta' SIK | 1 | 1 |

*Fl-2013, in-numru ta' każijiet baqa' stabbli meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Kif deskritt hawn taħt, ir-reati tal-SIK jirraggruppaw tliet tipi ta' reati li rarament jidhru bħala reati awtonomi, l-assoċjazzjonijiet ewlenin tagħhom ikunu ma' frodi, kriminalità organizzata u l-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi. Malta u l-Kroazja kienu l-Istati Membri li fetħu l-iktar każijiet (erbgħa kull wieħed); l-Italja u l-Belġju kienu l-Istati Membri l-iktar mitluba (ħames każijiet kull wieħed).*

Ir-reati tal-SIK huma prijorità ta' kriminalità ġdida tal-Eurojust. Madankollu, il-każijiet li jirrigwardaw reati li huma rrapportati internament fl-Eurojust bħala reati tal-SIK ġew indirizzati preċedentement mill-Eurojust.

F'Mejju, l-Eurojust tat preżentazzjoni dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra *fl-Euro North East IV - Laqgħa tal-Esperti Ewropej dwar il-Falsifikazzjoni tal-Muniti* f'Riga, il-Latvja. Il-preżentazzjoni ffukat fuq il-proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-falsifikazzjoni tal-liġi kriminali, billi tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2000/383/ĠAI.

L-Eurojust ħadet sehem ukoll fis-Seminar Pericles, li ġie organizzat fl-Uffiċċju Ċentrali Kontra l-Frodi fil-Mezzi ta' Ħlas f'Rabat, il-Marokk, f'Settembru. Il-parteċipanti ddiskutew *Strateġija Komuni biex Jitħares l-Euro fiż-Żona tal-Mediterran*, u enfasizzaw l-importanza li tiġi skambjata l-esperjenza u l-għarfien bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi tal-Mediterran u l-Afrika u l-identifikazzjoni tal-fatturi li jimpedixxu jew ifixklu l-koperazzjoni legali u tal-pulizija effikaċi fl-investigazzjonijiet transkonfinali.

***Eżempju ta' każ ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE***

Fi Frar 2010, l-awtoritajiet Franċiżi qabdu seba' tunnellati ta' sigaretti foloz fil-maħżen ta' kumpanija fin-Normandija. Analiżi ta' kampjun tas-sigaretti wriet li jidher li kellhom similaritajiet ma' sigaretti maqbuda fl-Ungerija, il-Polonja u l-Ukrajna fl-2009 u l-2010. B'riżultat tal-investigazzjoni Franċiża, ġew żvelati l-ismijiet tal-kumpaniji involuti fil-falsifikazzjoni tas-sigaretti, u ġiet stabbilita rabta possibbli mar-Renju Unit u l-Ġermanja. Wara l-arrest ta' ċerti suspettati, ġiet żvelata l-eżistenza ta' OCG Ukrain li jopera fil-viċinanzi ta' diversi Stati Membri ġirien. Ġiet identifikata rotta kummerċjali falza li taħbi l-kuntrabandu organizzat u l-importazzjoni ta' sigaretti foloz bejn l-Ukrajna u r-Renju Unit. Individwi u kumpaniji fir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja u r-Repubblika Ċeka nstabu li huma marbuta ma' attivitajiet ta' kuntrabandu.

L-Eurojust intalbet tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet fl-Istati Membri involuti u l-eżekuzzjoni ta' diversi talbiet għal MLA. F'Mejju 2011 ġiet organizzata l-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni, matul liema ġew diskussi l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal MLA li nħarġu preċedentement u l-passi futuri fil-kooperazzjoni. Wara l-arrest tas-suspettat ewlieni, ġie organizzat ċentru ta' koordinazzjoni, imexxi mid-Desk Franċiż. Matul il-jum ta' azzjoni komuni, ġew arrestati sitt suspettati oħra u twettqu diversi tfittxijiet fi djar u kumpaniji fl-istess ħin fil-Ġermanja, l-Italja, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka. F'Novembru 2011, ġiet organizzata laqgħa ta' koordinazzjoni oħra biex jiġi vvalutat l-estent tal-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA. Fit-tielet laqgħa ta' koordinazzjoni, li ġiet organizzata f'Ġunju 2012, ġew diskussi l-kumplament tal-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni. Il-jum ta' wara, l-awtoritajiet Franċiżi organizzaw laqgħa

ta' koordinazzjoni bilaterali mal-Ukrajna, fejn l-Ukrajna assigurat il-possibbiltà ta' ffriżar ta' qabel il-proċess tal-assi tas-suspettat ewlieni.

Bl-ipproċessat tad-dejta fis-CMS tagħha, l-Eurojust stabbilixxiet rabta ma' każ Franċiż ieħor li l-awtoritajiet nazzjonali ma kinux jafu dwaru. L-Europol offra wkoll appoġġ operattiv f'dan il-każ. Il-koordinazzjoni b'suċċess tal-investigazzjoni rriżultat fil-kundanna ta' 11-il suspettat f'Awwissu 2013. Il-mexxej tal-grupp ingħata sentenza ta' 10 snin ħabs. Minbarra dan, numru sinifikanti ta' assi kienu ffriżati u kkonfiskati fi Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Ukrajna u l-qorti ħabret multa doganali ta' kważi EUR 2 miljuni, li għandha titħallas b'mod konġunt minn ħames suspettati. Is-suspettat ewlieni ressaq appell kontra d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Rennes. Dan il-każ kien pendenti fl-2013.

### 3.2.2. Reat ambjentali

| Statistika tar-reati | 2012 | 2013 |
|---|---|---|
| Numru ta' każijiet irreġistrati | 3 | 8 |
| Numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | - | - |
| Numru ta' SIK | - | - |

*Ir-reat ambjentali huwa indirizzat biss b'mod limitat fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet. Għalkemm in-numru ta' każijiet żdied b'mod konsiderevoli matul l-2012, dan jibqa' wieħed baxx. Il-każijiet dwar reat ambjentali u t-traffiku illegali ta' speċi ta' annimali mhedda kienu kkunsidrati f'dan it-tip ta' reat, peress li huma ta' natura simili. Il-każijiet kienu rreġistrati mill-Bulgarija, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, l-Isvezja u s-Slovenja.*

L-SOCTA tal-2013 identifikat reat ambjentali bħala theddida emerġenti fl-Unjoni Ewropea. Ir-reat ambjentali jinvolvi dimensjoni, u jista' jkun serju u organizzat, iżda, minkejja l-importanza dejjem tikber tiegħu għall-Unjoni Ewropea, l-istatistika turi li dawn il-każijiet ħafna drabi ma jwasslux għal prosekuzzjonijiet jew kundanni fl-Istati Membri.

L-Eurojust nediet proġett strateġiku fuq ir-reat ambjentali fir-Rebbiegħa 2013. Il-proġett strateġiku sejjer jivvaluta l-istatus tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tar-reat ambjentali u l-ħtiġijiet tal-prattikanti f'dan il-qasam speċifiku, jidentifika l-ostakoli għall-prosekuzzjoni ta' reat ambjentali, u jidentifika l-aqwa prattika u soluzzjonijiet biex itejjeb l-effiċjenza tal-istrumenti legali eżistenti.

Bħala parti mill-proġett strateġiku, intbagħat kwestjonarju għall-prosekuzzjoni ta' reat kriminali, b'mod partikolari t-traffikar illegali ta' skart u speċijiet mhedda, lill-Istati Membri, l-Istati Uniti u n-Norveġja. Abbażi ta' 27 tweġiba, twettqet analiżi fid-dettall tal-progress madwar l-Ewropa kollha.

***Eżempju ta' każ ta' reat ambjentali***

OCG li jopera fl-Isvezja, ir-Renju Unit u l-Finlandja kien issuspettat li għandu bajd tal-għasafar selvaġġi kkumerċjalizzat b'mod illegali fuq skala kbira. Instabu iktar minn 200 bajda ta' għasafar selvaġġi fir-residenza ta' waħda mill-persuni ħatja. Fir-Renju Unit, persuna nstabet ħatja b'diversi reati: ix-xiri ta' bajd, il-bejgħ u l-offerti ta' bajd għal bejgħ, u l-pussess ta' bajd tal-għasafar bi ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-UE dwar l-organiżmi slavaġ. Din il-persuna ametiet li hija ħatja u ġiet ikkundannata għal 220 siegħa ta' servizz komunitarju għal kummerċ illegali ta' bajd ta' għasafar selvaġġi u rari.

Fl-Isvezja, inħarġet akkuża għal reati ta' kaċċa, ir-riċeviment ta' rikavat tal-kaċċa, u reati kontra l-protezzjoni ta' speċi mhedda. Huwa mifhum li l-attivitajiet kriminali seħħew bejn l-2003 u l-2010. Ħafna mill-bajd miġbur u kkummerċjalizzat jitħares mil-leġiżlazzjoni tal-UE li timplimenta l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (Konvenzjoni CITES) fil-liġi tal-UE (Regolament tal-Kunsill 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom).

L-Eurojust kellha rwol essenzjali fil-każ, kemm fl-assistenza tat-twaqqif u l-parteċipazzjoni f'SIK bejn il-Finlandja u l-Isvezja, u pprovdiet finanzjament kruċjali. Minbarra r-rwol ta' koordinazzjoni tagħha, fejn iffaċilitat il-komunikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva, il-finanzjament tal-Eurojost tal-SIK ipprovda valur miżjud ċar billi ppermetta lil espert estern - ornitologu - ikun involut fl-investigazzjoni.

**Lejn koordinazzjoni msaħħa ta' prosekuzzjonijiet ta' reat ambjentali madwar l-UE kollha:**

**Ir-rwol tal-Eurojust**

Saret laqgħa strateġika tal-Eurojust, bl-isem *Lejn koordinazzjoni mtejba tal-prosekuzzjonijiet ta' reat ambjentali madwar l-UE kollha: Ir-rwol tal-Eurojust*, li ġiet organizzata b'mod konġunt man-Netwerk Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent (ENPE), fl-Eurojust fis-27 u t-28 ta' Novembru 2013. Il-valur potenzjali tal-Eurojust kien innotat f'dawn l-oqsma li ġejjin: il-faċilitazzjoni u l-koordinazzjoni tat-talbiet għal MLA, il-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattika, is-sensibilizzazzjoni tar-reat ambjentali u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' Stati terzi. Il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, għandha ssir fuq bażi iktar regolari permezz tal-involviment bikri tal-Eurojust.

Il-laqgħa strateġika segwiet fuq kwestjonarju għall-prattikanti li jindirizza kwistjonijiet fuq livell nazzjonali relatati mal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reat ambjentali, it-traffikar illegali tal-iskart u t-traffikar ta' speċi mhedda. Sejjer jiġi sottomess rapport li fost l-oħrajn jinkludi, *fost l-oħrajn*, sommarju tal-konklużjonijiet tal-laqgħa strateġika, lis-Segretarjat tal-Kunsill fil-bidu tal-2014 u ħruġ ta' *Eurojust News* dwar it-tema kien ippubblikat f'Diċembru u huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Eurojust.

Abbażi tal-kwistjonijiet identifikati u l-esperjenza miksuba, il-proġett strateġiku sejjer jibqa' għaddej fl-2014 biex jinstabu r-rakkomandazzjonijiet għall-partijiet interessati rilevanti.

### 3.2.3. Piraterija marittima

Mill-2009, l-Eurojust organizzat laqgħat ta' koordinazzjoni regolari ddedikati lill-fenomenu tal-piraterija marittima u l-konsegwenzi tagħha għall-Istati Membri affettwati. B'appoġġ għal dawn il-laqgħat ta' koordinazzjoni, li jipprovdu pjattaforma għall-prattikanti involuti f'investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kontinwi, il-proġett għall-iżvilupp *ta' Moniter Ġudizzjarju ta' Piraterija Marittima*, li nbeda mill-Eurojust fl-2012, laħaq l-għan tiegħu bil-pubblikazzjoni tal-ewwel ħruġ tal-MPJM. L-MPJM twaqqaf għall-fini li jinkoraġġixxi l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-prosekutturi li jittrattaw il-każijiet ta' piraterija marittima.

Fil-biċċa l-kbira tiegħu mibni minn informazzjoni mitluba u pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali permezz tad-Desks Nazzjonali, l-MPJM huwa maqsum f'sitt kapitoli. It-tliet kapitoli ewlenin fihom il-qafas legali dwar il-piraterija marittima, lezzjonijiet mitgħallma u analiżi tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

L-MPJM kien ippreżentat lill-parteċipanti fil-laqgħa ta' koordinazzjoni dwar il-każ operattiv dwar il-piraterija marittima li sar fit-12 ta' Settembru. L-MPJM sejjer jiġi aġġornat kull 18-il xahar.

### 3.2.4. Punt ta' Kuntatt tal-Eurojust għall-Protezzjoni tat-Tfal

Bħala riżultat ta' laqgħa informali tal-Ministri tal-ĠAI fl-2007, matul liema l-protezzjoni tat-tfal kienet waħda mit-temi ta' diskussjoni ewlenin, l-Eurojust ħatret Membru Nazzjonali biex ikun il-Punt ta' Kuntatt għall-Protezzjoni tat-Tfal fi kwistjonijiet bħal tfal mitlufin, abbuż sesswali tat-tfal, traffikar ta' tfal u abbuż ta' tfal.

Il-Punt ta' Kuntatt għall-Protezzjoni tat-Tfal jikkoopera mal-Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea kontra l-isfrut-tament kummerċjali tat-tfal online (EFC) u l-Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Online, u għandu kuntatti mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Uniti permezz tal-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tat-Tfal bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet, it-tipi l-iktar frekwenti ta' reati li jaffettwaw it-tfal kienu l-abbuż sesswali, it-THB u l-immaġini ta' abbuż tat-tfal. Fl-2013, l-Eurojust ittrattat 40 każ ta' reati kontra t-tfal, inkluż żewġ każijiet irreġistrati min-Norveġja. Mill-2004, l-Eurojust irreġistrat 235 każ li jinvolvu vittmi li huma tfal. Barra minn hekk, l-Eurojust kienet involuta f'SIK waħda dwar reati kontra tfal u organizzat tliet laqgħat ta' koordinazzjoni.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra reati serji u organizzati bejn l-2014 u l-2017 identifikaw bħala prijorità l-ħtieġa li jiġu miġġielda r-reati ċibernetiċi li jikkawżaw dannu serju għall-vittmi tagħhom, bħall-isfruttament sesswali tat-tfal online. F'dan il-kuntest, tnieda studju fl-2013 dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet magħżula tal-Kunsill tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali

u l-Abbuż Sesswali fl-Istati Membri. L-istudju jorbot mal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-Kunsill tal-Ewropa u huwa partikolarment f'waqtu peress li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-istrument primarju tal-UE f'dan il-qasam, id-Direttiva 2011/92/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, hija t-18 ta' Diċembru 2013. L-istudju jiffoka fuq l-użu ta' operazzjonijiet sigrieti, li-protezzjonijiet proċedurali disponibbli għall-vittmi u l-penali imposti f'kull Stat Membru għal reati relatati mal-produzzjoni u t-tixrid ta' immaġini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

# 3.3. Relazzjonijiet tal-Eurojust

## 3.3.1. Relazzjonijiet ma' Stati terzi u l-organizzazzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea

**Ftehimiet ta' kooperazzjoni** Fl-2013, l-Eurojust ikkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni mal-Prinċipat ta' Liechtenstein li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Novembru. F'Diċembru, l-Eurojust issottomettiet lill-Kunsill għall-approvazzjoni, l-abbozz ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Eurojust.

**Il-Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust** Il-preżenza ta' Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust, tħaffef u tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Istati terzi, jew billi jgħinu jistabbilixxu kuntatt dirett jew billi jservu bħala kollegament bejn l-awtoritajiet nazzjonali. L-Eurojust kellha tliet Prosekuturi ta' Kollegament issekondati mill-Istati terzi (il-Kroazja, in-Norveġja u l-Istati Uniti). Qabel l-adeżjoni tal-Kroazja, il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Kroazja, il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Kroazja rreġistra erba' każijiet fl-Eurojust. Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja rreġistra 51 każ, li prinċipalment jindirizzaw it-traffikar ta' droga u r-reati kontra l-ħajja, il-persuna jew il-libertà personali.

**Xogħol fuq każijiet li jinvolvu Stati terzi** L-Eurojust ipprovdiet assistenza f'249 okkażjoni fejn kienu involuti Stati terzi. It-tipi ta' reati ewlenin f'dawn il-każijiet kienu l-kuntrabandu u l-frodi, il-ħasil tal-flus u reati kriminali relatati oħra, it-traffikar ta' droga u każijiet relatati mal-OCGs. L-Istati terzi l-iktar involuti b'mod frekwenti kienu l-Isvizzera (48 okkażjoni), in-Norveġja (33), l-Istati Uniti (23) u l-Kroazja (21), segwiti mis-Serbja (15) u t-Turkija (12). L-Istati terzi kienu rrappreżentanti f'47 laqgħa ta' koordinazzjoni. L-Istati terzi involuti b'mod frekwenti fil-laqgħat ta' koordinazzjoni kienu l-Isvizzera (15), segwita min-Norveġja (12), l-Istati Uniti (9) u l-Kroazja (6).

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ħafna drabi talbu l-assistenza biex jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA u jidentifikaw id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti fi Stati terzi. L-ostakoli tal-lingwa u l-eżekuzzjoni li tieħu ħafna żmien tat-talbiet għal MLA fi Stati terzi ħolqu diffikultajiet fil-kooperazzjoni ġudizzjarja.

**Il-punti ta' kuntatt tal-Eurojust fl-Istati terzi** Il-Ġeorġja u t-Tajwan ġew miżjuda man-netwerk tal-Eurojust ta' punti ta' kuntatt fi Stati terzi. L-Eurojust kompliet wkoll tappoġġja inizjattivi kontinwi fil-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari l-proġett tal-Kummissjoni *Il-Ġlieda kontra r-reati u l-korruzzjoni organizzata: It-tisħiħ tan-Netwerk tal-Prosekuturi*. L-assistenza pprovduta mill-punti ta' kuntatt tal-Eurojust fi Stati Membri terzi nstabet li hija utli u effikaċi, b'mod partikolari l-punti ta' kuntatt miall-Balkani tal-Punent.

F'Diċembru, l-Eurojust tat diversi preżentazzjonijiet f'sessjoni ta' ħidma organizzata mill-Ministru tal-Intern Sloven dwar l-użu tal-SIK fil-ġlieda kontra t-THB fil-Balkani tal-Punent fil-livell lokali. Il-preżentazzjonijiet koprew il-bażi legali internazzjonali u legali għall-użu tal-SIK, ir-rwol tal-Eurojust fil-formazzjoni u l-operazzjoni tal-SIK, kif ukoll l-esperjenza tal-Eurojust fir-rigward tal-każijiet tat-THB fejn hija stabbilita SIK.

L-MtQ ma' IberRed iffaċilita l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Amerika Latina. Id-Desk Spanjol u Portugiż tal-Eurojust kellhom rwol attiv bħala mezz għax-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet. Fejn l-Istat Membri bagħtu uffiċjali fi Stati terzi, l-Eurojust identifikat din ir-riżorsa bħala utli biex isir progress fil-każijiet.

L-Eurojust attendiet għal-laqgħa ministerjali tal-ĠAI tas-7 u 8 ta' Ottubru dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, jiġifieri l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina, u ppreżentat materji legali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, diffikultajiet prattiċi u l-aqwa prattika abbażi tax-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet.

F'Ottubru, l-Eurojust ospitat ukoll żjara ta' studju ta' professjonisti tal-ġustizzja kriminali Moldovana, organizzata mill-UNODC. Iż-żjara ta' studju kienet relatata mal-proġett dwar ir-rispons tal-ġustizzja kriminali għat-THB li l-UNODC qiegħed jimplimenta fil-Moldova. Il-fokus ewlieni taż-żjara lejn il-Pajjiżi l-Baxxi kienet il-perspettiva tal-istituzzjonijiet tal-ġustizzja kriminali tal-UE dwar iċ-ċiberkriminalità, l-investigazzjonijiet proattivi u l-SIK fil-ġlieda kontra t-THB.

## 3.3.2. L-aġenziji u l-korpi tal-UE

### Europol

F'konformità mal-Ftehim tal-2009 bejn l-Eurojust u l-Europol biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, saru sforzi ulterjuri biex tittejjeb il-kooperazzjoni strateġika u operattiva. L-Europol huwa msieħeb sinifikanti, kif rifless fir-referenza tat-Trattat ta' Lisbona għar-rwol ta' koordinazzjoni tal-Eurojust li huwa bbażat fuq l-'informazzjoni fornita mill-Istati Membri u l-Europol' u kif evidenzjat mix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust. Rapport annwali konġunt dwar il-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Europol huwa sottomess lill-Kunsill u l-Kummissjoni; ir-rapport għall-2012 kien sottomess f'April 2013.

**Kooperazzjoni operattiva** Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet ibbenefikat mill-parteċipazzjoni tal-Europol f'53 każ u 75 laqgħa ta' koordinazzjoni matul l-2013. Il-vantaġġ tal-iskambju bikri ta' informazzjoni huwa ċar mill-kooperazzjoni fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet.

L-Eurojust ikkontribwixxiet għar-rapporti tal-SOCTA u t-TE-SAT. Barra minn hekk, f'Lulju l-Eurojust organizzat laqgħa bejn il-Maniġers tal-Proġett u tan-Negozju tal-Punti Fokali tal-Europol u r-rappreżentant tal-Eurojust għall-Punti Fokali biex jiġu kkondiviżi l-esperjenzi u tiġi diskussa l-kooperazzjoni fil-prattika. L-Eurojust iffirmat tliet assoċjazzjonijiet ġodda ma' Punti Fokali f'AWF dwar il-Kriminalità Organizzata Serja u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu flimkien ma' 17-il assoċjazzjoni oħra li huma diġà stabbiliti.

**Iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3)** Fl-1 ta' Jannar 2013, bdew l-attivitajiet operattivi tal-EC3 u l-Eurojust, skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fit-28 ta' Marzu 2012, *Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità f'Din l-Era Diġitali: it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità*, appoġġjat mix-xogħol tal-EC3 permezz tal-ħatra ta' Membru Nazzjonali għall-Bord ta' Programm u t-tqegħid temporanju ta' membru tal-persunal għall-EC3, biex jiġi ffaċilitat l-iskambju immedjat ta' informazzjoni u l-appoġġ tal-Eurojust għal investigazzjonijiet fejn huwa meħtieġ segwitu ġudizzjarju.

**Kooperazzjoni strateġika** Kienu organizzati laqgħat regolari fil-livell ta' ħidma u maniġerjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet. Barra minn hekk, iż-żewġ organizzazzjonijiet involvew lil xulxin fl-avvenimenti tagħhom, b'mod partikolari s-seminars u l-laqgħat strateġiċi tal-Eurojust tal-Kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol. Il-programmi ta' skambju tal-persunal ta' suċċess baqgħu għaddejjin. Dawn huma ospitati reċiprokament fl-Eurojust u l-Europol, u jżidu l-għarfien dwar is-servizzi u l-funzjonament taż-żewġ organizzazzjonijiet.

***Eżempji ta' każ ta' ċiberkriminalità***

F'każ li jikkonċerna s-serq ta' informazzjoni ta' karti tal-kreditu jew 'skimming', ġie ffirmat ftehim tal-SIK f'April 2013 u ġie pprovdut finanzjament tal-Eurojust. Ġiet organizzata laqgħa operattiva fl-Europol u jum wara kienet segwita minn laqgħa ta' koordinazzjoni fl-Eurojust. L-ewwel jum tal-laqgħa operattiva fl-Europol kien organizzat għall-fini li tiġi ddirezzjonata u skambjata l-informazzjoni, u fit-tieni jum ġew ikkoordinati l-objettivi operattivi, l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fl-Eurojust. L-Eurojust ħadmet mat-Terminal tal-Punt Fokali tal-Europol. Dan il-każ huwa eżempju tal-aqwa prattika fejn il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet kienet eċċellenti u kienet stabbilita fiduċja reċiproka.

Każ ieħor ikkonċerna wieħed mill-attakki ċibernetiċi l-iktar kbar magħrufa s'issa. L-attakki fuq il-prevenzjoni tal-ispam u fuq ditta tas-sigurtà tal-Internet. L-iskala kbira ta' attakki kkawżaw tfixkil fis-servizz tal-Internet għal miljuni ta' utenti madwar id-dinja. L-arrest rapidu ta' suspettat u tfittxija f'dar kienu possibbli minħabba l-isforzi ta' koordinazzjoni tal-Eurojust u grazzi għall-kooperazzjoni rapida u effikaċi mal-Uffiċċju ta' Kollegament ikkonċernat fl-Europol.

### OLAF

Biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u reati oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, ġie nnegozjat il-Ftehim Prattiku tal-2008 dwar l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-OLAF.

**Kooperazzjoni operattiva** L-Eurojust u l-OLAF ħadmu flimkien fuq erba' każijiet fl-2013; tnejn kienu għadhom pendenti mis-snin preċedenti, u l-Eurojust irreġistrat żewġ każijiet ġodda fl-2013 bl-involviment tal-OLAF. L-OLAF attendiet laqgħa ta' koordinazzjoni waħda. Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet turi li l-attendenza konġunta tal-Eurojust u l-OLAF fil-laqgħat ta' koordinazzjoni għenet biex issib rabtiet aħjar ma' każijiet fi Stati Membri oħra u biex tingħata ħarsa ġenerali iktar fil-fond lejn ir-reati transkonfinali kumplessi tal-PIF.

Każijiet ta' PIF ta' 'Stat Membru wieħed' (Artikolu 3(3) Deċiżjoni tal-Eurojust) ħafna drabi rriżultaw li huma - wara skrutinju mill-qrib - Każijiet ta' PIF ta' 'diversi Stati Membri' (Artikolu 3(1) Deċiżjoni tal-Eurojust). Għalhekk, ħafna iktar Stati Membri kienu involuti milli kien previst oriġinarjament.

L-involviment tal-Eurojust u/jew l-OLAF f'każ ta' PIF huwa suġġett għal valutazzjoni każ b'każ u jeħtieġ kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' numru ta' parametri. Dawn jinkludu l-valur miżjud tal-involviment tagħhom fil-każ inkwistjoni u l-impatt possibbli fuq l-investigazzjoni li tkun għaddejja. Il-komunikazzjoni tajba bejn l-Eurojust, l-OLAF u l-awtoritajiet nazzjonali hija essenzjali biex jiġi spjegat u mifhum in-nuqqas ta' involviment tal-Eurojust jew l-OLAF f'każijiet fejn il-parteċipazzjoni tagħhom jaf fil-bidu tidher rilevanti.

**Kooperazzjoni strateġika** Il-laqgħat tat-tim ta' kollegament regolari baqgħu għaddejjin b'fokus fuq l-2013 dwar kif jiġu ġġenerati iktar każijiet konġunti u dwar kooperazzjoni iktar mill-qrib. L-Eurojust organizzat l-ewwel sessjoni ta' taħriġ għall-investigaturi tal-OLAF f'Diċembru. Huma previsti sforzi ulterjuri biex jinħolqu linji gwida u kriterji għall-kooperazzjoni, inkluż l-iskambju ta' sommarji tal-każijiet.

## 3.4. L-isfidi u l-aqwa prattika fix-xogħol fuq il-każijiet

**Kwistjonijiet ġenerali** Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet hija varjata, u b'hekk tagħmilha diffiċli biex saħansitra jiġu enfasizzati xi ftit denominaturi komuni sinifikanti. Il-biċċa l-kbira tal-każijiet jikkonċernaw talbiet għal assistenza legali li saru mill-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni u ġudizzjarji fl-Unjoni Ewropea, li huma rregolati fil-biċċa l-kbira tagħhom mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1959 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali u l-Konvenzjoni Ewropea tas-sena 2000 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Konvenzjonijiet MLA). Kompiti oħra importanti huma relatati mal-eżekuzzjoni tal-EAWs mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Il-ħidma u l-kwistjonijiet relatati ma' tipi ta' reati speċifiċi, mal-laqgħat ta' koordinazzjoni u ċ-ċentri ta' koordinazzjoni u l-SIK, huma spjegati x'imkien ieħor; għalhekk, din is-sezzjoni tindirizza kwistjonijiet ġenerali relatati mal-MLA u l-EAWs. Meta wieħed jieħu dan l-approċċ ġenerali, numru ta' każijiet juru d-diffikultajiet li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' komunikazzjoni xierqa u effiċjenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali involuti. Din il-kwistjoni hija u minn dejjem kienet vitali għall-Eurojust, u l-intervent tal-Eurojust huwa importanti ħafna. In-nuqqas ta' ftehim u n-nuqqas ta' għarfien tas-sistemi legali barranin u r-regoli u l-istrutturi tagħhom jwassal għal diffikultajiet li l-Eurojust jgħin biex jingħelbu. L-MLA u l-EAWs xorta għadhom mhumiex parti mill-attività ta' kuljum għall-biċċa l-kbira tal-imħallfin u l-prosekuturi madwar l-Ewropa kollha.

L-Eurojust tista' tassisti fl-aspetti kollha tal-MLA. Id-Desks Nazzjonali jifhmu d-dettalji tas-sistemi nazzjonali tagħhom u għandhom netwerks solidi f'pajjiżhom li jistgħu jibbażaw fuqhom. Jistgħu jipprovdu pariri dwar l-abbozzar tat-talbiet għal MLA, jispjegaw kif għandha tiġi interpretata l-konvenzjoni tal-MLA fid-dawl tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u jassistu fit-tħaffif ta' talbiet għal MLA speċifiċi. L-importanza li jkun magħruf li talba tkun ġiet indirizzata u li tinkiseb skadenza għall-eżekuzzjoni tagħha ma għandhiex tiġi sottovalutata. L-Eurojust uriet li hija mezz importanti meta l-kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali - il-proċedura ġenerali fil-każijiet MLA - ma ħadmitx. Fl-interventi tagħha, l-Eurojust insistiet dwar l-importanza ta' komunikazzjoni tajba. Il-faċilitazzjoni tal-Eurojust tal-konsultazzjoni preliminari u proattiva bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji li jagħmlu talba u dawk mitluba ssolvi l-problemi legali u prattiċi iktar malajr u b'mod iktar effiċjenti. Is-segwitu għall-eżekuzzjoni tal-MLA jista' wkoll ikun kruċjali għall-kooperazzjoni b'suċċess.

L-Eurojust tassisti wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali biex isolvu diffikultajiet li joriġinaw minn nuqqas ta' armonizzazzjoni fir-regoli nazzjonali, pereżempju fir-rigward tas-sorveljanza elettronika u miżuri investigattivi speċjali. Ir-regoli proċedurali madwar l-Ewropa baqgħu pjuttost differenti u l-miżuri li huma permessi jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli. Meta jinġabru l-provi minn sistema legali oħra, il-provi għandhom iktar tard ikunu pprovati quddiem il-qrati fl-Istat Membru li jagħmel it-talba.

Fir-rigward tal-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, il-Kulleġġ tal-Eurojust kellu f'każ partikolari, l-opportunità li jinterpreta l-kliem 'rifjuti rikorrenti jew diffikultajiet rikorrenti li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal, u d-deċiżjonijiet dwar, il-kooperazzjoni ġudizzjarja'. Il-Kulleġġ ma sabx li s-sitwazzjoni speċifika fil-każ kienet koperta minn dak il-kliem. Għalhekk, l-esperjenza tal-Eurojust turi li hemm diffikultajiet biex jiġi żgurat jekk dawn ir-'rifjuti jew id-diffikultajiet rikorrenti' jirreferux għal (i) talba waħda, (ii) iktar minn talba waħda jew (iii) jekk din il-valutazzjoni għandhiex titwettaq fuq bażi ta' każ b'każ, irrispettivament min-numru ta' talbiet. Għalhekk, l-Eurojust sejra tissuġġerixxi li dan il-kliem ikun iċċarat fl-abbozz il-ġdid tar-Regolament dwar l-Eurojust.

**Mandati ta’ Arresti Ewropej** Fl-2013, kienu rreġistrati 217 każ li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tal-EAWs fl-Eurojust. Id-Desk Pollakk għamel l-iktar numru ta’ talbiet għal għajnuna fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-EAWs, segwit mid-Desk Awstrijak, Belġjan u Bulgaru. Id-Desk Taljan irċieva l-akbar numru ta’ talbiet għall-eżekuzzjoni ta’ EAWs, segwit mid-Desk Spanjol u tar-Renju Unit.

L-Eurojust tassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-eżekuzzjoni rapida tal-EAWs, pereżempju, billi tiżgura li l-eżekuzzjoni ma tkunx tista’ tiġi rrifjutata skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI dwar il-Mandat ta’ Arrest Ewropew bħala riżultat ta’ kunflitti ta’ ġurisidizzjoni. Pereżempju, f’każ ta’ traffikar ta’ droga li qiegħed jiġi investigat mill-awtoritajiet f’żewġ Stati Membri, numru ta’ suspettati jistgħu jiġu arrestati f’wieħed mill-Istati Membri u l-awtoritajiet ta’ Stat Membru ieħor jistgħu jfittxu li joħorġu EAWs għall-istess suspettati. L-Eurojust tista’ tgħin biex issolvi kunflitt potenzjali ta’ ġurisdizzjoni qabel ma jitressqu l-EAWs billi jitlaqqgħu flimkien l-Istati Membri biex jiddeċiedu liema Stat Membru jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jibda proċess.

Fl-2013, infetħu sitt każijiet fl-Eurojust bħala riżultat tal-ħruġ ta’ EAWs konfliġġenti skont l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta’ Arrest Ewropew. Dawn il-każijiet kollha ngħalqu b’suċċess wara l-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Eurojust tal-2011 *għall-proċeduri interni dwar l-għoti ta’ opinjoni tal-Eurojust fil-każ tal-Mandati ta’ Arrest Ewropej*. Ir-rwol tal-Eurojust f’dawn il-każijiet inkluda wkoll l-għoti ta’ informazzjoni dwar ir-regoli legali u proċedurali fis-seħħ fi Stati Membri oħra u r-rakkomandazzjoni tal-użu ta’ għodod ta’ kooperazzjoni ġudizzjarja f’każijiet xierqa, bħaċ-ċediment temporanju tal-persuna mitluba jew il-ħruġ ta’ talba għal MLA sabiex ikunu jistgħu jittieħdu dikjarazzjonijiet jew ix-xhieda jiġu intervistati permezz ta’ vidjokonferenzi.

Waħda mill-isfidi prattiċi ewlenin li jiffaċċjaw l-awtoritajiet nazzjonali hija relatata mar-rekwiżiti ta’ lingwa tal-EAW. L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta’ Arrest Ewropew jipprevedi li l-EAWs għandhom jiġu tradotti fil-lingwa tal-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni. Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet juri diversi każijiet ta’ diffikultajiet fil-fehim tad-dokumenti tradotti rċevuti kif ukoll problemi fl-ilħuq tal-ispejjeż għall-assigurazzjoni tat-traduzzjoni f’waqtha tal-EAWs qabel ma jinħarġu.

**L-iffriżar tal-ordnijiet, il-konfiska u l-irkupru tal-assi**
Minkejja d-Deċiżjoni Qafas f’dan il-qasam, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u r-regoli proċedurali fis-seħħ fir-rigward tal-iffriżar tal-ordnijiet, il-konfiska u l-irkupru tal-assi jvarjaw b’mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Dawn id-differenzi jistgħu jagħmlu l-prosekuzzjoni ta’ suċċess ta’ dawn il-każijiet tkun waħda ta’ sfida kbira peress li, fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma jistgħux jeżegwixxu t-talbiet għal MLAs biex jidentifikaw u jiffriżaw il-proċeduri ta’ reat jew biex jirrikonoxxu l-ordnijiet ta’ konfiska maħruġa mill-qorti ta’ Stati Membri oħra, jekk ir-regoli fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra jkunu differenti b’mod sinifikanti.

L-Eurojust tkompli tgħin biex issolvi xi wħud minn dawn id-diffikultajiet, kemm permezz tal-involviment tagħha fix-xogħol fuq il-każijiet u permezz ta’ attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni. Fl-2013, ix-xogħol fuq il-każijiet f’dan il-qasam iffoka fuq li jingħataw pariri lill-awtoritajiet nazzjonali dwar ir-rekwiżiti legali u proċedurali differenti fit-tqegħid u l-għajnuna lill-awtoritajiet ta’ investigazzjoni u prosekuzzjoni biex jaġixxu flimkien fl-eżekuzzjoni tal-ordinijiet ta’ ffriżar. F’Marzu, l-Eurojust ħarġet ukoll rapport dwar il-konfiska abbażi ta’ nuqqas ta’ kundanna u rrispondiet għal kwestjonarju tal-Kummissjoni li sejjer jifforma l-bażi ta’ *Studju legali komparattiv dwar l-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet biex jiġu ffriżati u kkonfiskati l-assi kriminali fl-Unjoni Ewropea.*

**Kampjun tal-prodotti tal-Eurojust**











# Il-Fokus tas-Sena tal-Eurojust: SIK ta' evalwazzjoni

4

# Proġett fuq l-evalwazzjoni tal-SIK

- Kif tidentifika każijiet xierqa għal SIK?
- Kif tiffaċilita l-ftuħ ta' investigazzjonijiet paralleli fil-pajjiżi differenti involuti qabel it-twaqqif tal-SIK?
- Meta l-SIK tkun fis-seħħ, kif jiġu skambjati l-intelligence u l-provi?
- Il-miżuri investigattivi kif inhuma kkoordinati u mwettqa?
- L-ammissibbiltà tal-provi kif inhi żgurata fil-pajjiżi differenti?
- X'valur miżjud iġġib magħha l-SIK għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każ?

Dawn huma xi wħud mill-mistoqsijiet li l-proġett dwar l-evalwazzjoni tal-SIK li nbeda min-Netwerk tal-Esperti Nazzjonali dwar l-SIK fl-2013 beħsiebu jwieġeb. F'Ottubru 2012, bħala parti mill-konklużjoni tat-Tmien Laqgħa Annwali tagħhom, l-Esperti Nazzjonali taw il-kompitu lis-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK biex jibdew u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' formola standard biex tassisti l-evalwazzjoni tal-SIK fil-livell nazzjonali.

Il-proġett għandu żewġ objettivi:

L-ewwel nett, dan għandu jassisti l-prattikanti biex jevalwaw il-prestazzjoni tal-SIK f'termini tar-riżultati milħuqa. Għaxar snin wara d-data ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar l-SIK, 2002/465/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002, dawn għadhom għodda ta' kooperazzjoni kemxejn ġdida; l-awtoritajiet ġudizzjarji u ta' infurzar u tal-liġi ħafna drabi jesprimu interess li jiddiskutu l-valur miżjud u n-nuqqasijiet possibbli tal-SIK 'tagħhom' wara l-għeluq tagħha. Il-formola ta' evalwazzjoni tal-SIK sejra tipprovdi 'lista ta' verifika' ulti għal dan il-għan.

It-tieni nett, il-ġbir tad-dejta ta' evalwazzjoni jsaħħaħ l-għarfien tal-SIK billi jiffaċilita l-identifikazzjoni tal-isfidi legali u prattiċi ewlenin esperjenzati u s-soluzzjonijiet misjuba. F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni tista' tipprovdi informazzjoni siewja kemm għan-Netwerk tal-SIK kif ukoll il-partijiet interessati esterni. Fl-livell tal-UE, ma twettqet ebda evalwazzjoni komprensiva tal-effikaċja tal-SIK. Għalhekk, ir-rispons irċevut mill-prattikanti permezz tal-formola ta' evalwazzjoni jista' jkun ta' valur f'dan ir-rigward.

Il-formola kienet abbozzata mis-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK b'koordinazzjoni ma' unitajiet kompetenti oħra tal-Eurojust u b'konsultazzjoni mal-Europol. Biex jiġi żgurat li jiġu sodisfatti l-istennijiet tal-prattikanti, tinkorpora wkoll il-kontribut irċevut mid-Desks Nazzjonali tal-Eurojust u mill-membri tan-Netwerk tal-SIK. Il-formola ta' evalwazzjoni tal-SIK kienet adottata mill-Esperti Nazzjonali matul id-Disa' Laqgħa Annwali f'Ġunju 2013.

Il-formola ta' evalwazzjoni tal-SIK hija għodda kwalitattiva u meta tkun kompluta mhux sejra tinkludi dejta personali; in-nuqqas ta' dejta personali jiffaċilita l-użu ulterjuri tal-informazzjoni rċevuta. Peress li l-SIK huma eżerċizzju konġunt, il-mexxejja tal-SIK huma mħeġġa li jimlew il-formola flimkien kull meta jkun possibbli. L-evalwazzjoni għandha ssir wara l-għeluq tal-SIK u għandha tiġi appoġġjata wara l-fażi ta' proċess biex tinġabar id-dejta rilevanti dwar l-isfidi possibbi quddiem il-qrati nazzjonali relatati mal-attivitajiet tal-SIK dwar il-kundanni.

Biex titwettaq l-evalwazzjoni, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, sejra tiġi organizzata laqgħa finali bejn l-imsieħba tal-SIK wara t-tmiem tal-investigazzjoni. L-Eurojust tista' tappoġġja dan il-proċess jew billi toffri post għal-laqgħa jew finanzjarjament permezz ta' għotja lill-SIK.

Wara l-adozzjoni tal-formola mill-Esperti Nazzjonali, is-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK beda proċess ta' ħidma li jiddefinixxi l-passi meħtieġa għall-evalwazzjoni effikaċi tal-SIK. Ġiet żviluppata verżjoni 'interattiva' tal-formola b'kooperazzjoni mal-Unità ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni u ttestjata minn diversi Esperti Nazzjonali. L-użu ta' din il-verżjoni tal-formola sejjer jippermetti li d-dejta ta' evalwazzjoni tiġi importata b'mod awtomatiku fid-database li sejjer jiġi ġestit mis-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK. Din l-għodda sejra tintuża fis-snin li ġejjin biex tappoġġja l-ħolqien ta' rapporti kwalitattivi u kwantitattivi dwar l-SIK.

L-evalwazzjoni tal-SIK saret f'żewġ okkażjonijiet separati fl-Eurojust. F'Ġunju 2013, ġew organizzati żewġ laqgħat ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-SIK appoġġjati mill-Eurojust, li jippermettu li l-formola tiġi ttestjata u l-kontenut tagħha jiġi aġġustat skont il-ħtiġijiet operattivi.

L-eżitu ta' dawn l-evalwazzjonijiet diġà pprovda informazzjoni siewja. Pereżempju f'każ ta' traffikar ta' droga partikolari, ġiet enfasizzata l-ħtieġa għal skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn l-imsieħba fl-SIK biex tiġi żgurata koordinazzjoni tajba tal-attivitajiet investigattivi u s-self ta' apparat ta' komunikazzjoni mill-Eurojust permezz tal-finanzjament tal-SIK ġie deskritt f'dan il-kuntest bħala fattur ewlieni fis-suċċess tiegħu. Fil-preżenza ta' investigazzjonijiet paralleli li mhux neċessarjament isegwu

l-istess mudell, l-imsieħba fl-SIK ħassew ukoll il-bżonn li jiddiskutu kunflitti possibbli ta' ġurisdizzjoni kemm jista' jkun minn qabel, filwaqt li jittieħed inkonsiderazzjoni l-impatt potenzjali ta' din il-kwistjoni fuq l-eżekuzzjoni tal-EAWs.

L-evalwazzjoni tista' tgħin ukoll biex tidentifika l-aħjar prattika. F'każ ta' kuntrabandu ta' immigranti illegali, pereżempju, l-imsieħba fl-SIK iddeċiedew li jikkombinaw l-isforzi tagħhom biex jiksbu kooperazzjoni mill-pajjiż tal-oriġini tal-immigranti illegali.

Għaldaqstant, it-talbiet għal MLA maħruġa mill-imsieħba fl-SIK kienu kkoordinati u sottomessi fl-istess waqt sabiex ikun enfasizzat l-approċċ komuni.

F'ħafna każijiet s'issa, l-esperjenza tat-twaqqif u t-tħaddim ta' SIK kienet pożittiva. L-SIK huma deskritti mhux biss bħala għodda ta' kooperazzjoni effiċjenti imma wkoll bħala mezz fejn titgħallem minn sistemi legali, metodi ta' ħidma u kulturi professjonali oħra.




# Tema

## Żviluppi leġiżlattivi

# Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill: Evalwazzjoni

**Qafas legali** Il-qafas legali tal-Eurojust kien rivedut fl-2008, wara l-inizjattiva ta' 14-il Stat Membru u l-Kummissjoni Ewropea, sabiex jissaħħaħ l-Eurojust u tittejjeb l-effettività operazzjonali.

L-objettivi ewlenin tad- *Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja*, huma kif ġej:

- Jissaħħaħ l-istatus tal-Membri Nazzjonali u l-kapaċitajiet operazzjonali tad-Desks Nazzjonali;
- Jissaħħu s-setgħat tal-Membri Nazzjonali u tar-rwol tal-Kulleġġ;
- Titrawwem il-koordinazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt għall-Eurojust/terroriżmu/NĠE/SIK/reati tal-gwerra/irkupru tal-assi/korruzzjoni fil-livell nazzjonali;
- Jiżdied l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet nazzjonali; u
- Jissaħħu r-relazzjonijiet ta' ħidma tal-Eurojust mal-Istati terzi u l-imsieħba bħal Frontex.

**Il-fażi tal-evalwazzjoni – x'jaħdem u fejn hemm bżonn titjib?** L-implimentazzjoni prattika u l-operazzjoni fl-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eurojust u l-NĠE huma soġġetti għas-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi. Fl-Istati Membri qegħdin isiru evalwazzjonijiet bejn il-pari fuq perjodu ta' tliet snin (mill-2012 sal-2014). Fl-2013, l-evalwazzjonijiet saru fil-pajjiżi li ġejjin: Franza, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, ir-Renju Unit, l-Italja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, ir-Rumanija u l-Latvja. Skont il-qafas legali tiegħu, il-Kulleġġ tal-Eurojust beda jipprepara l-ikkummissjonar ta' evalwazzjoni indipendenti esterna tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-impatt tagħha fuq il-prestazzjoni tal-Eurojust fil-kisba tal-għanijiet tagħha.

# Ir-riforma tal-Eurojust: Perspettivi fil-ġejjieni

**L-immodernizzar tal-Eurojust** Fid-dawl tat-Trattat ta' Lisbona u l-Artikolu 85 tat-TFUE, it-Task Force dwar il-Ġejjieni tal-Eurojust kompliet ir-riflessjonijiet tagħha dwar ir-riforma tal-Eurojust, speċjalment il-missjoni u l-qafas tagħha. Il-kontribuzzjonijiet tal-Kulleġġ ġew sottomessi lill-Kummissjoni Ewropea fil-fażi preparatorja għall-qafas legali rivedut dwar l-istruttura tal-Eurojust, l-evalwazzjoni, is-setgħat u l-SIK, ir-relazzjonijiet mal-Europol, l-OLAF, l-NĠE u l-EPPO tal-ġejjieni, il-kooperazzjoni mal-Istati terzi, l-aċċess għad-dokumenti u l-protezzjoni tad-dejta. Il-qafas legali l-ġdid tal-Eurojust sejjer ikun adottat permezz ta' regolament u, għaldaqstant, sejjer ikun vinkolanti fid-dispożizzjonijiet tiegħu direttament applikabbli fl-Istati Membri.

**Ir-relazzjoni tal-Eurojust mal-EPPO** It-Trattat ta' Lisbona jħalli spazju għall-immanuvrar fl-għażliet għar-rwol imtejjeb għall-Eurojust fil-ġlieda kontra r-reati li jaffettwaw b'mod ħażin l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod iktar effettiv, kif ukoll għat-twaqqif ta' EPPO 'mill-Eurojust' abbażi tal-Artikolu 86 tat-TFUE. L-attivitajiet tat-Task Force dwar il-Ġejjieni tal-Eurojust iffokaw fuq l-elaborazzjoni ta' sinerġiji possibbli funzjonali u amministrattivi bejn l-Eurojust u EPPO tal-ġejjieni bil-għan li tkun żgurata komplementarjetà tal-kompetenzi, li tippermetti interazzjoni operazzjonali u effiċjenza fl-infiq.

***Seminar tal-Eurojust – L-abbozz il-ġdid tar-regolament dwar l-Eurojust: Titjib fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali?***

Is-seminar tal-Eurojust sar l-Aja fl-14 u l-15 ta' Ottubru, fejn ittieħed approċċ multidixxiplinari li għaqqad il-perspettivi u l-fehmiet tal-akkademiċi, il-prattikanti u r-rappreżentanti nazzjonali tat-28 Stat Membru.

Iktar minn 153 rappreżentant ipparteċipaw mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE inkluż il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, il-JSB tal-Eurojust, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, rappreżentanti tal-Europol u l-Membri Nazzjonali tal-Eurojust u l-amministrazzjoni.

Is-suġġetti tad-diskussjoni kienu:

**L-istruttura u l-governanza tal-Eurojust** Il-Proposta għal Regolament dwar l-Eurojust tissuġġerixxi diviżjoni bejn rwol superviżorju u eżekuttiv relatat mal-maniġment u rwol operazzjonali fil-funzjonijiet ta' appoġġ ġudizzjarju. Il-parteċipanti ddiskutew il-kamp ta' applikazzjoni, ir-rekwiżiti u l-valur miżjud ta' dawn ir-rwoli.

**Kompiti, kompetenzi u setgħat** Għalkemm il-possibbiltajiet offruti mill-Artikolu 85 TFUE biex jingħataw setgħat addizzjonali lill-Eurojust ma ġewx sfruttati kompletament, il-parteċipanti ħassew li l-bidliet proposti f'forma ta' Regolament sejrin ikollhom impatt deċisiv. Ingħata appoġġ lid-dimensjoni proattiva tal-mandat tal-Eurojust.

**Relazzjonijiet mal-Istati terzi u l-imsieħba tal-UE** Il-parteċipanti esprimew l-opinjoni li l-Eurojust għandu jiġi perċepit bħala attur globali fil-ġustizzja kriminali internazzjonali; għandu jkun punt uniku bejn l-Istati Membri u l-Istati terzi fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet b'rabtiet lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Il-Prosekuturi ta' Kollegament u l-punti ta' kuntatt ġew ikkonfermati bħala mezz ta' konnessjoni għall-Istati terzi. Ir-riflessjonijiet tad-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-Eurojust u tal-Europol tqiesu bħala essenzjali għall-effettività fil-kooperazzjoni operazzjonali konformi maż-żewġ mandati kumplimentari. Il-Proposta għal Regolament dwar l-Eurojust ma tiddiskutix is-simplifikazzjoni tat-talbiet bejn l-Eurojust u l-NĠE. F'dan il-kuntest, il-parteċipanti semmew l-użu potenzjali ta' funzjoni li tiffiltra fl-ENCS.

**Relazzjonijiet bejn l-Eurojust u l-EPPO** Il-bżonn li tkun rispettata l-komplementarjetà tal-mandat tal-Eurojust bħala l-unità tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea kien enfasizzat. Id-disinn ta' EPPO fil-ġejjieni hu u sejjer ikun fiċ-ċentru tan-negozjati fix-xhur li ġejjin, u l-kapaċitajiet ta' appoġġ amministrattiv u operazzjonali tal-Eurojust sejrin jeħtieġu attenzjoni bir-reqqa.

Il-President tal-Eurojust ikkonkluda s-seminar billi qal: *'Il-proposta dwar l-Eurojust jista' ma tkunx pass rivoluzzjonarju 'l quddiem, imma sejrin fid-direzzjoni ta' evoluzzjoni pożittiva. Din il-konferenza stimulanti ntemmet imma d-dibattitu ta' ispirazzjoni għadu kif beda. L-Eurojust huwa motivat ħafna u lest biex b'mod attiv jipparteċipa u jikkontribwixxi l-esperjenza tiegħu bħala prattikant fl-iffurmar tal-ġejjieni tiegħu.'*

Ir-rapport tas-seminar huwa ppubblikat bħala dokument tal-Kunsill 17188/1/13 REV1 tal-4 ta' Diċembru 2013. Il-ħarġa ta' *Eurojust News* dwar l-EPPO, ippubblikata f'Mejju, hija disponibbli fuq il-websajt tal-Eurojust.

**Il-Proposti tal-Kummissjoni bħala pakkett: 'l hekk imsejħa 'relazzjoni speċjali'** Il-Kummissjoni Ewropea ħatfet l-opportunità pprovduta mit-Trattat ta' Lisbona biex fis-17 ta' Lulju toħroġ Proposta għar-Regolament tal-Eurojust biex timmodernizza lill-Eurojust u Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' EPPO li jkollu responsabbiltà għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet rigward offiżi kontra l-interessi finanzjarji tal-UE. In-negozjati mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar iż-żewġ Proposti sejrin isegwu proċeduri leġiżlattivi differenti. Filwaqt li r-Regolament dwar l-Eurojust sejjer isegwi l-proċedura ordinarja ta' kodeċiżjoni, ir-Regolament li jwaqqaf l-EPPO jeħtieġ proċedura leġiżlattiva speċjali.
















EUROJUST














# Anness 1: Aċċess pubbliku għad-dokumenti

Skont l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni li jiġu Adottati Regoli Rigward l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-Eurojust (adottata mill-Kulleġġ tat-13 ta' Lulju 2004), l-Eurojust irid jinkludi informazzjoni dwar in-numru ta' talbiet għall-aċċess għad-dokumenti li huwa rrifjuta, u r-raġunijiet għal dawn iċ-ċaħdiet, fir-rapport annwali tiegħu. L-inklużjoni ta' din l-informazzjoni f'sezzjoni ddedikata tar-rapport annwali tal-Eurojust u mhux f'rapport separat iddedikat għall-aċċess għad-dokumenti, fid-dawl ta' numru relattivament baxx ta' talbiet irċevuti, intlaqgħet mill-Ombudsman Ewropew fir-rapport tiegħu wara ż-żjara tiegħu lill-Eurojust f'Ġunju tal-2012 (OI/8/2012/OV paragrafu 22).

Fl-2013 kien hemm żieda fin-numru ta' talbiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti, li ammontat għall-26 talba inizjali u żewġ applikazzjonijiet konfermatorji (fl-2012, kien hemm 17-il talba inizjali u applikazzjoni konfermatorja waħda). Minn dawn it-talbiet inizjali, 24 minnhom ġew irċevuti direttament mill-Eurojust. L-Eurojust kienet ikkonsultata bħala parti terza fiż-żewġ każijiet addizzjonali wara t-talbiet irċevuti minn istituzzjonijiet Ewropej oħra.

Tnejn u għoxrin mis-26 talba ma kienux relatati ma' każijiet. F'sebgħa minn dawn it-22 talba, ingħata aċċess sħiħ. F'waħda mit-talbiet għaż-żewġ dokumenti, ingħata aċċess parzjali għal dokument wieħed imma ġie rifjutat għat-tieni wieħed, peress li d-divulgazzjoni tiegħu tqieset li timmina l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Eurojust (l-Artikolu 4(3) it-tieni inċiż tad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-Eurojust li jiġu Adottati Regoli Rigward l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-Eurojust tal-2004, li hawnhekk tissejjaħ – 'ir-Regoli dwar l-Aċċess għad-Dokumenti'). Mill-14-il każ li jibqa', jew l-Eurojust ma żammx id-dokumenti mitluba (tmien talbiet) jew kienet meħtieġa kjarifika ulterjuri biex jiġi identifikat id-dokument (sitt talbiet). L-Eurojust bagħat talba għal kjarifika (l-Artikolu 6(2) tar-Regoli dwar l-Aċċess għad-Dokumenti) fir-rigward ta' kull waħda minn dawn is-sitt talbiet, imma l-applikanti ma segwewx it-talbiet tagħhom.

Fir-rigward tal-erba' talbiet biex ikunu aċċessati dokumenti relatati ma' każijiet, ġiet approvata parzjalment talba waħda wara reviżjoni tad-dokument biex titħassar id-dejta personali tal-partijiet terzi fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regoli dwar l-Aċċess għad-Dokumenti. F'talba oħra, ingħata aċċess għall-istqarrijiet għall-istampa u statistiċi rigward il-każijiet tal-Eurojust, peress li dawn id-dokumenti kienu diġà disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt tal-Eurojust. Fiż-żewġ talbiet li jibqa' ma ngħatax aċċess, peress li r-rilaxx tad-dokument tqies li jimmina l-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust fit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, l-investigazzjonijiet nazzjonali u l-prosekuzzjonijiet li fihom tassisti l-Eurojust, it-twettiq tas-segretezza professjonali (l-Artikolu 4(1)(a), il-ħames, is-sitt u s-seba' inċiż tar-Regoli dwar l-Aċċess għad-Dokumenti), l-integrità tal-individwi (l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regoli dwar l-Aċċess għad-Dokumenti) u/jew il-protezzjoni tal-proċeduri tal-qorti u l-avviż legali (l-Artikolu 4(2) it-tieni inċiż tar-Regoli dwar l-Aċċess għad-Dokumenti).

# Anness 2: Segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fil-15 ta' Novembru, il-Kunsill tal-ĠAI adotta Konklużjonijiet dwar il-ħdax-il Rapport Annwali tal-Eurojust (14919/13). Bħal fis-snin preċedenti, l-Eurojust jirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet. Hawn taħt hija disponibbli tabella li tindika fejn tista' tinstab iktar informazzjoni fl-oqsma fejn il-Kunsill għamel rakkomandazzjonijiet.

| Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill | Segwitu |
|---|---|
| Biex jiġu adottati għodod adegwati u oġġettivi għall-evalwazzjoni tal-Eurojust fl-2014. | L-Eurojust qiegħed jipprepara evalwazzjoni indipendenti esterna tal-Eurojust skont l-Artikolu 41 a tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. Il-Kummissjoni Ewropea sejra tiġi kkonsultata dwar it-termini ta' referenza. |
| Biex ikompli jingħata appoġġ, inkluż dak finanzjarju, il-ħolqien, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-SIK u biex ikomplu jiġu żviluppati l-aqwa prattiki u skambji ta' informazzjoni dwar esperjenza ġudizzjarja u riżultati tal-każijiet. | L-Eurojust appoġġjat 102 u ffinanzjat 34 SIK fl-2013. L-Eurojust sejra tkompli tiffinanzja l-SIK u sejra tagħmel dan mill-baġit regolari peress li l-għotjiet irċevuti mill-Kummissjoni waslu fi tmiemhom. *Ara* s-sezzjonijiet 1.3 u 2.4 u l-Kapitolu 4: 'Il-fokus ta-sena'. |
| Biex tinzamm il-prattika tiegħu li jiġi assoċjat l-Europol, fejn xieraq, fil-proċess ta' koordinazzjoni fir-rigward ta' każijiet sottomessi lill-Eurojust u biex tinstab komplementarjetà fix-xogħol rispettiv tagħhom fl-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali. | L-Europol kien involut f'53 każ u pparteċipa f'75 laqgħa ta' koordinazzjoni fl-Eurojust. *Ara* s-sezzjoni 3.3.2 u l-eżempji ta' każijiet. |
| Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-OLAF fuq każijiet relatati ma' frodi, korruzzjoni u reati oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. | L-OLAF u l-Eurojust ħadmu flimkien fuq erba' każijiet. *Ara* s-sezzjoni 3.3.2. |
| Biex ikun appoġġjat b'mod attiv u tinxtered l-aħjar prattika fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-EAWs u, fejn xieraq, jitlaqqgħu laqgħat bejn l-awtoritajiet kompetenti bil-għan li jfittxu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet rikorrenti. | Fl-2014, il-Presidenza Griega u l-Eurojust sejrin jorganizzaw seminar strateġiku dwar l-EAW. Il-Forum Konsultattiv sejjer jindirizza wkoll dan is-suġġett. |
| Biex ikun ivvalutat jekk jiġux organizzati iktar laqgħat tal-Korrispondenti Nazzjonali għall-Eurojust. | L-Eurojust sejra tospita t-tieni laqgħa tal-Korrispondenti Nazzjonali għall-Eurojust fl-2014. |
| Biex isir rapportar dwar is-segwitu li ngħata għall-informazzjoni rċevuta skont l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust u r-rispons ipprovdut lill-prattikanti skont l-Artikolu 13a tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. | *Ara* s-sezzjoni 2.3.<br>Sejra ssir valutazzjoni ulterjuri matul l-evalwazzjoni li sejra tkun ikkummissjonata fl-2014, fejn jitqies ir-riżultat tal-evalwazzjonijiet reċiproċi fl-Istati Membri. |
| Biex titmexxa 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-konnessjonijiet siguri li jippermettu aċċess lis-CMS fil-livell nazzjonali għall-Istati Membri kollha. | L-Eurojust irrapportat dwar il-progress miksub lill-Kunsill u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16b tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. *Ara* s-sezzjoni 2.3 u d-Dokument tal-Kunsill 12582/13 tad-19 ta' Lulju 2013. |
| Biex ikun evalwat it-twaqqif ta' Sistema Permanenti ta' Koordinazzjoni tal-Għassa f'każijiet urġenti skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. | *Ara* s-sezzjoni 1.2.2.<br>Sejra ssir valutazzjoni matul l-evalwazzjoni li sejra tkun ikkummissjonata fl-2014. |

# Anness 3: Statistiċi tal-każijiet tal-Eurojust

*Figura 1 - Xogħol fuq il-każijiet mill-2009 sal-2013*




*Figura 2 - Każijiet bilaterali u multilaterali mill-2009 sal-2013*



## *Figura 3 - Każijiet bilaterali u multilaterali miftuħa mill-Istat Membru*




| | Bilaterali | Multilaterali |
|---|---|---|
| BE | 37 | 16 |
| BG | 65 | 5 |
| CZ | 58 | 18 |
| DK | 37 | 5 |
| DE | 32 | 21 |
| EE | 34 | 6 |
| IE | 22 | 3 |
| EL | 31 | 2 |
| ES | 40 | 19 |
| FR | 35 | 45 |
| HR | 4 | 5 |
| IT | 78 | 23 |
| CY | 17 | 0 |
| LV | 33 | 8 |
| LT | 31 | 7 |
| LU | 31 | 5 |
| HU | 57 | 10 |
| MT | 25 | 2 |
| NL | 32 | 10 |
| AT | 80 | 14 |
| PL | 83 | 7 |
| PT | 80 | 9 |
| RO | 55 | 10 |
| SI | 72 | 19 |
| SK | 20 | 4 |
| FI | 37 | 4 |
| SE | 58 | 14 |
| UK | 81 | 16 |

## *Figura 4 - Stati Membri li għamlu talba/li saritilhom talba*




| | Li jagħmel talba | Li saritlu talba |
|---|---|---|
| BE | 53 | 123 |
| BG | 70 | 63 |
| CZ | 76 | 71 |
| DK | 42 | 57 |
| DE | 53 | 222 |
| EE | 40 | 40 |
| IE | 25 | 45 |
| EL | 33 | 64 |
| ES | 59 | 237 |
| FR | 80 | 172 |
| HR | 9 | 33 |
| IT | 101 | 194 |
| CY | 17 | 76 |
| LV | 41 | 48 |
| LT | 38 | 43 |
| LU | 36 | 52 |
| HU | 67 | 86 |
| MT | 27 | 33 |
| NL | 42 | 188 |
| AT | 94 | 99 |
| PL | 90 | 101 |
| PT | 89 | 71 |
| RO | 65 | 121 |
| SI | 91 | 44 |
| SK | 24 | 77 |
| FI | 41 | 44 |
| SE | 72 | 63 |
| UK | 97 | 186 |

## *Figura 5 - Każijiet mill-Prosekuturi ta' Kollegament mill-2009 sal-2013*




## *Figura 6 - Tipi ta' reati ta' prijorità tal-Eurojust*



## *Figura 7 - Stati terzi fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet*




| Informazzjoni Ġenerali | Nru ta' każijiet |
|---|---|
| Numru totali ta' każijiet ma' Stati terzi | 188 |
| Numru totali ta' Stati terzi involuti | 47 |

## *Figura 8 - Involviment ta' Stati mhux Membri, imsieħba tal-UE & organizzazzjonijiet internazzjonali fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet*



## *Figura 9 - Tipi ta' reati ewlenin li jinvolvu Stati terzi*




## *Figura 10 - Laqgħat ta' koordinazzjoni: Stati Membri*




| | Bilaterali | Multilaterali |
|---|---|---|
| BE | 12 | 43 |
| BG | 7 | 12 |
| CZ | 7 | 13 |
| DK | 7 | 10 |
| DE | 14 | 51 |
| EE | 5 | 3 |
| IE | 0 | 2 |
| EL | 2 | 4 |
| ES | 13 | 45 |
| FR | 45 | 21 |
| HR | 0 | 2 |
| IT | 23 | 20 |
| CY | 0 | 10 |
| LV | 8 | 6 |
| LT | 11 | 6 |
| LU | 0 | 8 |
| HU | 1 | 16 |
| MT | 0 | 6 |
| NL | 9 | 56 |
| AT | 9 | 13 |
| PL | 3 | 12 |
| PT | 2 | 9 |
| RO | 1 | 20 |
| SI | 8 | 5 |
| SK | 1 | 3 |
| FI | 2 | 10 |
| SE | 8 | 12 |
| UK | 15 | 33 |

*Figura 11 - Laqgħat ta' koordinazzjoni: Stati mhux Membri, imsieħba tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali*




*Figura 12 – Okkorrenza tat-tipi ta' kriminalità* f'laqgħat ta' koordinazzjoni*




* Laqgħa waħda ta' koordinazzjoni tista' tittratta iktar minn tip wieħed ta' kriminalità

*Figura 13 - Laqgħat ta' koordinazzjoni:*




*Figura 14 - L-Eurojust u l-SIK*



## *Figura 15 - Numru ta' każijiet tal-Artikolu 13*




| Artikolu 13 | | Nru ta' każijiet |
|---|---|---|
| Artikolu 13(5) | JITs | 35 |
| Artikolu 13(6)(a) | Reati serji | 103 |
| Artikolu 13(6)(b) | Involviment ta' organizzazzjoni kriminali | 48 |
| Artikolu 13(6)(c) | Riperkussjonijiet fil-livell tal-UE | 22 |
| Artikolu 13(7)(a) | Kunflitti ta' ġurisdizzjoni | 20 |
| Artikolu 13(7)(b) | Kunsinni kkontrollati | 9 |
| Artikolu 13(7)(c) | Diffikultajiet ripetuti fl-eżekuzzjoni tat-talbiet | 14 |

## *Figura 16 - Eżekuzzjoni tal-EAWs: L-Istati Membri li jagħmlu talba/mitluba*



© Eurojust, 2014

*Id-drittijiet kollha riservati. Ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta jew użata fi kwalunkwe forma b'xi mod, grafiku, elettroniku jew mekkaniku, inkluż fotokopjar, reġistrazzjoni, rekordjar, jew ħżin ta' informazzjoni u sistemi ta' irkupru, mingħajr il-permess tal-Eurojust.*

Grazzi lill-unitajiet kollha għall-kontribuzzjoni tagħhom.

Ritratti: Jakov Minić, Michel Mees, Leen De Zutter

978-92-95084-57-5
ISSN: 1831-4279
DOI: 10.2812/5714

**EUROJUST**

Maanweg 174, 2516 AB The Hague, il-Pajjiżi l-Baxxi
Telefown: +31 70 412 5000 - E-mail: info@eurojust.europa.eu - Website: www.eurojust.europa.eu